**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2607**

**tas-17 ta' Diċembru 2025**

**li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għaż-żebgħat, il-verniċi u l-prodotti relatati dekorattivi, għall-kisjiet ta' rendiment u l-prodotti relatati, u għaż-żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2014/312/UE**

*(notifikata bid-dokument C(2025) 8879)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti b'impatt ambjentali mnaqqas matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprevedi li għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE skont il-gruppi ta' prodotti.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2014/312/UE ([2]) stabbiliet il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għall-grupp ta' prodotti "żebgħa u verniċ ta' barra u ta' ġewwa". Dawn il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati huma validi sal-31 ta' Diċembru 2025.

(4) Hemm bżonn ta' żewġ settijiet separati ta' kriterji għaż-żebgħat, il-verniċi u l-prodotti relatati dekorattivi, u għall-kisjiet ta' rendiment u l-prodotti relatati (li qabel kienu jissejħu "żebgħa u verniċ ta' ġewwa u ta' barra") biex jirriflettu aħjar l-aħjar prattika fis-suq u biex iqisu l-iżviluppi tal-politika, l-opportunitajiet futuri potenzjali għal żieda fl-użu u fid-domanda tas-suq għal prodotti sostenibbli. Huwa meħtieġ tielet sett ta' kriterji ġodda għaż-żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma, grupp addizzjonali ta' prodotti b'suq li potenzjalment jista' jikber.

(5) F'konformità ma' dawk il-konklużjonijiet u wara li ġie kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE, huwa xieraq li l-grupp ta' prodotti "żebgħa u verniċ ta' ġewwa u ta' barra" jinqasam f'żewġ gruppi ta' prodotti, "żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi" u "kisjiet ta' rendiment u prodotti relatati". Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġi estiż ukoll biex ikopri l-grupp il-ġdid ta' prodotti "żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma".

(6) Ir-rapport dwar il-kontroll tal-idoneità tal-Ekotikketta tal-UE ([3]) tat-30 ta' Ġunju 2017, li jirrieżamina l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 66/2010, ikkonkluda li jeħtieġ li jiġi żviluppat approċċ aktar strateġiku għall-Ekotikketta tal-UE, li jinkludi r-raggruppar ta' kriterji ta' gruppi ta' prodotti relatati mill-qrib fejn xieraq.

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2010/66/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/312/UE tat-28 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra u ta' ġewwa (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/312/oj).
([3]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (COM(2017) 355 final).

(7) Il-pjan ta' azzjoni l-ġdid dwar l-ekonomija ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva ([4]) adottat fil-11 ta' Marzu 2020 jissottolinja li d-durabbiltà, l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, u r-rekwiżiti tal-marka tal-karbonju u ambjentali jridu jiġu inklużi b'mod aktar sistematiku fil-kriterji tal-Ekotikketta.

(8) Il-kriterji riveduti tal-Ekotikketta tal-UE għaż-żebgħat, il-verniċi u l-prodotti relatati dekorattivi, għall-kisjiet ta' rendiment u l-prodotti relatati, u għaż-żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma jenħtieġ li jkollhom l-għan li jippromwovu prodotti li għandhom impatt ambjentali limitat matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, li jiġu prodotti bl-użu ta' proċessi effiċjenti fl-użu tal-materjali u tal-enerġija. B'mod partikolari, dawk il-kriterji jenħtieġ li jippromwovu prodotti li għandhom impatti limitati f'termini ta' emissjonijiet fl-ilma u fl-arja matul il-produzzjoni, emissjonijiet ta' sustanzi volatili matul l-applikazzjoni, u li jkun fihom biss ammont limitat ta' sustanzi perikolużi. Il-kriterji jenħtieġ li jinkoraġġixxu wkoll l-użu effiċjenti tal-prodott u jirrakkomandaw kif għandu jiġi ttrattat il-prodott mhux użat, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ċirkolari.

(9) Il-kriterji l-ġodda u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u ta' verifika jenħtieġ li jkunu validi sal-31 ta' Diċembru 2032, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu ta' innovazzjoni tal-gruppi ta' prodotti.

(10) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2014/312/UE titħassar.

(11) Matul perjodu tranżitorju, il-manifatturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għaż-żebgħat u l-verniċi ta' ġewwa u ta' barra abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2014/312/UE, ikollhom biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom sabiex jikkonformaw mal-kriterji u mar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Għal perjodu limitat wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-manifatturi jitħallew ukoll jissottomettu applikazzjonijiet abbażi tal-kriterji stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2014/312/UE jew tal-kriterji l-ġodda stabbiliti b'din id-Deċiżjoni. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2014/312/UE jenħtieġ li jibqgħu validi għal 18-il xahar mid-data li fiha tiġi adottata din id-Deċiżjoni.

(12) Iż-żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma jenħtieġ li ma titqiesx bħala sostitut xieraq għaż-żebgħat konvenzjonali f'applikazzjonijiet fuq skala kbira, kemm għas-superfiċi tal-ħitan kif ukoll għal dawk tas-soqfa. Dan minħabba li r-rata ta' kopertura tipika tagħhom ma taqbiżx 2,0 $m^2$ għal kull litru, b'kuntrast għaż-żebgħat konvenzjonali, li ġeneralment jiksbu rata ta' kopertura ta' mhux inqas minn 8,0 $m^2$ għal kull litru.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-grupp ta' prodotti "żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi" għandu jinkludi ż-żebgħat ta' ġewwa u ta' barra, il-verniċi, il-likwidi li jlewnu l-injam u l-primituri li l-iskop primarju tagħhom huwa li jagħtu karatteristiċi dekorattivi lill-bini u lit-tirqim, lill-fittings u lill-istrutturi assoċjati tiegħu u li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-subkategoriji 1.1(a) sa (h) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

Il-prodotti taż-żebgħa dekorattiva għandhom jinkludu bażijiet għall-għoti ta' lewn ħafif u sfumaturi differenti tal-kulur miksuba billi jingħata lewn ħafif, predefiniti mill-manifattur jew fuq talba personalizzata tal-konsumaturi (professjonali jew mhux professjonali) lill-operaturi tas-sistemi għall-għoti ta' lewn ħafif.

Iż-żebgħat jew il-verniċi dekorattivi li mhumiex koperti mid-Direttiva 2004/42/KE u li huma fornuti f'forma ta' trab jew ta' granuli, u li jridu jiġu dilwiti u mħallta mal-ilma qabel l-użu għal skopijiet dekorattivi, għandhom jiġu inklużi wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-grupp ta' prodotti jekk jiġu kkummerċjalizzati għall-użu f'konformità ma' waħda mis-subkategoriji 1.1(a) sa (h) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE.

([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva (COM(2020) 98 final) (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 94).
([5]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

2. Il-grupp ta' prodotti "żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi" ma għandux jinkludi dan li ġej:

(a) kisjiet ta' rendiment kif definit fis-subkategoriji 1.1(i) u 1.1(j) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(b) kisjiet b'ħafna kuluri kif definit fis-subkategorija 1.1(k) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(c) kisi b'effett dekorattiv kif definit fis-subkategorija 1.1(l) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(d) kisi antifouling;

(e) preservattivi tal-injam;

(f) kwalunkwe sistema oħra tal-kisi kkummerċjalizzata bħala li għandha effetti antimikrobiċi, antibatteriċi, antivirali, diżinfettanti jew bijoċidali primarji oħra għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem jew relatati mal-istandards tal-iġjene fl-industrija tal-ikel jew tax-xorb, fis-servizzi tas-saħħa jew fi kwalunkwe settur ieħor, li jestendu lil hinn mill-preservazzjoni fil-bott u l-preservazzjoni tar-rita niexfa (jiġifieri, lil hinn mit-tipi ta' prodotti bijoċidali 6 u 7 kif definiti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ([6]);

(g) kisjiet u sistemi tal-kisi ddisinjati għall-użu fi proċessi industrijali, bħal kisjiet f'forma ta' trab applikati bħala trab fuq is-substrati u kisjiet li jitwebbsu bir-radjazzjoni UV;

(h) kisjiet maħsuba primarjament għall-vetturi;

(i) żjut u xemgħat tal-injam;

(j) materjali għall-mili, ġibs, materjali għall-mili tal-fili, aġenti li jissiġillaw u adeżivi;

(k) żebgħa b'bażi ta' siment;

(l) żebgħat fi sprej aerosol;

(m) żebgħat għas-sinjali tat-triq.

*Artikolu 2*

1. Il-grupp ta' prodotti "kisjiet ta' rendiment u prodotti relatati" għandu jinkludi ċerti prodotti tal-kisi ta' rendiment li jkun fihom pakkett wieħed u li jkun fihom diversi pakketti li l-iskop primarju tagħhom huwa li jagħtu karatteristiċi ta' rendiment speċjali lill-bini u lit-tirqim, lill-fittings u lill-istrutturi assoċjati tiegħu u li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-subkategoriji 1.1(i) u 1.1(j) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE.

Il-grupp ta' prodotti għandu jinkludi kisjiet tal-art, kisjiet kontra l-korrużjoni, kisjiet ta' impermeabbilizzazzjoni, żebgħat tar-radjaturi u kwalunkwe primitura assoċjata maħsuba għall-użu mill-konsumaturi u mill-utenti professjonali fil-bini u fit-tirqim, fil-fittings jew fl-istrutturi assoċjati tagħhom.

2. Il-grupp ta' prodotti "kisjiet ta' rendiment u prodotti relatati" ma għandux jinkludi dan li ġej:

(a) kisjiet antifouling;

(b) preservattivi tal-injam;

(c) kwalunkwe sistema oħra tal-kisi kkummerċjalizzata bħala li għandha effetti antimikrobiċi, antibatteriċi, antivirali, diżinfettanti jew bijoċidali primarji oħra għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem jew relatati mal-istandards tal-iġjene fl-industrija tal-ikel jew tax-xorb, fis-servizzi tas-saħħa jew fi kwalunkwe settur ieħor, li testendi lil hinn mill-preservazzjoni fil-bott u l-preservazzjoni tar-rita niexfa (jiġifieri, lil hinn mit-tipi ta' prodotti bijoċidali 6 u 7 kif definiti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012);

(d) kisjiet u sistemi tal-kisi ddisinjati għall-użu fi proċessi industrijali, bħal kisjiet f'forma ta' trab applikati bħala trab fuq is-substrati u sistemi tal-kisi li jitwebbsu bir-radjazzjoni UV;

(e) kisjiet maħsuba primarjament għall-vetturi;

---

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

(f) żjut u xemgħat tal-injam;

(g) materjali għall-mili, ġibs, materjali għall-mili tal-fili, aġenti li jissiġillaw u adeżivi;

(h) żebgħa b'bażi ta' siment;

(i) kisjiet iddisinjati biex jagħtu ritrardività tal-fjammi;

(j) kisjiet iddisinjati biex jagħtu reżistenza għall-graffiti;

(k) żebgħat għas-sinjali tat-triq.

*Artikolu 3*

1. Il-grupp ta' prodotti "żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma" għandu jinkludi pakketti tal-metall integrali lesti għall-użu maħsuba biex jintużaw mill-konsumaturi u mill-utenti professjonali biex jagħtu karatteristiċi ta' rendiment dekorattivi jew speċjali lill-bini u lit-tirqim, lill-fittings u lill-istrutturi assoċjati tiegħu.

Il-pakketti tal-metall għandhom ikunu mgħammra b'valv u b'formulazzjoni taż-żebgħa b'bażi ta' ilma li toħroġ bi pressjoni maħżuna minn qabel b'mod ikkontrollat meta jitħaddem il-valv.

2. Il-grupp ta' prodotti "żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma" ma għandux jinkludi dan li ġej:

(a) żebgħat fi sprej aerosol b'formulazzjoni taż-żebgħa organika bbażata fuq solventi;

(b) żebgħat fi sprej aerosol li huma kklassifikati bħala aerosol li jaqbad malajr ħafna (H222) jew aerosol li jaqbad (H223) skont ir-regoli ta' klassifikazzjoni għat-taħlitiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

(c) żebgħat fi sprej aerosol ikkummerċjalizzati bħala li għandhom effetti antimikrobiċi, antibatteriċi, antivirali, diżinfettanti jew bijoċidali primarji oħra għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem jew relatati mal-istandards tal-iġjene fl-industrija tal-ikel jew tax-xorb, fis-servizzi tas-saħħa jew fi kwalunkwe settur ieħor, li jestendu lil hinn mill-preservazzjoni fil-bott u l-preservazzjoni tar-rita niexfa (jiġifieri, lil hinn mit-tipi ta' prodotti bijoċidali 6 u 7 kif definiti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012);

(d) żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma mmarkati bħala sostituti għaż-żebgħat konvenzjonali f'applikazzjonijiet fuq skala kbira, kemm għas-superfiċi tal-ħitan kif ukoll għal dawk tas-saqaf;

(e) żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma użati għaż-żebgħat għas-sinjali tat-triq.

*Artikolu 4*

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "żebgħat fi sprej aerosol" tfisser dispensuri tal-aerosol li mhumiex reċipjenti li jistgħu jerġgħu jimtlew magħmulin mill-metall u li fihom gass li huwa kkompressat, likwifikat jew maħlul taħt pressjoni, b'formulazzjoni ta' żebgħa, u mgħammra b'apparat għar-rilaxx li jippermetti li l-kontenut joħroġ f'forma ta' partikoli solidi jew likwidi f'sospensjoni f'gass, bħala paste jew fi stat likwidu;

(2) "alkilfenoli u alkilfenoletossilati" tfisser komposti organiċi miksuba mill-alkilazzjoni tal-fenoli u l-etossilazzjoni tal-alkilfenoli, inklużi l-komposti kollha elenkati fl-entrata 43 tal-Anness XIV jew fl-entrata 46 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

(3) "antialgali" tfisser prodotti tal-kisi biex jiġi evitat jew jitnaqqas id-deterjorament tar-rita tal-kisi minħabba t-tkabbir tal-alga;

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

(4) “kisi antifouling” tfisser materjali tal-kisi applikati fuq sezzjonijiet tal-buq ta’ bastiment taħt l-ilma jew fuq strutturi oħra taħt l-ilma biex jiskoraġġixxu t-tkabbir ta’ organiżmi;

(5) “antifungali” tfisser prodotti tal-kisi biex jiġi evitat jew jitnaqqas it-tkabbir tal-moffa jew id-deterjorament tar-rita tal-kisi minħabba t-tkabbir tal-fungi;

(6) “antimikrobiku” jew “antibatteriku” tfisser il-proprjetà ta’ prodott tal-kisi li timpedixxi jew li tipprevjeni t-tkabbir u l-proliferazzjoni ta’ mikroorganiżmi jew batterji fuq is-superfiċe tiegħu f’kundizzjonijiet li jwasslu għal kolonizzazzjoni mikrobika, li tinkludi kemm tipi ta’ prodotti preservattivi kif ukoll diżinfettanti kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012;

(7) “kisjiet kontra l-korrużjoni” tfisser prodotti tal-kisi maħsuba biex jipprevjenu l-korrużjoni fis-substrati tal-metall fil-preżenza tal-ossiġenu u tal-umdità, permezz tal-applikazzjoni ta’ kisi protettiv;

(8) “primituri leganti”, kif definit fis-subkategorija 1.1(h) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(9) “żebgħa b’bażi ta’ siment” tfisser żebgħat f’forma ta’ trab li jkun fihom ammonti sinifikanti ta’ siment ta’ Portland jew siment ieħor fil-formulazzjoni u li jeħtieġ li jitħalltu b’attenzjoni mal-ilma qabel l-applikazzjoni;

(10) “kisjiet għall-ħitan esterni ta’ substrat minerali” kif definit fis-subkategorija 1.1(c) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(11) “aġenti jipprovokaw retikolazzjoni” tfisser sustanzi li jiffaċilitaw l-istabbiliment ta’ rabtiet kovalenti jew mhux kovalenti (supramolekulari) bejn ktajjen polimeriċi separati jew bejn partijiet mhux ġirien tal-istess katina polimerika u b’hekk ibiddlu l-proprjetajiet tal-kisi (pereżempju t-tnixxif, ir-reżistenza mekkanika, ir-reżistenza kimika, l-aderenza);

(12) “żebgħat matti għalkollox” huma żebgħat li, f’angolu ta’ inċidenza ta’ 85° ikollhom riflettanza ta’ < 5;

(13) “skop dekorattiv” tfisser trattament li l-objettiv primarju tiegħu huwa li jbiddel jew li jirrestawra d-dehra ta’ substrat;

(14) “preservattivi b’rita niexfa” tfisser prodotti bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-użu fit-tip ta’ prodott 7 kif deskritt fl-Anness V ta’ dak ir-Regolament, użati għall-preservazzjoni ta’ riti jew kisi billi jikkontrollaw id-deterjorament mikrobiku jew it-tkabbir tal-algi biex jipproteġu l-proprjetajiet inizjali tas-superfiċe tal-materjali jew tal-oġġetti;

(15) “żebgħat elastomeriċi” tfisser żebgħat maħsuba biex jipprovdu finitura dekorattiva u protettiva ta’ kwalità għolja għas-superfiċi tal-ġebel billi jagħlqu u jissiġillaw ix-xquq fis-substrat u li, bis-saħħa tal-proprjetajiet elastiċi tagħhom u l-użu ta’ riti b’applikazzjoni eħxen, jistgħu jiġġebbdu u jiċkienu b’moviment tal-bini xprunat mis-sħana, u b’hekk itejbu d-durabbiltà tal-materjal tal-ġebel sottostanti;

(16) “familja ta’ prodotti” tfisser grupp ta’ prodotti tal-kisi magħmula mill-istess manifattur bl-istess formulazzjoni bażi u subkategorija tal-prodott, iżda li jvarjaw biss f’termini ta’ sfumatura u/jew format ta’ imballaġġ;

(17) “materjal għall-mili” tfisser materjal tal-kisi bi proporzjon għoli ta’ estensur, maħsub primarjament biex jelimina l-irregolaritajiet fis-substrati li għandhom jiġu miżbugħa u biex itejjeb id-dehra tas-superfiċe;

(18) “mikropartikoli ta’ polimeri sintetiċi li jiffurmaw rita” tfisser mikropartikoli ta’ polimeri sintetiċi li jiżdiedu mal-formulazzjoni taż-żebgħa jew tal-verniċ, jew l-ingredjenti tiegħu, u li l-proprjetajiet fiżiċi tagħhom jiġu mmodifikati b’mod permanenti matul l-applikazzjoni u t-twebbis tal-formulazzjoni taż-żebgħa jew tal-verniċ biex jiffurmaw rita;

(19) “prodotti finali” tfisser żebgħat, verniċi, u prodotti relatati dekorattivi; kisjiet ta’ rendiment u prodotti relatati; u żebgħat fi sprej aerosol b’bażi ta’ ilma, li jingħataw l-Ekotikketta tal-UE, fil-forma li fiha jinbiegħu lill-klijenti;

(20) “kisjiet tal-art u żebgħat tal-art” tfisser kisjiet u żebgħat ifformulati speċifikament biex jiġu applikati fuq l-art, għall-finijiet tal-protezzjoni jew tal-kolorazzjoni tas-substrat tal-art;

(21) “żebgħat li jleqqu” tfisser żebgħat li, f’angolu ta’ inċidenza ta’ 60°, ikollhom riflettanza ta’ ≥ 60;

(22) "impuritajiet" tfisser kostitwenti mhux intenzjonati (residwi, sustanzi niġġiesa, kontaminanti, prodotti sekondarji, eċċ.) li jibqgħu fil-prodott tal-Ekotikketta tal-UE f'konċentrazzjonijiet inqas minn 100 ppm (0,0100 % w/w, 100 mg/kg) jew li jibqgħu fl-ingredjent jew fil-materja prima fornuti f'konċentrazzjonijiet inqas minn 1 000 ppm (0,100 % w/w, 1 000 mg/kg). Kwalunkwe kostitwent mhux intenzjonat preżenti f'konċentrazzjonijiet ogħla minn dawn il-limiti rispettivi għall-prodott tal-Ekotikketta tal-UE jew għall-ingredjent jew il-materja prima fornuti għandu minflok jitqies bħala sustanza mdaħħla;

(23) "preservattivi fil-bott" tfisser prodotti bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-użu fit-tip ta' prodott 6 kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari biex jiġu ppreservati l-prodotti manifatturati waqt il-ħżin billi jiġi kkontrollat id-deterjorament mikrobiku biex tiġi protetta l-ħajja tagħhom fuq l-ixkaffa, u użati biex jippreservaw l-ilwien ħfief li se jiġu distribwiti mill-magni;

(24) "sustanzi mdaħħla" tfisser kostitwenti (bħala sustanzi puri jew bħala parti minn taħlita, u irrispettivament mill-ammont) li jiżdiedu intenzjonalment mal-prodott finali jew mal-ingredjenti tiegħu biex jinkisbu jew jiġu influwenzati ċerti proprjetajiet tal-prodott finali jew tal-ingredjenti tiegħu; sustanzi magħrufa li jiġu rilaxxati minn sustanzi mdaħħla wara li jkunu ġew miżjuda (pereżempju l-formaldeid mill-preservattivi u l-arilammina mill-ażodi u pigmenti tal-ażo) għandhom jitqiesu wkoll bħala sustanzi mdaħħla; kostitwenti mhux intenzjonati preżenti fil-prodott finali jew l-ingredjenti tiegħu f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-konċentrazzjonijiet permessi għall-impuritajiet, għandhom jitqiesu bħala sustanzi mdaħħla;

(25) "żebgħat ta' ġewwa/ta' barra tat-tirqim u tat-tlibbis għall-injam, għall-metall jew għall-plastik", kif definit fis-subkategorija 1.1(d) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE,

(26) "verniċi tat-tirqim ta' ġewwa/ta' barra u l-likwidi li jlewnu l-injam", kif definit fis-subkategorija 1.1(e) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(27) "żebgħat jew verniċi li jżżidilhom biss l-ilma" tfisser żebgħat jew verniċi li jiġu fornuti f'forma ta' trab, li ma jużawx leganti tas-siment, u li sempliċiment jeħtieġu li jitħalltu mal-ilma qabel ma jintużaw bħal kwalunkwe waħda mill-kategoriji ddefiniti fis-subkategoriji 1.1(a) sa 1.1(h) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(28) "lażura (likwidu li jlewwen l-injam)" tfisser materjal tal-kisi li jkun fih ammonti żgħar ta' pigment u/jew estensur xieraq u li jintuża biex jifforma rita trasparenti jew semitrasparenti għad-dekorazzjoni u/jew għall-protezzjoni tas-substrat;

(29) "kisi ta' kulur ċar" tfisser kisi bil-valuri tristimulus Y u Y10 ogħla minn 25, imkejjel bi spettrofotometru fuq substrat iswed u abjad;

(30) "kisi tal-ġebel" tfisser kisi li jifforma rita dekorattiva u protettiva għall-użu fuq il-konkos, fuq ix-xogħol bil-briks li jista' jinżebagħ, fuq ix-xogħol bil-blokok, fuq it-tikħil, fuq il-folji tas-silikat tal-kalċju jew fuq is-siment li jkun imsaħħaħ bil-fibri;

(31) "kisjiet matti jew li jleqqu għal ħitan u soqfa ta' ġewwa" tfisser kisjiet maħsuba għall-applikazzjoni fuq ħitan u soqfa ta' ġewwa, li jirriżultaw f'finitura matta għalkollox, matta, semimatta, satina, semitleqq, jew tleqq;

(32) "żebgħat matti" tfisser żebgħat li, f'angolu ta' inċidenza ta' 85°, ikollhom riflettanza ta' < 10 u ≥ 5;

(33) "żebgħat bi tleqqija medja" (magħrufa wkoll bħala żebgħa semitleqq, satina, semimatta) huma żebgħat li, f'angolu ta' inċidenza ta' 60° jew 85° ikollhom riflettanza ta' < 60 u ≥ 10;

(34) "likwidi li jlewnu l-injam b'binja minima", kif definit fis-subkategorija 1.1(f) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(35) "taħlita", kif definit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(36) "kisjiet ta' rendiment li jkun fihom diversi pakketti" tfisser kisjiet bl-istess użu bħal kisjiet ta' rendiment li jkun fihom pakkett wieħed, iżda b'komponent ieħor (pereżempju ammini terzjarji) miżjud qabel l-applikazzjoni;

(37) "aġent newtralizzanti" tfisser sustanza jew materjal kimiku miżjud mal-formulazzjonijiet tal-kisi li jaġixxi bħala bażi Bronsted, aċidu Bronsted, bażi Lewis jew aċidu Lewis sabiex jiġi stabbilizzat il-pH tal-formulazzjoni tal-kisi u jiġu evitati reazzjonijiet jew degradazzjoni mhux mixtieqa matul il-produzzjoni, il-ħżin u l-applikazzjoni li jaffettwaw b'mod negattiv il-proprjetajiet tal-prodott tal-kisi u r-rita xotta li tirriżulta;

(38) "kisjiet ta' rendiment li jkun fihom pakkett wieħed", kif definit fis-subkategorija 1.1(i) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(39) "opak" tfisser rita bi proporzjon ta' kuntrast ta' ≥ 98 % meta r-rita mxarrba tkun ta' ħxuna ta' 120 µm;

(40) "komposti tal-organotin" tfisser kwalunkwe kompost organometalliku b'mill-inqas rabta kovalenti waħda Sn-C;

(41) "żebgħa" tfisser materjal tal-kisi pigmentat, fornut f'forma likwida, ta' paste jew ta' trab, li, meta jiġi applikat fuq substrat, joħloq rita opaka li jkollha proprjetajiet protettivi, dekorattivi jew tekniċi speċifiċi, li, wara l-applikazzjoni, tinxef u tifforma kisi solidu, aderenti u protettiv;

(42) "PFAS" tfisser kwalunkwe sustanza li fiha mill-inqas atomu tal-karbonju wieħed ta' metil ($CF_3$-) jew ta' metilen (-$CF_2$-) kompletament fluworurat (mingħajr l-ebda H/Cl/Br/I mehmuż miegħu), ħlief sustanza li fiha l-elementi strutturali li ġejjin biss: $CF_3$-X jew X-$CF_2$-X', fejn X = -OR jew -NRR' u X' = metil (-$CH_3$), metilen (-$CH_2$-), grupp aromatiku, grupp karboniliku (-C(O)-), -OR", -SR" jew –NR"R'", u fejn R/R'/R"/R'" huwa idroġenu (-H), metil (-$CH_3$), metilen (-$CH_2$-), grupp aromatiku jew grupp karboniliku (-C(O)-);

(43) "ftalati" tfisser esteri tal-aċidu ftaliku / aċidu ortoftaliku / aċidu 1,2-benżen dikarbossiliku;

(44) "ġibs" tfisser materjali mħallta minn qabel maħsuba għat-tikħil tal-ħitan u tas-soqfa ta' ġewwa jew ta' barra, inklużi l-ġibs tal-ġipsum, il-ġibs pastuż ħieles minn solventi, it-tajn tal-ġebel u żebgħat tal-ħitan strutturali maħsuba għall-użu fuq ġewwa bħala ġibs ta' ġewwa bi ħxuna ta' > 400 µm u/jew kopertura minima ta' < 2 $m^2$/l;

(45) "kisi f'forma ta' trab" tfisser kisi dekorattiv jew protettiv iffurmat bl-applikazzjoni ta' trab tal-kisi fuq substrat u l-fużjoni biex tinħoloq rita kontinwa;

(46) "primituri" kif definit fis-subkategorija 1.1(g) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE;

(47) "żebgħat għas-sinjali tat-triq" tfisser, żebgħat li jiffurmaw parti mill-mezzi għas-sinjalar orizzontali u li jirrikjedu komponent funzjonali biex jipprovdu sikurezza fit-toroq;

(48) "subkategorija ta' prodotti" tfisser għan definit ta' użu li għalih ġie fformulat prodott tal-kisi u li jallinja mas-subkategoriji definiti fit-taqsima 1.1 taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tad-Direttiva 2004/42/KE. Għaċ-ċarezza, iż-żebgħat fi sprej aerosol għandhom dejjem jitqiesu bħala subkategorija separata miż-żebgħat konvenzjonali anke jekk ikollhom l-istess għan finali tal-użu;

(49) "sustanza" kif definita fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(50) "trasparenti" u "semitrasparenti" ifissru rita bi proporzjon ta' kuntrast < 98 % meta r-rita mxarrba tkun ta' ħxuna ta' 120 µm;

(51) "sistema għall-għoti ta' lewn ħafif" tfisser metodu ta' tħejjija ta' żebgħat ikkuluriti permezz tat-taħlit ta' "bażi ta' lewn ħafif" ma' lewn ħafif ikkulurit;

(52) "nanoforma ta' $TiO_2$" tfisser forma ta' $TiO_2$ li tissodisfa r-rekwiżiti tan-nanoforma f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, irrispettivament minn jekk hijiex tabilħaqq meħtieġa li tiġi rreġistrata skont dak ir-Regolament;

(53) "tirqim u tlibbis" huma elementi tal-bini bi rwoli funzjonali u estetiċi. Tirqim tirreferi għall-materjali tal-finitura madwar ix-xfar jew il-fetħiet, bħall-bibien u t-twieqi, li jintużaw biex jgħattu l-ġonot, jipproteġu s-superfiċi u jtejbu d-disinn. It-tlibbis huwa l-applikazzjoni ta' materjal wieħed fuq ieħor f'bini sabiex jipproteġi l-materjal sottostanti, itejjeb l-iżolazzjoni tal-involukru tal-bini u/jew jikkontribwixxi għall-attraenza viżiva;

(54) "valuri tristimulus" tfisser l-ammont ta' stimuli tal-kulur ta' referenza, f'sistema trikromatika partikolari, meħtieġ biex jaqbel mal-kulur tal-istimolu ikkunsidrat. Fis-sistemi kolorimetriċi standard tas-CIE (pereżempju s-CIE 1931 u s-CIE 1964), il-valuri tristimulus huma rrappreżentati, pereżempju, mis-simboli R, G, B; X, Y, Z; R10, G10, B10, jew X10, Y10, Z10;

(55) "żebgħa ta' taħt" hija saff preparatorju applikat qabel il-passata finali ta' żebgħa jew ta' verniċ, maħsub biex itejjeb l-adeżjoni, jillivella s-superfiċe, jissiġilla l-porożitajiet, isaħħaħ il-perċezzjoni tal-kulur għall-isfumaturi aktar skuri u/jew jipprovdi protezzjoni addizzjonali għas-substrat;

(56) "sistema taż-żebgħa li tista' titwebbes permezz tal-UV" tfisser it-twebbis tal-materjali tal-kisi permezz tal-esponiment għal radjazzjoni ultravjola artifiċjali;

(57) "verniċ" tfisser materjal tal-kisi trasparenti li, meta jiġi applikat fuq substrat, jifforma rita solida u trasparenti li jkollha proprjetajiet protettivi, dekorattivi jew proprjetajiet tekniċi speċifiċi, u li, wara l-applikazzjoni, tinxef u tifforma kisi solidu, aderenti u protettiv;

(58) “kisjiet ta’ impermeabbilizzazzjoni” tfisser prodotti u sistemi tal-kisi (inkluż kwalunkwe primitura u żebgħa ta’ taħt) applikati f’forma likwida biex jissiġillaw s-superfiċi tas-saqaf (inklużi s-soqfa ħodor), is-superfiċi tal-art ta’ ġewwa jew ta’ barra f’bini u l-elementi tal-bini f’kuntatt mal-ħamrija;

(59) “xemgħat’” tfisser grupp ta’ komposti organiċi li huma tipikament solidi f’temperatura ambjentali u li jsiru malleabbli jew likwidi meta jiġu msaħħna;

(60) “żjut tal-injam” tfisser żjut użati għall-kura u għall-protezzjoni tal-injam (pereżempju l-effett perla) mingħajr ebda azzjoni ta’ tindif;

(61) “preservattivi tal-injam” huma prodotti bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-użu fit-tip ta’ prodott 8 kif deskritt fl-Anness V ta’ dak ir-Regolament, dawn jintużaw għall-preservazzjoni tal-injam, mill-istadju tal-fabbrika tas-serrar u matulu, jew tal-prodotti tal-injam permezz tal-kontroll ta’ organiżmi li jeqirdu jew jisfiguraw l-injam, inklużi l-insetti.

*Artikolu 5*

1. Sabiex prodott jingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għall-grupp ta’ prodotti “żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi”, dan għandu jaqa’ taħt id-definizzjoni ta’ dak il-grupp ta’ prodotti fl-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni, u għandu jkun konformi mal-kriterji rispettivi kif ukoll mar-rekwiżiti ta’ valutazzjoni u ta’ verifika stabbiliti fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni.

2. Sabiex prodott jingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għall-grupp ta’ prodotti “kisjiet ta’ rendiment u prodotti relatati”, dan għandu jaqa’ taħt id-definizzjoni ta’ dak il-grupp ta’ prodotti fl-Artikolu 2 ta’ din id-Deċiżjoni, u għandu jkun konformi mal-kriterji rispettivi kif ukoll mar-rekwiżiti ta’ valutazzjoni u ta’ verifika relatati magħhom stabbiliti fl-Anness II ta’ din id-Deċiżjoni.

3. Sabiex prodott jingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għall-grupp ta’ prodotti “żebgħat fi sprej aerosol b’bażi ta’ ilma”, dan għandu jaqa’ taħt id-definizzjoni ta’ dak il-grupp ta’ prodotti fl-Artikolu 3 ta’ din id-Deċiżjoni, u jkun konformi mal-kriterji rispettivi kif ukoll mar-rekwiżiti ta’ valutazzjoni u ta’ verifika relatati magħhom stabbiliti fl-Anness III ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-gruppi ta’ prodotti “żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi”, “kisjiet ta’ rendiment u prodotti relatati”, u “żebgħat fi sprej aerosol b’bażi ta’ ilma” u r-rekwiżiti ta’ valutazzjoni u ta’ verifika relatati magħhom għandhom ikunu validi sal-31 ta’ Diċembru 2032.

*Artikolu 7*

1. Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta’ prodotti “żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi” għandu jkun “044”.

2. Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta’ prodotti “kisjiet ta’ rendiment u prodotti relatati” għandu jkun “056”.

3. Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta’ prodotti tal-“żebgħat fi sprej aerosol b’bażi ta’ ilma” għandu jkun “057”.

*Artikolu 8*

Id-Deċiżjoni 2014/312/UE titħassar.

*Artikolu 9*

1. L-applikazzjonijiet sottomessi qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "żebgħat u verniċi ta' ġewwa u ta' barra", kif definit fid-Deċiżjoni 2014/312/UE, għandhom jiġu evalwati f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni.

2. L-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-grupp ta' prodotti "żebgħat u verniċi ta' ġewwa u ta' barra" kif definit fid-Deċiżjoni 2014/312/UE sottomessi fi żmien xahrejn mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jkunu bbażati fuq il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, jew fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2014/312/UE. Dawk l-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati f'konformità mal-kriterji li fuqhom huma bbażati.

3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija abbażi ta' applikazzjoni evalwata f'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2014/312/UE jistgħu jintużaw għal 18-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Jessika ROSWALL
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi**

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għandhom fil-mira tagħhom l-aqwa żebgħat, verniċi, u prodotti relatati fis-suq, f'termini ta' prestazzjoni ambjentali. Il-kriterji jiffokaw fuq l-impatti ambjentali ewlenin assoċjati maċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn il-prodotti u jippromwovu aspetti tal-ekonomija ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-valutazzjoni u l-verifika**

Sabiex prodott speċifiku jingħata Ekotikketta tal-UE, il-prodott għandu jikkonforma ma' kull rekwiżit. L-applikant għandu jipprovdi konferma bil-miktub li tiddikjara li l-kriterji kollha huma ssodisfati.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u tal-verifika huma indikati f'kull kriterju.

Meta l-applikant ikun meħtieġ li jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżijiet, rapporti tat-testijiet, jew evidenza oħra biex juri konformità mal-kriterji, dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur/fornituri tagħhom, kif xieraq.

Il-korpi kompetenti għandhom jirrikonoxxu preferenzjalment l-attestazzjonijiet li jinħarġu mill-korpi akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni, u l-verifiki minn korpi li huma akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi.

Meta xieraq, jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar minbarra dawk indikati għal kull kriterju jekk il-korp kompetenti li jivvaluta l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazzjoni ta' sostenn u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti jew spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw il-konformità ma' dawn il-kriterji.

Tibdiliet fil-fornituri u fis-siti tal-produzzjoni li jappartjenu għall-prodotti li tkun ingħatatilhom l-Ekotikketta tal-UE għandhom jiġu nnotifikati lill-korpi kompetenti, flimkien ma' informazzjoni ta' sostenn li tippermetti l-verifika tal-konformità kontinwa mal-kriterji.

Bħala prerekwiżit, il-prodott għandu jissodisfa kull rekwiżit legali rispettiv tal-pajjiż jew tal-pajjiżi fejn il-prodott ikun maħsub li jitqiegħed fis-suq. L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dan ir-rekwiżit.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta flimkien mal-applikazzjoni għall-Ekotikketta tal-UE:

(a) Lista tal-prodotti individwali kollha taż-żebgħa u tal-verniċ koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE, miġbura f'familji ta' prodotti u li tindika kwalunkwe karatteristika rilevanti tal-prodott li taffettwa liema rekwiżiti speċifiċi mill-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE japplikaw. Familja ta' prodotti se jkollha l-istess formulazzjoni bażi u subkategorija tal-prodott, iżda tista' tvarja f'termini ta' sfumatura/jew format ta' imballaġġ.

(b) Deskrizzjoni tal-formulazzjoni(jiet) tal-prodott, b'% ta' kompożizzjoni tal-ingredjenti użati u l-funzjoni speċifika ta' kull ingredjent (l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tista' tkun soġġetta għal ftehim ta' nondivulgazzjoni bejn l-applikant u l-korp kompetenti jew, f'xi każijiet, direttament bejn il-fornitur u l-korp kompetenti). Il-funzjonijiet tal-ingredjenti għandhom ikunu jew: aċċelleratur; addittiv; aġent kontra l-imblukkar; aġent kontra r-ragħwa; aġent kontra s-sedimentazzjoni; aġent kontra t-tqaxxir; legant; aġent koalexxenti; kulurant; pigment; aġent ta' retikolazzjoni; aġent li jwebbes; dilwent; aġent dispersiv; aġent nixxief; materjal għall-mili; preservattiv b'rita niexfa; preservattiv fil-bott; aġent li jimmattja; aġent newtralizzanti; illuminant ottiku; plastifikant; dispersjoni tal-polimeri; stabbilizzatur tal-preservattivi; reżina; ritardant; modifikatur reoloġiku; reżina tas-silikonu; solvent; aġent tensjoattiv; stabbilizzatur tal-UV; ilma; aġent ripellent tal-ilma jew, f'każ li ma japplika l-ebda wieħed minn dawn, "oħrajn".

(c) Skedi tad-data tas-sikurezza għall-ingredjenti użati fil-formulazzjonijiet taż-żebgħat u tal-verniċi.

(d) Kwalunkwe informazzjoni oħra assoċjata mal-produzzjoni ta' ingredjenti u materjali li hija meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għandha tiġi pprovduta mill-fornituri jew mill-produtturi ta' dawk l-ingredjenti u l-materjali.

(e) Sabiex jiġi ddeterminat in-numru ta’ prodotti fi ħdan kwalunkwe familja partikolari ta’ prodotti, deskrizzjoni tal-format(i) tal-imballaġġ użat(i), il-volum(i) tal-prodott miżmum(a) u l-materjal(i) tal-imballaġġ użat(i) għal kull wieħed mill-prodotti taż-żebgħa u tal-verniċ koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

(f) Sabiex titnaqqas il-kwantità ta’ ttestjar u dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċeduri ta’ valutazzjoni u ta’ verifika, diversi kriterji jiddikjaraw b’mod espliċitu li l-konformità ta’ familja sħiħa ta’ prodotti tista’ tiġi preżunta jekk il-prodott tal-agħar xenarju jista’ jintwera li jikkonforma. Kull darba li tiġi sottomessa d-data għal prodott tal-agħar xenarju, din għandha tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni tar-raġuni għaliex dan il-prodott partikolari jirrappreżenta l-agħar xenarju fi ħdan il-familja tiegħu ta’ prodotti għall-proprjetà li tkun qed tiġi ttestjata.

### Kriterju 1. Produzzjoni tad-diossidu tat-titanju

Jekk il-prodott finali jkun fih aktar minn 3,0 % w/w ta’ pigment tad-diossidu tat-titanju ($TiO_2$), l-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma mill-produzzjoni ta’ kwalunkwe pigment tad-diossidu tat-titanju użat għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti elenkati hawn taħt għall-proċessi tal-produzzjoni rispettivi:

*Tabella 1*

**Rekwiżiti għall-produzzjoni tad-Diossidu tat-Titanju**

| Parametru u metodu analitiku | Proċess tas-sulfat | Proċess tal-klorur |
|---|---|---|
| Emissjonijiet ta’ trab fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 0,40 kg/t pigment tat-$TiO_2$ | ≤ 0,66 kg/t pigment tat-$TiO_2$ |
| Emissjonijiet ta’ $SO_2$ fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 4,5 kg/t pigment tat-$TiO_2$ | mhux applikabbli |
| Emissjonijiet tal-HCI fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | mhux applikabbli | ≤ 0,70 kg/t pigment tat-$TiO_2$ |
| Emissjonijiet ta’ $SO_4^{2-}$ fl-ilma (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 300 kg $SO_4^{2-}$/t pigment tat-$TiO_2$ | mhux applikabbli |
| Emissjonijiet ta’ $Cl^-$ fl-ilma (imkejla bl-użu tal-metodu tal-bilanċ tal-massa jew bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | mhux applikabbli | ≤ 103 kg $Cl^-$/t pigment tat-TiO ([2])[(2)]<br>≤ 179 kg $Cl^-$/t pigment tat-$TiO_2$ ([3])<br>≤ 329 kg $Cl^-$/t pigment tat-$TiO_2$[( ([4]))] |
| Ambjent tax-xogħol b’kontenut baxx ta’ trab | Għandu jintwera | Għandu jintwera |

([1]) Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta’ trab fl-arja mill-proċess tal-klorur jitqiesu bħala: stadji tal-maċinazzjoni, tal-klorinazzjoni, tal-ossidazzjoni u tal-mikronizzazzjoni. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta’ HCl fl-arja mill-proċess tal-klorur jitqiesu bħala: klorinazzjoni, purifikatur tal-aċidu minn proċessi ta’ separazzjoni tas-solidi u ta’ trattament tal-klorur tal-metall. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta’ trab fl-arja mill-proċess tas-sulfat jitqiesu bħala: stadji tal-maċinazzjoni, tad-diġestjoni, tal-kalċinazzjoni u tal-mikronizzazzjoni. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta’ $SO_2$ fl-arja mill-proċess tas-sulfat jitqiesu bħala: proċessi ta’ diġestjoni u ta’ kalċinazzjoni.

([2]) Meta l-mineral użat ikun > 95 % kontenut ta’ $TiO_2$.

([3]) Meta l-mineral użat ikun 90-95 % kontenut ta’ $TiO_2$.

([4]) Meta l-mineral użat ikun < 90 % kontenut ta’ $TiO_2$.

L-emissjonijiet fl-arja għandhom jingħaddu mis-sors(i) punt rilevanti ddikjarat(i) fil-punt (1) ta’ hawn fuq fejn l-emissjonijiet jistgħu jiġu mmonitorjati kontinwament jew perjodikament minn punt ta’ kampjunar fiss wara kwalunkwe sistema/i ta’ tnaqqis tal-gass tal-egżost.

L-emissjonijiet fl-ilma għandhom jitqiesu bħala sulfat jew klorur preżenti fi kwalunkwe effluwent tal-ilma mormi ttrattat li jintrema fi kwalunkwe xmara, lag, ilma tranżizzjonali, ilma kostali jew ilma tal-baħar.

Il-limitu rilevanti għall-emissjonijiet tal-klorur fl-ilma għandu jkun ibbażat fuq il-% tal-medja ponderata tal-kontenut ta’ $TiO_2$ tal-mineral(i) użat(i) matul il-perjodu tal-kalkolu.

Ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab għandu, bħala minimu, jinkludi l-aspetti li ġejjin:

— Valutazzjoni tar-riskju għall-post tax-xogħol li tidentifika l-oqsma ewlenin kollha tal-emissjoni potenzjali tat-trab u l-esponiment tal-ħaddiema għat-trab.

— Il-ħtieġa li jkun hemm fis-seħħ programm ta' monitoraġġ tal-iġjene okkupazzjonali fuq il-post tax-xogħol.

— L-għoti ta' taħriġ xieraq lill-impjegati dwar prattika tajba għall-kontroll tat-trab.

— Il-forniment ta' tagħmir protettiv personali adegwat lill-impjegati u lill-viżitaturi.

**Valutazzjoni u verifika**

L-applikant għandu jiddikjara l-kontenut ta' $TiO_2$ użat f'kull waħda mill-formulazzjonijiet tal-prodott soġġetta għall-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe prodott b'kontenut ta' pigment ta' $TiO_2$ ta' aktar minn 3,0 % w/w, l-applikant għandu jiddikjara wkoll il-fornitur jew il-fornituri tat-$TiO_2$ użati f'dawk il-prodotti.

Id-dikjarazzjoni tal-applikant għandha tkun appoġġata minn dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ tagħhom (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk differenti) li jiddikjaraw:

— It-tip ta' proċess tal-produzzjoni tat-$TiO_2$ użat (klorur jew sulfat).

— Il-firxa tal-kontenut ta' $TiO_2$ applikabbli tal-mineral medju ponderat fil-każ tal-proċess tal-klorur.

— Data medja annwali dwar l-emissjonijiet tat-trab fl-arja, $SO_2$ fl-arja, u $SO_4^{2-}$ fl-ilma għal $TiO_2$ prodott permezz tal-proċess tas-sulfat. Inkella, id-data medja dwar l-emissjonijiet tat-trab fl-arja, HCl fl-arja, u $Cl^-$ fl-ilma għal $TiO_2$ prodott permezz tal-proċess tal-klorur.

— Id-dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk ikunu differenti) għandhom jinkludu l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti użati biex jitkejlu l-parametri rilevanti elenkati fit-Tabella 1.

— Il-miżuri fis-seħħ biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab.

Id-dikjarazzjoni mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk differenti) għandha tinkludi kalkolu bażiku dwar kif inkisbu l-emissjonijiet medji annwali. Jekk il-produzzjoni tal-pigment tat-$TiO_2$ fornut ma tkunx kontinwa, jistgħu jiġu aċċettati kalkoli tad-data dwar l-emissjonijiet li jkopru perjodu iqsar minn 12-il xahar. F'każijiet ta' monitoraġġ kontinwu, il-konċentrazzjonijiet medji annwali tal-emissjonijiet għandhom jiġu derivati minn konċentrazzjonijiet medji ta' kuljum. Għal emissjonijiet immonitorjati perjodikament, iridu jittieħdu mill-inqas 3 kampjuni biex jinkisbu r-riżultati medji. Kwalunkwe kampjunar perjodiku jrid jittieħed matul perjodi ta' operazzjoni stabbli li huma rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet normali tal-pjanti għall-produzzjoni tal-pigmenti tat-$TiO_2$ użati fil-prodotti taż-żebgħa tal-Ekotikketta tal-UE.

Il-kalkoli tal-emissjonijiet għandhom ikunu meħtieġa biss li jiġu sottomessi fid-data tal-applikazzjoni għall-Ekotikketta tal-UE. Jekk tingħata l-Ekotikketta tal-UE, l-applikant jista' sempliċement jitlob dikjarazzjonijiet aġġornati kull sena mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ tiegħu tal-konformità kontinwata mal-limiti tal-emissjonijiet.

Għall-emissjonijiet fl-arja, il-konċentrazzjonijiet għandhom jiġu espressi f'unitajiet ta' $mg/Nm^3$ u mmultiplikati b'rata speċifika tal-fluss tal-arja tal-emissjonijiet f'unitajiet ta' $Nm^3$/tunnellata ta' produzzjoni ta' pigment tat-$TiO_2$ għall-istess perjodu ta' żmien li fih tkun inġabret id-data. Jekk ikun hemm aktar minn sistema waħda ta' tnaqqis tal-gass tal-egżost għal sorsi punt ta' emissjonijiet ewlenin fl-arja, emissjonijiet mill-arja nadifa minn kull sistema ta' tnaqqis għandhom jingħaddu u jiżdiedu.

Għal emissjonijiet fl-ilma, għandu jintuża kejl dirett jew approċċ ta' bilanċ tal-massa. L-approċċ tal-bilanċ tal-massa għandu jkun ibbażat fuq il-bilanċ bejn l-inputs ta' sulfat/klorur mhux ipproċessat u l-outputs ta' sulfat/klorur fi prodotti sekondarji, fl-emissjonijiet fl-arja u fl-iskart solidu li jintrema fil-landfills jew li jiġi inċinerat. Id-differenza fil-mases tal-inputs u tal-outputs għandha titqies bħala l-massa tas-sulfat/klorur li tiġi emessa fl-ilma matul il-perjodu tal-kalkolu u għandha tiġi diviża bil-kwantità stmata ta' pigment tat-$TiO_2$ prodott matul l-istess perjodu biex jiġu kkalkolati l-emissjonijiet speċifiċi fl-ilma f'unitajiet ta' kg ta' sulfat jew klorur/t pigment tat-$TiO_2$.

Bl-approċċ ta' kejl dirett għall-emissjonijiet fl-ilma, il-konċentrazzjonijiet imkejla f'unitajiet ta' $g/m^3$ għandhom jiġu mmultiplikati b'rata tal-fluss speċifika tal-effluwent tal-ilma mormi ttrattat f'unitajiet ta' $m^3$/tunnellata ta' produzzjoni tal-pigment tat-$TiO_2$ għall-istess perjodu ta' żmien li fih tkun inġabret id-data tas-sulfat/klorur.

**Kriterju 2. Rekwiżiti tal-effiċjenza fl-użu**

Sabiex tintwera l-effiċjenza fl-użu ta' żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi, għandhom jitwettqu t-testijiet li ġejjin għal kull tip ta' prodott, kif indikat fit-Tabella 2 u dettaljati fit-test tal-kriterju aktar tard.

*Tabella 2*

**Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għal tipi differenti ta' żebgħat, verniċi u prodotti relatati dekorattivi**

| Kriterji | | Il-kategoriji taż-żebgħat u tal-verniċi dekorattivi (bis-subkategoriji tagħhom identifikati skont id-Direttiva 2004/42/KE) | | | | | | Iż-żebgħat jew il-verniċi dekorattivi "li żżidilhom biss l-ilma" għall-użu fuq il-bini, it-tirqim, il-fittings jew l-istrutturi assoċjati tagħhom |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Żebgħa tal-ħitan u tas-soqfa ta' ġewwa (a, b) | Żebgħa tas-substrati minerali ta' barra (c) | Żebgħat tat-tirqim u tat-tlibbis (d) | Verniċi u likwidi li jlewnu l-injam (e, f) | Primituri (g) | Primituri leganti (h) | |
| 2(a) | Rata tat-tifrix | Iva | Iva | Iva | Le | Opak biss | Opak biss | Żebgħat: Iva<br>Verniċi: Le |
| 2(b) | Reżistenza għall-għorik umdu (WSR, wet scrub resistance) u kontenut ta' pigment abjad (WPC, white pigment content) | WSR u WPC | WPC biss | WPC biss | L-ebda | Opak biss (WPC biss) | Opak biss (WPC biss) | Żebgħat: WPC (u WSR jekk ikkummerċjalizzati bħala subkategorija A jew b)<br>Verniċi: L-ebda |
| 2(c) | Reżistenza għall-ilma | Le | Le | Le | Iva, ħlief likwidi li jlewnu l-injam b'binja minima | Le | Le | Żebgħat: Le<br>Verniċi: Biss jekk ikkummerċjalizzati bħala subkategorija e jew f |
| 2(d) | Aderenza | Le | Le | Żebgħat ta' taħt opaki biss | Le | Opaka u għall-bini tal-ġebel biss | Opaka u għall-bini tal-ġebel biss | Le |
| 2(e) | Esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp | Le | Iva | Ta' barra biss | Ta' barra biss | Le | Le | Biss jekk ikunu kkummerċjalizzati għal applikazzjoni fuq barra) |
| 2(f) | Permeabbiltà għall-fwar tal-ilma | Le | Jekk iddikjarat | Le | Le | Le | Le | Le |
| 2(g) | Permeabbiltà għall-ilma f'forma likwida | Le | Iva | Le | Le | Le | Le | Le |
| 2(h) | Reżistenza għall-moffa | Jekk iddikjarat | Jekk iddikjarat | Jekk iddikjarat | Le | Le | Le | Jekk iddikjarat |
| 2(i) | Reżistenza għall-alga | Le | Jekk iddikjarat | Jekk iddikjarat | Le | Le | Le | Jekk iddikjarat |

| Kriterji | Il-kategoriji taż-żebgħat u tal-verniċi dekorattivi (bis-subkategoriji tagħhom identifikati skont id-Direttiva 2004/42/KE) | | | | | | Iż-żebgħat jew il-verniċi dekorattivi "li żżidilhom biss l-ilma" għall-użu fuq il-bini, it-tirqim, il-fittings jew l-istrutturi assoċjati tagħhom |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Żebgħa tal-ħitan u tas-soqfa ta' ġewwa (a, b) | Żebgħa tas-substrati minerali ta' barra (c) | Żebgħat tat-tirqim u tat-tlibbis (d) | Verniċi u likwidi li jlewnu l-injam (e, f) | Primituri (g) | Primituri leganti (h) | |
| 2(j) Għeluq tax-xquq | Le | Jekk iddikjarat | Le | Le | Le | Le | Jekk iddikjarat |
| 2(k) Reżistenza għall-alkali | Le | Iva | Le | Le | Għas-sistemi ta' bini tal-ġebel fuq barra | Għas-sistemi ta' bini tal-ġebel fuq barra | Biss jekk ikkummerċjalizzati bħala subkategorija c |

2(a) Rata tat-tifrix

*Nota 1:* Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-verniċ, għal-lażuri, għall-primituri trasparenti ta' adeżjoni jew għal kwalunkwe kisi trasparenti jew semitrasparenti ieħor.

*Nota 2.* Għas-sistemi għall-għoti ta' lewn ħafif, dan il-kriterju japplika biss għall-bażi għall-għoti ta' lewn ħafif li jkun fiha l-aktar $TiO_2$ f'termini ta' g/l ta' bażi għall-għoti ta' lewn ħafif. F'każijiet fejn din il-bażi għall-għoti ta' lewn ħafif ma tkunx tista' tikseb dan ir-rekwiżit, il-kriterju għandu jintlaħaq wara li l-bażi tingħata lewn ħafif biex jiġi prodott il-kulur standard RAL 9010.

*Nota 3.* Dan ir-rekwiżit japplika għaż-żebgħat bojod kollha. Għall-familji ta' prodotti taż-żebgħa disponibbli biss bl-isfumaturi prestabbiliti, ir-rata tat-tifrix għandha tapplika għall-aktar kulur ċar.

Ir-rati tat-tifrix għandhom jiġu kkalkolati filwaqt li tiġi żgurata qawwa opaċizzanti ta' mill-inqas 98 % skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti jew metodu ekwivalenti li jista' jiġi vvalidat kontrihom. Japplikaw il-limiti minimi tar-rata tat-tifrix li ġejjin:

— Iż-żebgħat bojod u ta' kulur ċar ta' ġewwa, inklużi l-kisjiet tal-irfinar u l-kisjiet intermedji (is-subkategoriji a u b), għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 8 $m^2$ għal kull litru tal-prodott.

— Iż-żebgħat bojod u ta' kulur ċar ta' barra, inklużi l-kisjiet tal-irfinar u l-kisjiet intermedji (is-subkategorija c), għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 6 $m^2$ għal kull litru tal-prodott. Prodotti kkummerċjalizzati kemm għal applikazzjoni fuq ġewwa kif ukoll għal applikazzjoni fuq barra għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' rata ogħla tat-tifrix ta' mill-inqas 8 $m^2$ għal kull litru.

— Il-primituri u ż-żebgħat ta' taħt opaki (is-subkategoriji g u h) għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 8 $m^2$ għal kull litru tal-prodott, jew ta' mill-inqas 6 $m^2$ għal kull litru tal-prodott fil-każijiet ta' primituri opaki b'karatteristika speċifika ta' mblukkar, issiġillar, penetranti, leganti jew ta' adeżjoni speċjali.

— Iż-żebgħat elastomeriċi opaki (is-subkategorija c, iżda b'dikjarazzjonijiet ta' għeluq tax-xquq) għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 4 $m^2$ għal kull litru tal-prodott.

Għaż-żebgħat li jkunu parti minn sistema għall-għoti ta' lewn ħafif, l-applikant irid javża lill-utent finali fuq l-imballaġġ tal-prodott u fil-punt tal-bejgħ (POS, point of sale) dwar liema sfumatura jew primitura/żebgħa ta' taħt (jekk possibbli, li tkun ingħatat l-Ekotikketta tal-UE) għandha tintuża bħala l-passata bażi qabel ma tiġi applikata l-isfumatura aktar skura.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-limiti rilevanti tar-rata tat-tifrix jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżit tar-rata tat-tifrix għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Id-dikjarazzjoni għandha tkun appoġġata minn riżultati tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti jew metodu ekwivalenti li jista' jiġi vvalidat kontrihom. Għandu jiġi indikat b'mod ċar liema riżultati tar-rata tat-tifrix jikkorrispondu għal liema familji ta' prodotti koperti mill-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.

Il-bażi għall-għoti ta' lewn ħafif bl-ogħla kontenut ta' $TiO_2$ għandha tiġi identifikata billi jiġu ppreżentati skedi tad-data tas-sikurezza għalihom jew dikjarazzjoni xierqa li tkopri l-bażijiet kollha għall-għoti ta' lewn ħafif fi ħdan familja partikolari ta' prodotti. Għall-bażijiet użati fil-produzzjoni ta' prodotti li jkunu ngħataw lewn ħafif li ma jkunux evalwati skont ir-rekwiżiti msemmijin hawn fuq, l-applikant għandu juri evidenza dwar kif l-utent finali se jkun avżat biex juża primitura u/jew żebgħa ta' taħt griża (jew sfumatura oħra rilevanti) qabel ma jiġi applikat il-prodott.

2(b) Reżistenza għall-għorik umdu u kontenut ta' pigment abjad

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għall-prodotti taż-żebgħa u għall-kontenut ta' pigment abjad u għandu jiġi kkalkolat bl-istess prodotti li għalihom ir-rata tat-tifrix titkejjel skont in-noti fil-kriterju 2(a). Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, it-terminu "pigment abjad" għandu jitqies li jirreferi biss għal pigmenti b'indiċi rifrattiv ogħla minn 1,8.

Kwalunkwe prodott taż-żebgħa tal-ħitan u tas-soqfa ta' ġewwa li jiddikjara reżistenza għall-għorik umdu jrid jissodisfa r-rekwiżiti għall-klassi 1 jew għall-klassi 2 skont il-proċedura ddefinita fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u s-sistemi ta' klassifikazzjoni u għandu jikkonforma mal-limiti massimi rispettivi għall-kontenut ta' pigment abjad definit fit-tabella ta' hawn taħt. Il-prodotti rilevanti l-oħrajn kollha mingħajr dikjarazzjonijiet ta' reżistenza għall-għorik umdu jridu jikkonformaw mal-limitu korrispondenti tal-kontenut ta' pigment abjad iddefinit fit-Tabella 3.

*Tabella 3*

**Rekwiżiti għar-reżistenza għall-għorik umdu u għall-kontenut ta' pigment abjad għall-prodotti taż-żebgħa**

| Dikjarazzjoni ta' reżistenza għall-għorik umdu? (subkategorija tal-prodott) | Reżistenza għall-għorik umdu | Kontenut ta' pigment abjad |
|---|---|---|
| Iva (a), b), jew żebgħat li żżidilhom biss l-ilma kkummerċjalizzati bħala a) jew b)) | Klassi 1 | ≤ 40 $g/m^2$ (*) |
| Iva (a), b), jew żebgħat li żżidilhom biss l-ilma kkummerċjalizzati bħala a) jew b)) | Klassi 2 | ≤ 36 $g/m^2$ (*) |
| Le (a), b), jew żebgħat li żżidilhom biss l-ilma kkummerċjalizzati bħala a) jew b)) | mhux applikabbli | ≤ 25 $g/m^2$ (*) |
| mhux applikabbli (is-subkategoriji rilevanti l-oħrajn kollha: c), d), g) jew h), jew żebgħat li żżidilhom biss l-ilma kkummerċjalizzati bħala c), d), g) jew h)) | mhux applikabbli | ≤ 38 $g/m^2$ (*) |
| mhux applikabbli (verniċi u likwidi li jlewnu l-injam: e) jew f)) | mhux applikabbli | mhux applikabbli |

(*) Il-$m^2$ jirreferi għal 1 $m^2$ ta' rita niexfa b'opaċità ta' mill-inqas 98 % skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika**:

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. F'każijiet ta' prodotti rilevanti, l-applikant għandu jiddikjara l-kontenut totali ta' pigmenti bojod b'indiċi rifrattiv ta' > 1,8 fil-prodott finali, b'bażi għall-għoti ta' lewn ħafif rilevanti jew b'formulazzjonijiet taż-żebgħa ta' bażi ċara li huma soġġetti għall-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE. Din l-informazzjoni għandha tingħata f'termini tal-isem kimiku u n-numru CAS tal-pigment abjad, l-indiċi rifrattiv iddikjarat tiegħu, il-konċentrazzjoni tiegħu fi g/l ta' prodott taż-żebgħa u d-densità taż-żebgħa, fi g/l. Ir-rata tat-tifrix tal-prodott taż-żebgħa, f'$l/m^2$ għal rita niexfa ta' opaċità ta' mill-inqas 98 % skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, għandha tiġi ddikjarata wkoll (skont il-kriterju 2(a)). Il-multiplikazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-pigment abjad (fi g/l) bir-rata tat-tifrix (f'$l/m^2$) se tipproduċi livelli ta' pigment abjad f'unitajiet ta' $g/m^2$ li jistgħu jitqabblu mal-limiti fit-tabella ta' hawn fuq.

Ħlief f'każijiet fejn il-kontenut ta' pigmenti bojod ikun ta' < 25,0 $g/m^2$ u ma ssir l-ebda dikjarazzjoni ta' reżistenza għall-għorik umdu, l-applikant għandu jipprovdi wkoll riżultati tal-ittestjar tar-reżistenza għall-għorik umdu skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti li juru li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli tar-reżistenza tal-klassi 1 jew tal-klassi 2 definiti fi standards Ewropej jew internazzjonali rilevanti oħra.

2(c) Reżistenza għall-ilma

*Nota:* F'sistemi ta' kisi bil-verniċ jew b'likwidi li jlewnu l-injam bi primitura, tista' tiġi ttestjata jew is-sistema ta' kisi sħiħa jew is-saff ta' rfinar biss.

Il-kisjiet imwebbsa għandu jkollhom reżistenza għall-ilma, kif iddeterminat mill-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, b'tali mod li wara 24 siegħa ta' esponiment u 16-il siegħa ta' rkupru, ma tiġi osservata l-ebda bidla fit-tleqqija f'kisjiet trasparenti jew semitrasparenti.

L-ebda tibdil fit-tleqqija fil-kampjuni esposti ma għandu jitqies bħala klassifikazzjoni viżiva ta' 0 meta mkejjel għall-kwantità tad-difetti, għad-daqs tad-difetti u għall-intensità tal-bidliet skont is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżit għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

Għal kwalunkwe prodott ta' verniċ jew likwidu li jlewwen l-injam inkluż fl-applikazzjoni għal-liċenzja tiegħu, id-dikjarazzjoni tal-applikant għandha tkun appoġġata minn kopji tar-rapport(i) tat-test rilevanti li jsegwu standards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u li jkopru l-prodott jew il-familja ta' prodotti liċenzjati, inklużi r-riżultati rrapportati għall-bidla fit-tleqqija skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

Jekk tiġi applikata l-eżenzjoni għal-likwidi li jlewnu l-injam b'binja minima, l-applikant għandu jiġġustifika l-eżenzjoni billi jipprovdi rapporti tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, li juru li l-ħxuna tas-saff tal-kisi hija inqas minn 5 µm.

2(d) Aderenza

*Nota:* Dan il-kriterju japplika għal primituri opaki u primituri leganti għal kisi tal-ġebel u għal żebgħat ta' taħt għat-tirqim tal-injam jew tal-metall u tal-kopertura. It-test tal-aderenza jista' jsir fuq kwalunkwe primitura jew żebgħa ta' taħt opaki biss, jew fuq il-primitura/iż-żebgħa ta' taħt u l-kisja tal-irfinar flimkien, sakemm il-kombinazzjoni ma tkunx opaka. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

Il-primituri tal-ġebel pigmentati għal użi esterni għandhom jgħaddu mit-test tal-qligħ ("pull-off") tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti fejn is-saħħa ta' koeżjoni tas-substrat tkun inqas mis-saħħa ta' adeżjoni tal-primitura, inkella l-adeżjoni tal-kisja tal-primitura trid tkun ogħla mill-valur minimu meħtieġ ta' 1,5 MPa.

Il-primituri tal-ġebel ta' ġewwa, iż-żebgħa ta' taħt tal-metall u tal-injam għandhom iġibu punteġġ ta' 2 jew inqas fit-test għall-adeżjoni tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe primitura tal-ġebel opaka, primitura leganti, prodott ta' żebgħa ta' taħt tal-injam jew tal-metall inklużi fl-applikazzjoni għal-liċenzja tagħhom, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, kif applikabbli.

2(e) Esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp

*Nota:* Dan il-kriterju japplika għaż-żebgħat u għall-verniċi ta' barra. Fil-każ ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

Iż-żebgħat jew il-verniċi kollha ta' barra għandhom jiġu esposti għal kundizzjonijiet artifiċjali tat-temp f'apparat li jinkludi lampi fluworexxenti tal-UV u l-kondensazzjoni jew raxx tal-ilma skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. Dawn għandhom ikunu esposti għall-kundizzjonijiet tat-test għal 1 000 siegħa b'kundizzjonijiet taċ-ċiklaġġ ta': UVA 4 h/60 °C + umdità 4 h/50 °C.

Inkella, il-finituri tal-injam ta' barra u l-verniċi tal-injam ta' barra jistgħu jiġu esposti għall-kundizzjonijiet tat-temp għal 1 000 siegħa fl-apparat tal-effetti aċċellerati tat-temp QUV b'esponiment ċikliku b'radjazzjoni tal-UV(A) u sprejjar skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

Wara l-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp, ir-riti esposti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fit-Tabella 4.

*Tabella 4*

**Ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti tal-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp għaż-żebgħat, il-verniċi u l-prodotti relatati dekorattivi skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti**

| Proprjetà | Rekwiżit (wara l-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp) | Kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti koperti/mhux koperti |
|---|---|---|
| Tibdil fil-kulur | Tibdil fil-kulur, ΔE ≤ 4 | Mhux applikabbli għal kwalunkwe verniċ jew għal kwalunkwe bażi għall-għoti ta' lewn ħafif trasparenti jew semitrasparenti |
| Tnaqqis fit-tleqqija | tnaqqis ta' ≤ 50 % meta mqabbel mal-valur inizjali | Mhux applikabbli għall-kisjiet tal-irfinar bi tleqqija medja jew matti b'valur ta' tleqqija inizjali ta' < 60 % f'angolu ta' inċidenza ta' 60 ° |
| Tfarfir tal-kulur | Punteġġ ta' ≤ 2 | Applikabbli biss għall-kisjiet tal-irfinar ta' sistemi ta' kisi użati fuq substrati tal-ġebel, tal-injam u tal-metall ta' barra |
| Tqaxxir | Densità tal-qxur: ≤ 2<br>Daqs tal-qxur: ≤ 2 | |
| Tixqiq | Kwantità ta' xquq: ≤ 2<br>Daqs tax-xaqq: ≤ 3 | |
| Tligħ ta' bżieżaq fiż-żebgħa | Densità tal-bżieżaq: ≤ 3<br>Daqs tal-bżieżaq: ≤ 3 | |

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe żebgħat jew verniċi dekorattivi ta' barra inklużi fl-applikazzjoni għal-liċenzja tiegħu, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-testijiet li jagħtu dettalji dwar il-metodu tat-test tal-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp użat (li jkun konformi mal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) u jipprovdi r-riżultati tal-bidliet fil-proprjetajiet wara l-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp, kif applikabbli.

2(f) Permeabbiltà għall-fwar tal-ilma

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għaż-żebgħat tal-ġebel ta' barra li jiddikjaraw li "iħallu l-arja tgħaddi minnhom" jew li huma "permeabbli għall-fwar tal-ilma" fil-materjal tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

Il-prodott(i) rilevanti taż-żebgħa għandu/għandhom jiġi/u ttestjat(i) għall-permeabbiltà tal-fwar tal-ilma skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u għandhom jiġġeneraw riżultati li jikkorrispondu għal permeabbiltà medja (klassi V2) jew għolja (klassi V1) tal-fwar tal-ilma kif definit fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe żebgħa tal-ġebel ta' barra inkluża fl-applikazzjoni għal-liċenzja tiegħu li tagħmel dikjarazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni rilevanti, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, b'riżultati espressi skont is-sistema ta' klassifikazzjoni definita fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2(g) Permeabbiltà għall-ilma f'forma likwida

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għaż-żebgħat tal-ġebel ta' barra. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

Il-prodott(i) taż-żebgħa għandu/għandhom jiġi/u ttestjat(i) għall-permeabbiltà tal-ilma f'forma likwida skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u għandu/għandhom jissodisfa/jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin, kif xieraq:

— Għaż-żebgħat tal-ġebel ta' barra li jiddikjaraw li huma ripellenti tal-ilma jew idrofobiċi jew simili: Permeabbiltà baxxa għall-ilma f'forma likwida (Klassi W3) skont is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Għaż-żebgħat tal-ġebel l-oħra kollha ta' barra: permeabbiltà medja għall-ilma f'forma likwida (Klassi W2) skont is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe żebgħa tal-ġebel ta' barra, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, bir-riżultati espressi skont is-sistema ta' klassifikazzjoni ddefinita fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2(h) Reżistenza għall-moffa

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għaż-żebgħat tal-ġebel jew għaż-żebgħat tal-injam ta' barra li jkollhom magħhom dikjarazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni kontra l-moffa. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li tiġi ttestjata biss iż-żebgħa ta' bażi jew ta' bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

F'konformità mar-rekwiżiti tal-effikaċja tat-Tip ta' Prodott 7 (PT7) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin, kif xieraq:

— Għaż-żebgħat tal-ġebel ta' barra: Punteġġ ta' klassi 1 jew aktar baxx (klassi 0) għar-reżistenza kontra l-moffa skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Għaż-żebgħat tal-injam: Punteġġ tal-klassi 0 għar-reżistenza kontra l-moffa skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe żebgħa tal-ġebel jew żebgħa tal-injam ta' barra li għandha dikjarazzjonijiet rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2(i) Reżistenza għall-alga

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għaż-żebgħat tal-ġebel jew għaż-żebgħat tal-injam ta' barra li għandhom dikjarazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li jifilħu għall-alga. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi u l-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

F'konformità mar-rekwiżiti tal-effikaċja tat-Tip ta' Prodott 7 (PT7) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin, kif xieraq:

— Għaż-żebgħat tal-ġebel ta' barra: Punteġġ ta' klassi 1 jew aktar baxx (klassi 0) għar-reżistenza kontra l-alga skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Għaż-żebgħat tal-injam: Punteġġ ta' klassi 0 għar-reżistenza kontra l-alga skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe żebgħa tal-ġebel jew żebgħa tal-injam ta' barra li għandha dikjarazzjonijiet rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2(j) Għeluq tax-xquq

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għaż-żebgħat tal-ġebel ta' barra li għandhom dikjarazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li huma elastomeriċi (jiġifieri li jagħlqu x-xquq). F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi u l-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

Il-kisi għandu jissodisfa r-rekwiżiti għar-rendiment ta' għeluq tax-xquq ta' klassi A1 jew aħjar f'temperatura ta' 23 °C (jiġifieri A2, A3 eċċ.) skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe żebgħa tal-ġebel ta' barra li ġġorr magħha dikjarazzjonijiet rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2(k) Reżistenza għall-alkali

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għall-kisi tal-ġebel, inklużi l-primituri. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

Il-kisi ma għandu juri l-ebda ħsara notevoli meta l-kisi jiġi mmarkat għal 24 siegħa b'soluzzjoni ta' 10 % ta' NaOH skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. L-evalwazzjoni għandha ssir wara perjodu ta' rkupru ta' 24 siegħa biex tinxef. L-ebda ħsara notevoli ma għandha titqies bħala klassifikazzjoni ta' 1 jew aħjar (jiġifieri 0 jew 1) kif iddefinit fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, wara valutazzjoni viżiva kemm għad-daqs kif ukoll għall-kwantità tad-difetti għat-tligħ ta' bżieżaq fuq is-superfiċe tal-kisi ttestjat f'konformità ma' dawk l-istess standards internazzjonali.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe żebgħa jew primitura tal-ġebel ta' barra, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti bir-riżultati espressi f'termini tas-sistema ta' klassifikazzjoni fi standards Ewropej jew internazzjonali rilevanti oħrajn.

**Kriterju 3. Kontenut ta' Komposti Organiċi Volatili u Semivolatili (KOV u KOSV)**

Il-kontenut massimu ta' komposti organiċi volatili (KOV) u ta' komposti organiċi semivolatili (KOSV) ma għandux jaqbeż il-limiti mogħtija fit-Tabella 5.

Il-kontenut ta' KOV u ta' KOSV għandu jiġi stabbilit għall-prodott li jkun lest għall-użu u għandu jinkludi kwalunkwe żieda rrakkomandata għal qabel l-użu bħal sustanzi kuluranti u/jew thinners.

*Tabella 5*

**Limiti tal-kontenut ta' KOV u ta' KOSV**

| Limiti tal-kontenut ta' KOV u ta' KOSV | | |
|---|---|---|
| Deskrizzjoni tal-prodott (u indikazzjoni tas-subkategorija tiegħu skont id-Direttiva 2004/42/KE) | Limiti tal-KOV ([3]) (g/l ta' prodott lest għall-użu) | Limiti tal-KOSV ([4]) (g/l ta' prodott lest għall-użu) |
| a. Ħitan u soqfa matti ta' ġewwa (Tleqqija < 25@60°) | 10 | 25 ([1]) / 30 ([2]) |
| b. Ħitan u soqfa li jleqqu ta' ġewwa (Tleqqija > 25@60°) | 30 | 25 ([1]) / 30 ([2]) |
| c. Ħitan ta' substrat minerali ta' barra | 20 | 35 |
| d. Żebgħat tat-tirqim u ta' tlibbis ta' ġewwa/ta' barra għall-injam u għall-metall | 60 | 40 ([1]) / 50 ([2]) |
| e. Verniċi u likwidi li jlewnu l-injam tat-tirqim ta' ġewwa, inklużi l-likwidi li jlewnu l-injam opaki | 60 | 30 |

| Limiti tal-kontenut ta' KOV u ta' KOSV | | |
|---|---|---|
| Deskrizzjoni tal-prodott (u indikazzjoni tas-subkategorija tiegħu skont id-Direttiva 2004/42/KE) | Limiti tal-KOV ([3]) (g/l ta' prodott lest għall-użu) | Limiti tal-KOSV ([4]) (g/l ta' prodott lest għall-użu) |
| e. Verniċi u likwidi li jlewnu l-injam tat-tirqim ta' barra, inklużi l-likwidi li jlewnu l-injam opaki | 60 | 50 |
| f. Likwidi li jlewnu l-injam b'binja minima ta' Ġewwa u ta' Barra | 40 | 30 ([1]) / 40 ([2]) |
| g. Primituri | 10 | 25 ([1]) / 30 ([2]) |
| h. Primituri leganti | 10 | 25 ([1]) / 30 ([2]) |

([1]) il-limitu tal-KOSV japplika għaż-żebgħat u għall-verniċi bojod ta' ġewwa
([2]) il-limitu tal-KOSV japplika għal żebgħat li jkunu ngħataw lewn ħafif ta' ġewwa/żebgħat u verniċi ta' barra
([3]) "Komposti organiċi volatili (KOV)" tfisser kwalunkwe kompost organiku li jkollu punt tat-togħlija inizjali ta' inqas minn jew daqs 250 °C imkejjel fi pressjoni standard ta' 101,3 kPa
([4]) "Komposti organiċi semivolatili (KOSV)" tfisser kwalunkwe kompost organiku li jkollu punt tat-togħlija ogħla minn 250 °C u inqas minn 370 °C imkejjel fi pressjoni standard ta' 101,3 kPa

Il-kontenut ta' KOV għandu jiġi ddeterminat b'kalkolu bbażat fuq l-ingredjenti u l-materja prima jew bl-użu tal-metodi mogħtija fl-istandard Ewropew jew internazzjonali rilevanti jew, inkella għal prodotti b'kontenut ta' KOV ta' inqas minn 1,0 g/l, il-metodi mogħtija fi standard Ewropew jew internazzjonali rilevanti ieħor. Il-kontenut ta' KOSV għandu jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu mogħti fl-istandard Ewropew jew internazzjonali rilevanti. Fil-każ ta' prodotti użati kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa, għandhom jipprevalu l-valuri ta' limitu l-iktar stretti tal-KOSV għaż-żebgħat u l-verniċi ta' ġewwa.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità appoġġata mill-kalkoli tal-kontenut ta' KOV u ta' KOSV abbażi tal-ingredjenti u tal-materja prima użati fil-prodott lest għall-użu. Inkella, il-kontenut ta' KOV u ta' KOSV tal-prodott lest għall-użu għandu jiġi kkomunikat permezz ta' rapport jew rapporti tat-test rappreżentattivi bl-użu tal-metodi mogħtija fl-istandard internazzjonali rilevanti, kif xieraq, u r-riżultati għandhom juru l-konformità mal-limiti rilevanti.

**Kriterju 4. Restrizzjoni ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi**

*Nota:* Dawn is-subkriterji japplikaw għall-formulazzjoni tal-prodott finali u għal kwalunkwe ingredjent fornut fih.

4.1. **Restrizzjonijiet ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs, Substance of Very High Concern)**

Il-formulazzjoni tal-prodott finali u kwalunkwe ingredjent fornut fih ma għandux ikun fih sustanzi mdaħħla li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 li ġew identifikati skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 59 ta' dak ir-Regolament u inklużi fil-lista tal-kandidati għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna għall-awtorizzazzjoni.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ffirmata li l-formulazzjoni tal-prodott finali u kwalunkwe ingredjent fornut fih ma jkun fih l-ebda SVHC bħala sustanzi mdaħħla. Id-dikjarazzjoni tal-applikant għandha tkun appoġġata minn skedi tad-data tas-sikurezza tal-ingredjenti fornuti kollha li jintużaw biex jiġi prodott il-prodott finali u dikjarazzjonijiet mill-fornituri tas-sustanzi kimiċi.

Il-lista ta' sustanzi identifikati bħala SVHCs u inklużi fil-lista ta' kandidati f'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tista' tinstab hawn:

https://www.echa.europa.eu/candidate-list-table

Għandha ssir referenza għal-lista fid-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

Għal kwalunkwe livell ta' impuritajiet magħrufa identifikati bħala SVHCs fl-ingredjenti, għandhom jintużaw il-konċentrazzjoni tal-impurità u fattur ta' ritenzjoni preżunt ta' 100 %, biex tiġi stmata l-kwantità tal-impurità ta' SVHC li jifdal fil-formulazzjoni tal-prodott finali. L-impuritajiet li huma SVHCs ma jistgħux ikunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott taż-żebgħa jew tal-verniċ f'ammont akbar minn 0,0100 % w/w jew fi kwalunkwe ingredjent individwali f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu 0,100 % w/w. Kwalunkwe devjazzjoni minn fattur ta' ritenzjoni ta' 100 % għal impurità ta' SVHC (pereżempju minħabba evaporazzjoni tas-solvent) jew fil-każ ta' modifika kimika, trid tkun appoġġata minn ġustifikazzjonijiet adegwati.

4.2. **Restrizzjonijiet ġenerali bbażati fuq klassifikazzjonijiet skont klassifikazzjonijiet speċifiċi ta' periklu ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.**

(a) formulazzjoni tal-prodott finali

Il-formulazzjoni tal-prodott finali ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala karċinoġenika, mutaġenika, tossika għar-riproduzzjoni, tossika b'mod akut, periklu ta' aspirazzjoni, tossikant speċifiku ta' organi fil-mira, sensitizzatur respiratorju jew tal-ġilda, perikoluża għall-ambjent akkwatiku, perikoluża għas-saff tal-ożonu, li tfixkel is-sistema endokrinali, persistenti, bijoakkumulattiva u tossika (PBT, persistent, bioaccumulative and toxic) jew persistenti, mobbli u tossika (PMT, persistent, mobile and toxic) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u speċifikament f'termini tad-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu fit-Tabella 6. L-unika eċċezzjoni permessa għal din ir-regola għandha tkun il-klassifikazzjoni H412 u H413, u biss jekk minħabba l-livelli ta' preservattivi b'rita niexfa fil-każ ta' żebgħat jew verniċi ta' barra.

(b) Sustanzi mdaħħla

Sakemm ma jkunx hemm deroga fit-Tabella 7, il-formulazzjoni tal-prodott finali ma għandu jkun fiha l-ebda sustanza mdaħħla f'konċentrazzjonijiet ta' 0,010 % skont il-piż jew ogħla tal-formulazzjoni tal-prodott finali li huma kklassifikati, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ma' kwalunkwe waħda mill-klassijiet u l-kategoriji ta' periklu, u l-kodiċijiet assoċjati tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu ddikjarati fit-Tabella 6.

*Tabella 6*

**Klassijiet, kategoriji, kodiċijiet u dikjarazzjonijiet assoċjati ta' periklu ristretti**

| Karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR, Carcinogenic, mutagenic or toxic for reprodution) | |
|---|---|
| Kategoriji 1 A u 1B | Kategorija 2 |
| H340: Jista' jikkawża difetti ġenetiċi | H341: Suspettat li jikkawża difetti ġenetiċi |
| H350: Jista' jikkawża l-kanċer | H351: Suspettat li jikkawża l-kanċer |
| H350i: Jista' jikkawża l-kanċer meta jittieħed bin-nifs | |
| H360: Jista' jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360F: Jista' jagħmel ħsara lill-fertilità | H361f: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità |
| H360D: Jista' jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361d: Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360FD: Jista' jagħmel ħsara lill-fertilità. Jista' jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361fd: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360Fd: Jista' jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf. | H362: Jista' jikkawża ħsara lit-tfal imreddgħa |
| H360Df: Jista' jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf. Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. | |
| Tossiċità akuta | |
| Kategoriji 1 u 2 | Kategorija 3 |
| H300: Fatali jekk jinbela' | H301: Tossiku jekk jinbela' |
| H310: Fatali jekk imiss mal-ġilda | H311: Tossiku jekk imiss mal-ġilda |
| H330: Fatali jekk jittieħed bin-nifs | H331: Tossiku jekk jittieħed bin-nifs |
| | EUH070: Tossiku meta jmiss mal-għajnejn |
| Periklu ta' aspirazzjoni | |
| Kategorija 1 | |
| H304: Jista' jkun fatali jekk jinbela' u jidħol fil-pajpijiet tan-nifs | |

| Karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR, Carcinogenic, mutagenic or toxic for reprodution) | |
|---|---|
| Kategoriji 1 A u 1B | Kategorija 2 |
| Tossiċità speċifika għal organi ta' mira | |
| Kategorija 1 | Kategorija 2 |
| H370: Jikkawża ħsara lill-organi | H371: Jista' jikkawża ħsara lill-organi |
| H372: Jikkawża ħsara lill-organi minħabba esponiment fit-tul jew ripetut | H373: Jista' jikkawża ħsara lill-organi minħabba esponiment fit-tul jew ripetut |
| Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda | |
| Kategoriji 1, 1 A u 1B | |
| H317: Jista' jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda | |
| H334: Jista' jikkawża sintomi ta' allerġija jew ta' ażma jew diffikultajiet biex jittieħed in-nifs jekk jittieħed bin-nifs | |
| Perikoluż għall-ambjent akkwatiku | |
| Kategoriji 1 u 2 | Kategoriji 3 u 4 |
| H400: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi | H412: Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema |
| H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema | H413: Jista' jikkawża effetti dejjiema lill-organiżmi akkwatiċi |
| H411: Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema | |
| Perikoluż għas-saff tal-ożonu | |
| H420: Jagħmel ħsara lis-saħħa tal-pubbliku u lill-ambjent billi jeqred l-ożonu fl-atmosfera ta' fuq | |
| Interferent endokrinali (EDs, endocrine disruptor) għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent | |
| Kategorija 1 | Kategorija 2 |
| EUH380: Jista' jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fil-bnedmin | EUH381: Suspettati li jikkawżaw tfixkil fis-sistema endokrinali fil-bnedmin |
| EUH430: Jista' jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fl-ambjent | EUH431: Suspettat li jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fl-ambjent. |
| Persistenti, Bijoakkumulattiv u Tossiku (PBT, Persistent, Bioaccumulative and Toxic) | |
| PBT | Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB, very Persistent and very Bioaccumulative) |
| EUH440: Jakkumula fl-ambjent u f'organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin | EUH441: Jakkumula ħafna fl-ambjent u f'organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin |
| Persistenti, mobbli u tossiku (PMT, Persistent, Mobile and Toxic) | |
| PMT | Persistenza għolja u Mobbiltà għolja (vPvM, very Persistent and very Mobile) |
| EUH450: Jista' jikkawża kontaminazzjoni dejjiema u diffuża tar-riżorsi tal-ilma | EUH451: Jista' jikkawża kontaminazzjoni dejjiema u diffuża tar-riżorsi tal-ilma |

L-użu ta' sustanzi jew ta' taħlitiet li jkunu mmodifikati kimikament matul il-proċess ta' produzzjoni, sabiex ma jibqa' japplika l-ebda periklu rilevanti li għalih is-sustanza jew it-taħlita tkun ġiet ikklassifikata taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandu jkun eżentat mir-rekwiżit ta' hawn fuq.

Dan il-kriterju ma għandux japplika għal sustanzi mdaħħla koperti mill punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jistabbilixxu kriterji għall-eżenzjoni ta' sustanzi fi ħdan l-Annessi IV u V ta' dak ir-Regolament mir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni, tal-utent downstream u tal-evalwazzjoni.

*Tabella 7*

**Derogi għar-restrizzjonijiet ta' sustanzi mdaħħla li huma kklassifikati b'wieħed jew aktar mill-perikli ristretti elenkati fit-Tabella 6 u li huma preżenti f'konċentrazzjonijiet ta' 0,010 % jew ogħla (skont il-piż) tal-formulazzjoni tal-prodott finali.**

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| Preservattivi u stabbilizzaturi tal-preservattivi | | |

Nota dwar il-preservattivi: il-preservattivi kollha miżjuda mal-ingredjenti jridu jiġu ddikjarati mill-fornituri u mill-preservattivi kollha miżjuda direttament mal-formulazzjoni tal-prodott finali iridu jiġu ddikjarati mill-produttur taż-żebgħat jew tal-verniċi. L-uniċi tipi ta' preservattivi permessi fl-ingredjenti u fil-prodott finali għandhom ikunu dawk li huma konformi mar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għall-prodotti finali li joriġinaw mill-Unjoni, qiegħed jiġi mfakkar li mhuwiex biżżejjed li s-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodott preservattiv jiġu approvati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tip ta' prodott 6 (PT6) (preservattiv fil-bott) jew għat-tip ta' prodott 7 (PT7) (preservattiv b'rita niexfa), iżda l-prodott preservattiv irid jiġi awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-PT6 jew PT7 jew jitqiegħed fis-suq skont il-miżuri tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 89(2) ta' dak ir-Regolament. Il-limiti totali kkombinati għall-preservattivi PT6 u PT7 għandhom japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' prodotti li ġejjin:

— Għal prodotti ta' ġewwa: sa 0,080 % skont il-piż ta' PT6 fil-prodott finali.
— Għal ilwien ħfief ikkuluriti użati f'sistemi għall-għoti ta' lewn ħafif: sa 0,20 % skont il-piż ta' PT6 fil-lewn ħafif ikkulurit.
— Għal prodotti ta' ġewwa kkummerċjalizzati għall-użu f'żoni b'umdità għolja: sa 0,080 % skont il-piż ta' PT6 u sa 0,10 % skont il-piż ta' PT7 fil-prodott finali.
— Għal prodotti ta' barra: sa 0,080 % skont il-piż ta' PT6 u sa 0,50 % skont il-piż ta' PT7 fil-prodott finali.

Ħlief għall-ilwien ħfief ikkuluriti, ir-referenzi kollha għal konċentrazzjonijiet/limiti/livelli ta' preservattivi fit-taqsima "preservattivi u stabbilizzaturi tal-preservattivi", għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għas-sustanzi attivi preservattivi li jinsabu fil-formulazzjoni tal-prodott finali.

Kwalunkwe preservattiv li ma jistax ikun preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-0,010 %, minħabba limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi (SCLs, specific concentration limits) inqas minn 0,010 % li jikklassifikaw il-prodott finali b'periklu ristrett tas-CLP, ma jissemmewx fit-tabella tad-derogi hawn taħt minhabba li ma jistgħux jintużaw f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-0,010 % fl-ewwel lok, u għalhekk ma jeħtiġux deroga. Dan ma jimplikax li ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi mdaħħla fil-prodotti tal-Ekotikketta tal-UE fi kwalunkwe livell. Jekk ma jkunux esklużi b'mod espliċitu fis-subkriterju 4.3, tali preservattivi jistgħu jintużaw sakemm ikunu f'livelli taħt kwalunkwe SCLs li jwasslu għal klassifikazzjoni ristretta tas-CLP tal-formulazzjoni tal-prodott finali.

| | | |
|---|---|---|
| Preservattivi fil-bottijiet (PT6) f'ilwien ħfief ikkuluriti jew fil-prodott finali: | H301, H311, H317, H330, H331, H372, H373, H400, H410, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-preservattivi kollha fil-bottijiet ta' PT6 (dawk derogati għal użu ta' aktar minn 0,010 % flimkien ma' dawk li mhumiex derogati iżda użati f'livelli < 0,010 %) trid tkun fil-limiti rilevanti definiti fin-nota ta' hawn fuq.<br>Meta jintużaw preservattivi li huma donaturi tal-formaldeid, iridu jiġu rrispettati l-limiti rilevanti għall-formaldeid liberu fil-formulazzjoni tal-prodott finali stabbiliti fis-subkriterju 4.3(l).<br>Għandhom japplikaw limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi (% skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali) għas-sustanzi derogati elenkati hawn taħt:<br>— Bronopol (Nru CAS 52-51-7): sa 0,030 %.<br>— DBNPA (Nru CAS 10222-01-2): sa 0,030 %.<br>— Pirition tas-sodju (Nru CAS 3811-73-2): sa 0,030 %.<br>— BIT (Nru CAS 2634-33-5): sa 0,036 %.<br>— Total ikkombinat ta' isotijażolinoni u rilaxxaturi ta' isotijażolinoni (dawk derogati għall-użu ta' aktar minn 0,010 % flimkien ma' dawk li mhumiex derogati iżda użati fil-livelli ta' < 0,010 %): sa 0,040 % fil-formulazzjonijiet finali tal-prodott<br>— Diammina (Nru CAS 2372-82-9): sa 0,050 %. |

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| Preservattivi b'rita niexfa (PT7): | H311, H317, H330, H331, H372, H373 H400, H410, H411, H412 u H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Tapplika biss għal prodotti ta' barra u għal prodotti ta' ġewwa għall-użu f'żoni b'umdità għolja.<br>Is-somma totali ta' preservattivi b'rita niexfa ta' PT7 (dawk derogati għall-użu ta' aktar minn 0,010 % flimkien ma' dawk li mhumiex derogati iżda użati fil-livelli ta' < 0,010 %) trid tkun fil-limiti rilevanti ddefiniti fin-nota ta' hawn fuq.<br>Fil-każ ta' forom ta' rilaxx bil-mod u inkapsulati ta' preservattivi b'rita niexfa, il-klassifikazzjoni speċifika tal-prodott finali, jew formulazzjonijiet ta' read-across, għandha tikkunsidra l-konċentrazzjoni assoluta tal-komponenti perikolużi (jiġifieri mingħajr il-kapsuli). Il-prodott finali jew il-formulazzjoni read-across ma tistax tiġi kklassifikata bi kwalunkwe wieħed mill-perikli elenkati fit-Tabella 6.<br>Kwalunkwe preservattiv b'rita niexfa kklassifikat bħala H400 jew H410 għandu jkun mhux bijoakkumulattiv, muri billi jkollu koeffiċjent ottanol/ilma (Log Kow) ta' ≤ 3,2 jew fattur ta' bijokonċentrazzjoni (BCF, bioconcentration factor) ta' ≤ 100. |
| Stabbilizzatur tal-preservattivi:<br>Ossidu taż-żingu (Nru CAS 1314-13-2) | H400, H410 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess li jintuża bħala stabbilizzatur tal-preservattivi, sa 0,040 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali, meta jintuża biex jiġu stabbilizzati, kombinazzjonijiet ta' preservattivi b'rita niexfa jew fil-bott li jeħtieġu 1,2-Benżisotijażol-3(2H)-on (BIT). |
| Aġenti li jnixxfu u għal kontra t-tqaxxir | | |
| Aġenti għal kontra t-tqaxxir | H317, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-aġent kontra t-tqaxxir ma għandhiex taqbeż il-0,40 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Nixxiefa (sustanzi għat-tnixxif) | H301, H317, H373, H400†, H410†, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-kontenut tan-nixxiefa ma għandhiex taqbeż iż-0,10 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali.<br>† Id-deroga għal H400 u għal H410 tapplika biss għall-komposti tan-nixxiefa ibbażat fuq il-kobalt u tali komposti jistgħu jintużaw biss sa 0,050 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Pigmenti u addittivi tal-pigmenti | | |
| Trimetilolpropan (Nru CAS 77-99-6) | H361fd | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Biss meta jintuża bħala addittiv f'pigmenti fornuti u sa 0,50 % biss skont il-piż fil-pigment fornut. |
| Leganti u dispersjonijiet tal-polimeri | | |
| Leganti u aġenti ta' retikolazzjoni:<br>Diidrażotur tal-aċidu adipiku (Nru CAS 1071-93-8) | H317, H411 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż fl-ingredjent leganti jew tad-dispersjoni tal-polimeri u meta jintuża bħala promotur tal-adeżjoni jew bħala aġent ta' retikolazzjoni. |
| Monomeri li ma jkunux ġew soġġetti għal reazzjoni (fil-leganti) | H301, H304, H311, H317, H331, H334, H372, H400, H410, H411, H412 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-konċentrazzjoni ta' monomeri li ma jkunux ġew soġġetti għal reazzjoni li jeħtieġu din id-deroga ma għandhiex taqbeż iż-0,050 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| | Oħrajn, mixxellanji | |
| Metanol (Nru CAS 67-56-1) | H301, H311, H331, H370 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss bħala prodott ta' reazzjoni residwu ta' sustanzi oħra fil-formulazzjoni tal-prodott. Il-konċentrazzjoni residwa permissibbli tiżdied bħala funzjoni tal-kontenut ta' leganti bil-mod li ġej:<br>— Kontenut ta' leganti ta' 10-20 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta' 0,020 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali.<br>— Kontenut ta' leganti ta' 20-40 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta' 0,030 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali.<br>— Kontenut ta' leganti ta' > 40 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta' 0,050 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Materja prima minerali, inklużi materjal għall-mili, aġenti kontra d-dendil u aġenti li jimmattjaw | H372, H373 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Japplika biss għall-materja prima minerali u għall-minerali ta' lewkofilliti li fihom b'mod naturali s-siliċe kristallina.<br>Permess biss fil-kontenut sa 1,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali għall-materjali tal-H372 jew sa 10 % għall-materjali tal-H373.<br>F'każijiet fejn il-materjal jiġi pprovdut f'forma ta' trab xott, l-applikant għandu juri li għandu sistemi fis-seħħ biex jimminimizza l-esponiment tal-ħaddiema għal trab xott fuq il-post tax-xogħol (pereżempju sistemi ta' dożaġġ magħluqa, żoni ta' dożaġġ ventilati u ta' taħlit u tagħmir protettiv personali). |
| Aġenti newtralizzanti | H301, H311, H331, H400, H410, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż fil-formulazzjonijiet tal-verniċi, u sa 0,50 % fil-prodotti l-oħra kollha. |
| Illuminanti ottiċi | H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 0,10 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Reżina tas-silikonu | H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 2,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Solventi | H304 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 2,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Aġenti tensjoattivi | H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż f'formulazzjonijiet ta' prodotti trasparenti, semitrasparenti, bojod jew ċari jew sa 3,0 % skont il-piż bil-kuluri l-oħra kollha. |
| Stabbilizzaturi tal-UV | H317, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Applikabbli biss għall-prodotti ta' barra u sa 0,60 % skont il-piż biss fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |

(*) Kundizzjoni tad-deroga orizzontali: l-ebda waħda mid-derogi ta' hawn fuq, individwalment jew flimkien, ma għandha tkun permessa jekk tirriżulta fil-klassifikazzjoni tal-formulazzjoni tal-prodott finali bi kwalunkwe wieħed mill-perikli definiti fit-Tabella 6, bl-eċċezzjoni notevoli ta' H412 u H413 għall-prodotti ta' barra minħabba l-preżenza ta' preservattivi b'rita niexfa.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ffirmata ta' konformità mas-subkriterju 4.2, inkluża l-konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni tad-deroga rilevanti, appoġġata minn dikjarazzjonijiet mill-fornituri u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra.

Għandha tiġi ppreżentata lista tas-sustanzi mdaħħla kollha b'wieħed jew aktar mill-perikli ristretti tas-CLP ikkalkulati li jkunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,010 % skont il-piż, flimkien man-numri CAS tagħhom, l-istatus tal-klassifikazzjoni tas-CLP (jiġifieri entrati armonizzati, entrati konġunti jew awtoentrati biss), il-funzjoni rilevanti tas-sustanza mdaħħla (pereżempju preservattiv fil-bott, nixxief, pigment, aġenti newtralizzanti, aġenti tal-UV, aġenti tensjoattivi, stabbilizzatur tal-UV, eċċ.). Il-kalkoli għall-konċentrazzjonijiet tal-prodott finali għandhom ikunu bbażati fuq il-formulazzjoni tal-prodott finali:

— lista tal-ingredjenti, sustanzi kimiċi jew il-materja prima kollha użati biex issir il-formulazzjoni tal-prodott finali;

— l-iskrinjar ta' ingredjenti, sustanzi kimiċi jew materja prima għal dawk is-sustanzi mdaħħla u impuritajiet magħrufa bi kwalunkwe wieħed mill-perikli tas-CLP ristretti għall-Ekotikketta tal-UE;

— il-konċentrazzjonijiet ta' kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata u impurità magħrufa b'perikli tas-CLP ristretti għall-Ekotikketta tal-UE fl-ingredjenti, is-sustanzi kimiċi jew il-materja prima użata fil-format ipprovdut;

— il-piż ta' kull ingredjent, sustanza kimika jew materja prima miżjuda biex isir piż magħruf ta' formulazzjoni tal-prodott finali.

L-impuritajiet magħrufa għandhom jiġu ttrattati bħala sustanzi mdaħħla biss jekk l-eżerċizzju ta' skrinjar jiżvela li l-kontenut tagħhom fil-formulazzjoni tal-prodott finali għandu jaqbeż 0,010 % skont il-piż jew il-kontenut tagħhom f'ingredjent għandu jaqbeż 0,100 % skont il-piż. L-impuritajiet magħrufa taħt dawn il-limiti ma għandhomx jingħaddu fil-kalkoli.

Kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata għandha tiġi preżunta awtomatikament li hija 100 % miżmuma fil-prodott finali. Għandhom jiġu pprovduti ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe devjazzjoni minn fattur ta' ritenzjoni ta' 100 % (pereżempju evaporazzjoni tas-solvent) jew għal modifika kimika ta' sustanza mdaħħla skrinjata. Is-sustanzi magħrufa li jiġu rilaxxati jew li jiddegradaw mis-sustanzi mdaħħla jitqiesu bħala sustanzi mdaħħla u mhux impuritajiet.

Għal kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata li tibqa' fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,010 % skont il-piż, iżda li huma eżentati mis-subkriterju 4.2 (ara l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006), dikjarazzjoni b'dan il-għan mill-applikant għandha tkun biżżejjed għal dawk is-sustanzi.

Peress li diversi prodotti jew prodotti potenzjali (pereżempju sfumaturi personalizzati minn sistema għall-għoti ta' lewn ħafif) li jużaw l-istess ingredjenti, sustanzi kimiċi jew materja prima jistgħu jkunu koperti minn liċenzja waħda tal-Ekotikketta tal-UE, jista' jkun aċċettabbli kalkolu tal-agħar xenarju għal kull sustanza mdaħħla skrinjata fi ħdan familja komuni ta' prodotti koperti mill-istess liċenzja.

Fir-rigward tal-informazzjoni mitluba mill-fornituri li tista' tkun kummerċjalment sensittiva, l-evidenza mill-fornituri tista' tiġi pprovduta wkoll direttament lill-korpi kompetenti mingħajr ma neċessarjament tipprovdi ċerti dettalji lill-applikant.

## 4.3. **Restrizzjonijiet speċifiċi ta' sustanzi perikolużi għas-sustanzi mdaħħla.**

Sakemm ma jkunx hemm deroga għalihom f'subkriterju 4.2, is-sustanzi indikati hawn taħt ma għandhomx jiġu inklużi bħala sustanzi mdaħħla fil-formulazzjoni tal-prodott finali jew bħala sustanzi mdaħħla għall-ingredjenti użati biex issir il-formulazzjoni tal-prodott finali:

(a) Preservattivi jew nixxiefa kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni.

(b) Sustanzi kklassifikati bħala interferenza endokrinali tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 2 għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista kandidata msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, sustanzi identifikati bħala li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, minbarra d-DBNPA (Nru CAS 10222-01-2) fejn jintuża bħala preservattiv fil-bott.

(c) Sustanzi kklassifikati bħala Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi (PBT) jew b'Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB) għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista tal-kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet PBT jew vPvB għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin, sustanzi identifikati bħala li għandhom proprjetajiet PBT jew vPvB għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inklużi fil-bnedmin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(d) Sustanzi kklassifikati bħala sustanzi Persistenti, Mobbli u Tossiċi (PMT) jew Persistenti ħafna u Mobbli ħafna (vPvB) f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista tal-kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala għandhom proprjetajiet PMT jew vPvM.

(e) Alkilfenoli, alkilfenoletossilati (APEOs, alkylphenol ethoxylates) u d-derivattivi tagħhom, kif imsemmija fl-entrata 43 tal-Anness XIV jew fl-entrata 46 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(f) Sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS, Perfluorinated and polyfluorinated compounds), kif definiti fl-Artikolu 4(42).

(g) Ftalati.

(h) Komposti tal-organotin.

(i) Sustanzi tal-fwieħa li huma pprojbiti jew ristretti fi prodotti kożmetiċi u elenkati fl-Annessi II jew III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

(j) Bisfenoli li ġew identifikati mill-ECHA fil-valutazzjoni tagħhom tal-2021 bl-isem "Assessment of Regulatory Needs report on Bisphenols" għal ġestjoni ulterjuri tar-riskju regolatorju tal-UE li huma magħrufa jew interferenti endokrinali potenzjali għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, jew li jistgħu jiġu identifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni.

(k) Il-pigmenti użati ma għandhomx ikunu bbażati fuq il-Kadmju, iċ-Ċomb, il-Kromu (VI), il-Merkurju, l-Arseniku, is-Selenju, l-Antimonju jew il-Kobalt. L-impuritajiet li ġejjin minn kwalunkwe pigment użat ma għandhomx ikunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali fi kwantitajiet li jaqbżu 0,010 % skont il-piż (għal kull metall): Kadmju, Ċomb, Kromu (VI), Merkurju, Arseniku, Selenju, Antimonju u Kobalt. L-uniċi eċċezzjonijiet għall-użu tal-pigment u għal-limitu ta' 0,010 % għall-impuritajiet għandhom ikunu:

— Kobalt: minħabba l-użu ta' Spinell blu tal-aluminat tal-kobalt (Nru CAS 1345-16-0) u pigmenti tal-ispinell blu-aħdar tal-kromit tal-kobalt (Nru CAS 68187-11-1).

— Antimonju: minħabba l-użu ta' pigmenti bbażati fuq in-Nikil tal-Antimonju f'kannizzata tat-$TiO_2$ insolubbli.

(l) Il-formaldeid liberu ma għandux jiżdied intenzjonalment mal-formulazzjoni tal-prodott finali. Il-prodott finali għandu jiġi ttestjat sabiex jiġi stabbilit il-kontenut ta' formaldeid liberu fih. Għandhom jintgħażlu kampjuni tal-agħar xenarju għall-ittestjar għal kull familja ta' prodotti li abbażi tagħhom il-prodott huwa previst li jkollu l-ogħla ammont teoretiku ta' kontenut ta' formaldeid. Fil-kundizzjonijiet definiti hawn taħt, għandhom ikunu permessi l-limiti totali tas-somma li ġejjin ta' formaldeid liberu:

— Sa 0,0010 % skont il-piż permess meta jkunu meħtieġa l-bronopol jew preservattivi li huma donaturi tal-formaldeid bħala preservattiv fil-bott biex jiġi protett tip speċifiku ta' żebgħa jew verniċ

— Sa 0,010 % skont il-piż permess meta d-dispersjonijiet tal-polimeri (leganti) jipprovdu, permezz ta' livelli residwi ta' formaldeid, il-funzjoni ta' donaturi tal-formaldeid minflok preservattivi fil-bottijiet.

— Sa 0,010 % meta ż-żewġ kundizzjonijiet elenkati hawn fuq japplikaw bl-istess prodott.

(m) Mikropartikoli ta' polimeri sintetiċi (SPMs, Synthetic polymer microparticles, magħrufa b'mod komuni bħala mikroplastiks) kif definiti fl-entrata 78 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), ma għandhomx jintużaw għal finijiet mhux ta' formazzjoni ta' riti fi kwalunkwe formulazzjoni ta' prodott sakemm l-użu u l-iskop tagħhom ma jiġux iddikjarati b'mod espliċitu, flimkien ma' ġustifikazzjoni ta' għaliex l-użu tagħhom itejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodott taż-żebgħa jew tal-verniċ.

**Valutazzjoni u verifika:**

(a sa j) L-applikant għandu jiddikjara n-nuqqas ta' użu tas-sustanzi rilevanti indikati f'dan is-subkriterju, jiġifieri preservattivi CMR, nixxiefa CMR, interferenti endokrinali (minbarra DBNPA), sustanzi PBT u vPVB, sustanzi PMT u vPvM, alkilfenoli u APEOs, PFAS, ftalati, komposti tal-organotin, fwejjaħ u bisfenoli bħala sustanzi mdaħħla fil-formulazzjonijiet tagħhom, appoġġati minn dikjarazzjonijiet mill-fornituri tagħhom dwar in-nuqqas ta' użu tal-gruppi ta' sustanzi mhux perikolużi bħala sustanzi mdaħħla fl-ingredjenti fornuti u li jintużaw bħala formulazzjonijiet koperti mill-proċedura tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.

(k) Fil-każ tar-restrizzjonijiet tal-metall tqil mill-pigmenti, l-applikant jew il-fornitur tal-pigment għandu jipprovdi dikjarazzjoni li tiddikjara li la l-pigment innifsu u lanqas kwalunkwe sustanza mdaħħla li tista' tiġi inkorporata fil-prodott tal-pigment ma hija bbażata fuq il-metalli tqal elenkati. L-applikant jew il-fornitur tal-pigment għandu jipprovdi wkoll rapport tat-test bil-livelli ta' impuritajiet tal-metall tqil ta' kampjuni rappreżentattivi tal-pigment fornut. Imbagħad, l-applikant għandu juża dawn ir-riżultati, flimkien mal-% tal-pigment(i) użat(i) fil-prodott finali, biex jikkalkula l-konċentrazzjoni ta' metalli tqal mill-pigmenti li jifdal fil-prodott finali. Fil-każ ta' pigmenti eżentati, il-fornitur tal-pigment għandu jiddikjara liema pigment(i) għandu/għandhom l-eżenzjoni (jiġifieri spinell blu tal-aluminat tal-kobalt, spinell blu-aħdar tal-kromit tal-kobalt jew nikil tal-antimonju f'kannizzata tat-$TiO_2$ insolubbli).

(l) L-applikant għandu jiddikjara liema mill-prodotti tiegħu għandu jkollu l-ogħla kontenut teoretiku ta' formaldeid liberu f'kull familja ta' formulazzjoni ta' prodotti. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-għażla tal-formulatur taż-żebgħa li juża d-donaturi tal-formaldeid bħala preservattivi u dikjarazzjonijiet mill-fornituri fir-rigward tal-ammonti ta' donaturi tal-formaldeid użati biex jippreservaw l-ingredjenti fornuti (speċjalment il-leganti). Iż-żieda ta' dawn is-sustanzi (u ta' kwalunkwe ingredjent ieħor li jirrilaxxa l-formaldeid) mal-formulazzjonijiet tal-agħar xenarju ma għandhiex tirriżulta fil-kontenut ta' formaldeid liberu fil-prodott finali li jaqbeż il-limitu ta' konċentrazzjoni rilevanti, kif imkejjel bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

(m) L-applikant għandu jipprovdi jew dikjarazzjoni dwar in-nuqqas ta' użu ta' SPMs għal skopijiet li mhumiex ta' formazzjoni ta' rita jew dikjarazzjoni dwar l-użu tagħhom fil-formulazzjoni tal-prodott. F'każijiet fejn jiġi ddikjarat l-użu ta' SPMs għal skopijiet mhux ta' formazzjoni ta' rita, it-tip, il-kwantità (% piż piż) u l-iskop għandhom jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni, flimkien ma' ġustifikazzjoni ta' kif l-użu ta' SPMs għal skopijiet mhux ta' formazzjoni ta' rita jtejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodott. Dawn il-ġustifikazzjonijiet normalment għandhom iqabblu l-prestazzjoni ambjentali tal-istess prodott bl-SPMs u mingħajrhom għal skopijiet mhux ta' formazzjoni ta' rita.

**Kriterju 5. Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili (KOV)**

*Nota:* applikabbli biss għaż-żebgħat, il-verniċi u l-prodotti relatati dekorattivi ta' ġewwa

L-emissjonijiet ta' KOV ma għandhomx jaqbżu l-limiti definiti fit-Tabella 8 hawn taħt.

*Tabella 8*

**Limiti tal-emissjonijiet ta' KOV**

| Parametru | Riżultati tat-test ta' 3 ijiem | Riżultati tat-test ta' 28 jum |
|---|---|---|
| KOV totali (*) | ≤ 3 000 µg/m³ | ≤ 300 µg/m³ |
| Valur R (**) | mhux applikabbli | ≤ 1,0 |
| Formaldeid | mhux applikabbli | ≤ 10 µg/m³ |
| Kwalunkwe KOV karċinoġeniku ieħor tal-kategorija 1 A jew 1B mhux kopert mill-valuri tal-LCI tal-UE (***) | ≤ 10 µg/m³ għal kull sustanza | ≤ 1 µg/m³ għal kull sustanza |

(*) Il-KOV totali għandu jitkejjel kif definit fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u għandu jinkludi l-kwantifikazzjoni ta' kwalunkwe kompost mhux fil-mira

(**) Il-valur R, kif definit fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. Ir-riżultati għall-valur R kumulattiv għandhom jiġu arrotondati għal pożizzjoni deċimali waħda qabel ma tiġi ddeterminata l-konformità jew in-nuqqas ta' konformità mal-limitu ta' 1,0.

(***) Ma japplikax għall-formaldeid, li huwa Kompost organiku volatili ħafna (KOVĦ) u huwa kopert minn limitu individwali speċifiku. Ma japplikax għal KOVĦ jew KOV karċinoġeniċi oħra li għandhom valur tal-LCI tal-UE, peress li dawn huma diġà koperti mil-limitu tal-valur-R.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jissottometti kopja tar-rapport tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti għall-formulazzjoni tal-prodott tal-agħar xenarju f'kull waħda mill-familji rilevanti ta' prodotti li jkunu koperti mill-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE. Kwalunkwe bidla fil-formulazzjonijiet li toħloq kontenut ogħla tal-KOV fl-agħar xenarju għandha tiskatta r-rekwiżit li jiġi ppreżentat rapport aġġornat tat-test tal-emissjonijiet tal-KOV. Fejn rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni ċara tad-differenzi magħmula bejn il-familji tal-prodotti (pereżempju l-kimika tal-leganti, il-kategorija tal-prodotti eċċ.), flimkien ma' ġustifikazzjoni tal-prodott tal-agħar xenarju f'kull familja tal-prodotti.

F'każijiet fejn sistema ta' kisi jkollha diversi saffi, is-sistema sħiħa għandha tiġi applikata għas-substrat tat-test skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur qabel l-ittestjar tal-emissjonijiet.

Għall-kalkolu tal-valur R, għandha ssir referenza għall-aktar sett reċenti ta' valuri miftiehma ta' Konċentrazzjoni l-Aktar Baxxa ta' Interess (LCI, Lowest Concentration of Interest) tal-UE disponibbli fil-ħin tal-ittestjar. Dawn il-valuri jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea (1).

Jekk il-konċentrazzjonijiet tal-arja fil-kompartiment ikunu jistgħu jintwerew li jikkonformaw mal-limiti ta' 28 jum qabel ma jitlesta l-perjodu ta' 28 jum iżda wara perjodu ta' mill-inqas 3 ijiem, dawk ir-riżultati jistgħu jiġu aċċettati bħala prova ta' konformità u t-test jista' jitwaqqaf f'dak il-punt.

(1) Ara: https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/construction/eu-lci-subgroup/eu-lci-values_mt

**Kriterju 6. Tagħrif għall-konsumaturi**

6(a) L-informazzjoni li ġejja għandha tidher fuq l-imballaġġ jew għandha tkun mehmuża miegħu:

- Rakkomandazzjoni biex titnaqqas il-ħela taż-żebgħa jew tal-verniċ billi jiġi stmat kemm hemm bżonn żebgħa jew verniċ qabel ix-xiri,
- Kif tirkupra żebgħa jew verniċ mhux użati għal użu mill-ġdid,
- Kif l-użu mill-ġdid taż-żebgħa jew tal-verniċ jista' jimminimizza b'mod effettiv l-impatt ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti,
- Informazzjoni mitluba fis-subkriterju 6(b) jew spjegazzjoni ta' kif wieħed jista' jaċċessa tali informazzjoni.

6(b) L-informazzjoni li ġejja għandha tidher fuq l-imballaġġ jew tkun imwaħħla miegħu jew tkun disponibbli permezz ta' link tal-web jew kodiċi QR:

- Kif tistma l-ammont ta' żebgħa jew verniċ meħtieġ qabel ix-xiri sabiex titnaqqas il-ħela taż-żebgħa jew tal-verniċ u ammont rakkomandat bħala gwida (pereżempju għal 1 $m^2$ ta' ħajt, huma meħtieġa X litri ta' żebgħa jew verniċ),
- Kundizzjonijiet xierqa tal-ħażna tal-prodott (qabel u wara l-ftuħ), inkluż, fejn xieraq, pariri dwar is-sikurezza,
- Miżuri ta' sikurezza għall-utent inkluż rakkomandazzjoni bażika dwar tagħmir protettiv personali li għandu jintlibes u miżuri addizzjonali li għandhom jittieħdu meta jintuża l-prodott u jekk applikabbli meta jintuża tagħmir tal-isprej,
- L-użu ta' tagħmir tat-tindif u l-immaniġġar xieraq tal-iskart taż-"żebgħa jew verniċ li jifdal" u l-imballaġġ (sabiex jiġi limitat it-tniġġis tal-ilma u tal-ħamrija). Pereżempju, test li jagħti parir li l-prodott mhux użat jeħtieġ immaniġġar speċjalizzat għal rimi sikur fl-ambjent u għalhekk ma għandux jintrema mal-iskart domestiku jew kummerċjali.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżit u għandu jipprovdi lill-korp kompetenti x-xogħol artistiku jew il-kampjuni tal-informazzjoni għall-utent u/jew link jew kodiċi QR għas-sit web tal-manifattur li jkun fih dan it-tagħrif bħala parti mill-applikazzjoni. Għandu jingħata l-ammont ta' żebgħa rakkomandat bħala linja gwida.

**Kriterju 7. Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE**

It-tikketta fakultattiva b'kaxxa testwali għandu jkun fiha tlieta mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin, skont ir-rilevanza tagħhom:

— Kontenut imminimizzat kemm jista' jkun ta' sustanzi perikolużi,

— Kontenut imnaqqas ta' komposti organiċi volatili (KOV): x g/l,

— Emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili mnaqqsa fl-arja ta' ġewwa (għal prodotti ta' ġewwa),

— Prestazzjoni tajba għall-użu fuq ġewwa (għall-prodotti ta' ġewwa), jew

— Prestazzjoni tajba għall-użu fuq barra, (għall-prodotti ta' barra) jew

— Prestazzjoni tajba kemm għall-użu fuq ġewwa kif ukoll għall-użu fuq barra (għall-prodotti adatti għall-użu fuq ġewwa u fuq barra).

Il-linji gwida għall-użu tat-tikketta fakultattiva b'kaxxa testwali jistgħu jinstabu fil-"Linji Gwida għall-Użu tal-Logo tal-Ekotikketta" f'dan is-sit web:

http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo_guidelines.pdf

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi kampjun tat-tikketta tal-prodott jew xogħol artistiku tal-imballaġġ fejn titqiegħed l-Ekotikketta tal-UE, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

*ANNESS II*

**Kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-kisjiet ta' rendiment u l-prodotti relatati**

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għandhom fil-mira tagħhom l-aqwa kisjiet ta' rendiment u prodotti relatati fis-suq, f'termini ta' prestazzjoni ambjentali. Il-kriterji jiffokaw fuq l-impatti ambjentali ewlenin assoċjati maċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn il-prodotti u jippromwovu aspetti tal-ekonomija ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-valutazzjoni u l-verifika**

Sabiex prodott speċifiku jingħata Ekotikketta tal-UE, il-prodott għandu jikkonforma ma' kull rekwiżit. L-applikant għandu jipprovdi konferma bil-miktub li tiddikjara li l-kriterji kollha huma ssodisfati.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u tal-verifika huma indikati f'kull kriterju.

Meta l-applikant ikun meħtieġ li jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżijiet, rapporti tat-testijiet, jew evidenza oħra biex juri konformità mal-kriterji, dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur/fornituri tagħhom, kif xieraq.

Il-korpi kompetenti għandhom jirrikonoxxu preferenzjalment l-attestazzjonijiet li jinħarġu mill-korpi akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni, u l-verifiki minn korpi li huma akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi.

Meta xieraq, jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar minbarra dawk indikati għal kull kriterju jekk il-korp kompetenti li jivvaluta l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazzjoni ta' sostenn u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti jew spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw il-konformità ma' dawn il-kriterji.

Tibdiliet fil-fornituri u fis-siti tal-produzzjoni li jappartjenu għall-prodotti li tkun ingħatatilhom l-Ekotikketta tal-UE għandhom jiġu nnotifikati lill-korpi kompetenti, flimkien ma' informazzjoni ta' sostenn li tippermetti l-verifika tal-konformità kontinwa mal-kriterji.

Bħala prerekwiżit, il-prodott għandu jissodisfa kull rekwiżit legali rispettiv tal-pajjiż jew tal-pajjiżi fejn il-prodott ikun maħsub li jitqiegħed fis-suq. L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dan ir-rekwiżit.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta flimkien mal-applikazzjoni għall-Ekotikketta tal-UE:

(a) Lista tal-prodotti individwali kollha taż-żebgħa u tal-verniċ koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE, miġbura f'familji ta' prodotti u li tindika kwalunkwe karatteristika rilevanti tal-prodott li taffettwa liema rekwiżiti speċifiċi mill-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE japplikaw. Familja ta' prodotti se jkollha l-istess formulazzjoni bażi u subkategorija tal-prodott, iżda tista' tvarja f'termini ta' sfumatura/jew format ta' imballaġġ.

(b) Deskrizzjoni tal-formulazzjoni(jiet) tal-prodott, b'kompożizzjoni f'% tal-ingredjenti użati u l-funzjoni speċifika ta' kull ingredjent (l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tista' tkun soġġetta għal ftehim ta' nondivulgazzjoni bejn l-applikant u l-korp kompetenti jew, f'xi każijiet, direttament bejn il-fornitur u l-korp kompetenti). Il-funzjonijiet tal-ingredjenti għandhom ikunu jew: aċċelleratur; addittiv; aġent kontra l-imblukkar; aġent kontra r-ragħwa; aġent kontra s-sedimentazzjoni; aġent kontra t-tqaxxir; legant; aġent koalexxenti; kulurant; pigment; aġent ta' retikolazzjoni; aġent li jwebbes; dilwent; aġent dispersiv; nixxief; materjal għall-mili; preservattiv b'rita niexfa; preservattiv fil-bott; aġent li jimmattja; aġent newtralizzanti; illuminant ottiku; plastifikant; dispersjoni tal-polimeri; stabbilizzatur tal-preservattivi; reżina; ritrardant; modifikatur reoloġiku; reżina tas-silikonu; solvent; aġent tensjoattiv; stabbilizzatur tal-UV; ilma; aġent ripellent tal-ilma jew, f'każ li ma japplika l-ebda wieħed minn dawn, "oħrajn".

(c) Skedi tad-data tas-sikurezza għall-ingredjenti użati fil-formulazzjonijiet taż-żebgħat u tal-verniċi.

(d) Kwalunkwe informazzjoni oħra assoċjata mal-produzzjoni ta' ingredjenti u materjali li hija meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għandha tiġi pprovduta mill-fornituri jew mill-produtturi ta' dawk l-ingredjenti u l-materjali.

(e) Sabiex jiġi ddeterminat in-numru ta' prodotti fi ħdan kwalunkwe familja partikolari ta' prodotti, deskrizzjoni tal-format(i) tal-imballaġġ użat(i), il-volum(i) tal-prodott miżmum(a) u l-materjal(i) tal-imballaġġ użat(i) għal kull wieħed mill-prodotti taż-żebgħa u tal-verniċ koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

(f) Sabiex titnaqqas il-kwantità ta' ttestjar u dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċeduri ta' valutazzjoni u ta' verifika, diversi kriterji jiddikjaraw b'mod espliċitu li l-konformità ta' familja sħiħa ta' prodotti tista' tiġi preżunta jekk il-prodott tal-agħar xenarju jista' jintwera li jikkonforma. Kull darba li tiġi sottomessa d-data għal prodott tal-agħar xenarju, din għandha tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni tar-raġuni għaliex dan il-prodott partikolari jirrappreżenta l-agħar xenarju fi ħdan il-familja tiegħu ta' prodotti għall-proprjetà li tkun qed tiġi ttestjata.

**Kriterju 1. Produzzjoni tad-diossidu tat-titanju**

Jekk il-prodott finali jkun fih aktar minn 3,0 % w/w ta' pigment tad-diossidu tat-titanju ($TiO_2$), l-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma mill-produzzjoni ta' kwalunkwe pigment tad-diossidu tat-titanju użat għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti elenkati hawn taħt għall-proċessi tal-produzzjoni rispettivi:

*Tabella 1*

**Rekwiżiti għall-produzzjoni tad-Diossidu tat-Titanju**

| Parametru u metodu analitiku | Proċess tas-sulfat | Proċess tal-klorur |
|---|---|---|
| L-emissjonijiet ta' trab fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 0,40 kg/t pigment tat-$TiO_2$ | ≤ 0,66 kg/t pigment tat-$TiO_2$ |
| Emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 4,5 kg/t pigment tat-$TiO_2$ | mhux applikabbli |
| Emissjonijiet ta' HCI fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | mhux applikabbli | ≤ 0,70 kg/t pigment tat-$TiO_2$ |
| Emissjonijiet ta' $SO_4^{2-}$ fl-ilma (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 300 kg $SO_4^{2-}$/t pigment tat-$TiO_2$ | mhux applikabbli |
| Emissjonijiet ta' $Cl^-$ fl-ilma (imkejla bl-użu tal-metodu tal-bilanċ tal-massa jew bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | mhux applikabbli | ≤ 103 kg $Cl^-$/t pigment tat-TiO ([2])[(2)]<br>≤ 179 kg $Cl^-$/t pigment tat-$TiO_2$ ([3])<br>≤ 329 kg $Cl^-$/t pigment tat-$TiO_2$[( ]([4])[)] |
| Ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab | Għandu jintwera | Għandu jintwera |

([1]) Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' trab fl-arja mill-proċess tal-klorur jitqiesu bħala: stadji tal-maċinazzjoni, tal-klorinazzjoni, tal-ossidazzjoni u tal-mikronizzazzjoni. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' HCl fl-arja mill-proċess tal-klorur jitqiesu bħala: klorinazzjoni, purifikatur tal-aċidu minn proċessi ta' separazzjoni tas-solidi u ta' trattament tal-klorur tal-metall. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' trab fl-arja mill-proċess tas-sulfat jitqiesu bħala: stadji tal-maċinazzjoni, tad-diġestjoni, tal-kalċinazzjoni u tal-mikronizzazzjoni. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja mill-proċess tas-sulfat jitqiesu bħala: proċessi ta' diġestjoni u ta' kalċinazzjoni.

([2]) Meta l-mineral użat ikun > 95 % kontenut ta' $TiO_2$.

([3]) Meta l-mineral użat ikun 90-95 % kontenut ta' $TiO_2$.

([4]) Meta l-mineral użat ikun < 90 % kontenut ta' $TiO_2$.

L-emissjonijiet fl-arja għandhom jingħaddu mis-sors(i) punt rilevanti ddikjarat(i) fil-punt (1) ta' hawn fuq fejn l-emissjonijiet jistgħu jiġu mmonitorjati kontinwament jew perjodikament minn punt ta' kampjunar fiss wara kwalunkwe sistema ta' tnaqqis tal-gass tal-egżost.

L-emissjonijiet fl-ilma għandhom jitqiesu bħala sulfat jew klorur preżenti fi kwalunkwe effluwent tal-ilma mormi ttrattat li jintrema fi kwalunkwe xmara, lag, ilma tranżizzjonali, ilma kostali jew ilma tal-baħar.

Il-limitu rilevanti għall-emissjonijiet tal-klorur fl-ilma għandu jkun ibbażat fuq il-% tal-medja ponderata tal-kontenut ta' $TiO_2$ tal-mineral(i) użat(i) matul il-perjodu tal-kalkolu.

Ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab għandu, bħala minimu, jinkludi l-aspetti li ġejjin:

— Valutazzjoni tar-riskju għall-post tax-xogħol li tidentifika l-oqsma ewlenin kollha tal-emissjoni potenzjali tat-trab u l-esponiment tal-ħaddiema għat-trab.

— Il-ħtieġa li jkun hemm fis-seħħ programm ta' monitoraġġ tal-iġjene okkupazzjonali fuq il-post tax-xogħol.

— L-għoti ta' taħriġ xieraq lill-impjegati dwar prattika tajba għall-kontroll tat-trab.

— Il-forniment ta' tagħmir protettiv personali adegwat lill-impjegati u lill-viżitaturi.

**Valutazzjoni u verifika**

L-applikant għandu jiddikjara l-kontenut ta' $TiO_2$ użat f'kull waħda mill-formulazzjonijiet tal-prodott soġġetta għall-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe prodott b'kontenut ta' pigment ta' $TiO_2$ ta' aktar minn 3,0 % w/w, l-applikant għandu jiddikjara wkoll il-fornitur jew il-fornituri tat-$TiO_2$ użati f'dawk il-prodotti.

Id-dikjarazzjoni tal-applikant għandha tkun appoġġata minn dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ tagħhom (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk differenti) li jiddikjaraw:

— It-tip ta' proċess tal-produzzjoni tat-$TiO_2$ użat (klorur jew sulfat).

— Il-firxa tal-kontenut ta' $TiO_2$ applikabbli tal-mineral medju ponderat fil-każ tal-proċess tal-klorur.

— Data medja annwali dwar l-emissjonijiet tat-trab fl-arja, $SO_2$ fl-arja, u $SO_4^{2-}$ fl-ilma għal $TiO_2$ prodott permezz tal-proċess tas-sulfat. Inkella, id-data medja dwar l-emissjonijiet tat-trab fl-arja, HCl fl-arja, u $Cl^-$ fl-ilma għal $TiO_2$ prodott permezz tal-proċess tal-klorur.

— Id-dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk ikunu differenti) għandhom jinkludu l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti użati biex jitkejlu l-parametri rilevanti elenkati fit-Tabella 1.

— Il-miżuri fis-seħħ biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab.

Id-dikjarazzjoni mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk differenti) għandha tinkludi kalkolu bażiku dwar kif inkisbu l-emissjonijiet medji annwali. Jekk il-produzzjoni tal-pigment tat-$TiO_2$ fornut ma tkunx kontinwa, jistgħu jiġu aċċettati kalkoli tad-data dwar l-emissjonijiet li jkopru perjodu iqsar minn 12-il xahar. F'każijiet ta' monitoraġġ kontinwu, il-konċentrazzjonijiet medji annwali tal-emissjonijiet għandhom jiġu derivati minn konċentrazzjonijiet medji ta' kuljum. Għal emissjonijiet immonitorjati perjodikament, iridu jittieħdu mill-inqas 3 kampjuni biex jinkisbu r-riżultati medji. Kwalunkwe kampjunar perjodiku jrid jittieħed matul perjodi ta' operazzjoni stabbli li huma rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet normali tal-pjanti għall-produzzjoni tal-pigmenti tat-$TiO_2$ użati fil-prodotti taż-żebgħa tal-Ekotikketta tal-UE.

Il-kalkoli tal-emissjonijiet għandhom ikunu meħtieġa biss li jiġu sottomessi fid-data tal-applikazzjoni għall-Ekotikketta tal-UE. Jekk tingħata l-Ekotikketta tal-UE, l-applikant jista' sempliċement jitlob dikjarazzjonijiet aġġornati kull sena mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ tiegħu tal-konformità kontinwa mal-limiti tal-emissjonijiet.

Għall-emissjonijiet fl-arja, il-konċentrazzjonijiet għandhom jiġu espressi f'unitajiet ta' $mg/Nm^3$ u mmultiplikati b'rata speċifika tal-fluss tal-arja tal-emissjonijiet f'unitajiet ta' $Nm^3$/tunnellata ta' produzzjoni ta' pigment tat-$TiO_2$ għall-istess perjodu ta' żmien li tkun inġabret id-data. Jekk ikun hemm aktar minn sistema waħda ta' tnaqqis tal-gass tal-egżost għal sorsi punt ta' emissjonijiet ewlenin fl-arja, emissjonijiet mill-arja nadifa minn kull sistema ta' tnaqqis għandhom jingħaddu u jiżdiedu.

Għal emissjonijiet fl-ilma, għandu jintuża kejl dirett jew approċċ ta' bilanċ tal-massa. L-approċċ tal-bilanċ tal-massa għandu jkun ibbażat fuq il-bilanċ bejn l-inputs ta' sulfat/klorur mhux ipproċessat u l-outputs ta' sulfat/klorur fi prodotti sekondarji, fl-emissjonijiet fl-arja u fl-iskart solidu li jintrema fil-landfills jew li jiġi inċinerat. Id-differenza fil-mases tal-inputs u tal-outputs għandha titqies bħala l-massa tas-sulfat/klorur li tiġi emessa fl-ilma matul il-perjodu tal-kalkolu u għandha tiġi diviża bil-kwantità stmata ta' pigment tat-$TiO_2$ prodott matul l-istess perjodu biex jiġu kkalkolati l-emissjonijiet speċifiċi fl-ilma f'unitajiet ta' kg ta' pigment tas-sulfat jew tal-klorur/t $TiO_2$.

Bl-approċċ ta' kejl dirett għall-emissjonijiet fl-ilma, il-konċentrazzjonijiet imkejla f'unitajiet ta' $g/m^3$ għandhom jiġu mmultiplikati b'rata tal-fluss speċifika tal-effluwent tal-ilma mormi ttrattat f'unitajiet ta' $m^3$/tunnellata ta' produzzjoni tal-pigment tat-$TiO_2$ għall-istess perjodu ta' żmien li fih tkun inġabret id-data tas-sulfat/klorur.

**Kriterju 2. Rekwiżiti tal-effiċjenza fl-użu**

Sabiex tintwera l-effiċjenza fl-użu tal-kisjiet ta' rendiment u l-prodotti relatati, għandhom jitwettqu t-testijiet li ġejjin għal kull tip ta' prodott, kif indikat fit-Tabella 2 u dettaljati fit-test tal-kriterju aktar tard.

*Tabella 2*

**Rekwiżiti ta' rendiment għal tipi differenti ta' kisjiet ta' rendiment u prodotti relatati**

| Kriterji | | Kategoriji ta' kisjiet ta' rendiment (bis-subkategoriji tagħhom identifikati skont id-Direttiva 2004/42/KE) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Żebgħat għall-kisi tal-art (i, j) | Verniċi għall-kisi tal-art (i, j) | Prodotti kontra l-korrużjoni (i, j) | Primituri (fi ħdan is-sistemi i) u j)) | Primituri leganti (fi ħdan is-sistemi i) u j)) | Kisjiet ta' impermeabbilizzazzjoni (i, j) |
| 2(a) | Rata tat-tifrix | Iva | Le | Jekk opaki | Jekk opaki | Jekk opaki | Jekk opaki, irrapporta biss |
| 2(b) | Kontenut ta' pigment abjad | Iva | Le | Jekk opaki | Le | Le | Jekk opaki, irrapporta biss |
| 2(c) | Reżistenza għall-ilma | Iva | Iva | Iva | Le | Le | Iva + ETA |
| 2(d) | Adeżjoni | Jekk opaki u mingħajr żebgħa ta' taħt jew primitura | Jekk opaki u mingħajr żebgħa ta' taħt jew primitura | Jekk opaki u mingħajr żebgħa ta' taħt jew primitura | Jekk opaki | Jekk opaki | Jekk opaki u mingħajr żebgħa ta' taħt jew primitura |
| 2(e) | Barxa | Iva | Iva | Jekk għall-pavimentar tal-metall | Le | Le | Jekk għal artijiet ittraffikati |
| 2(f) | Esponimenti għall-kundizzjonijiet tat-temp | Jekk fuq barra | Jekk fuq barra | Jekk fuq barra | Le | Le | Jekk fuq barra |
| 2(g) | Reżistenza għall-korrużjoni | Jekk iddikjarati | Le | Iva | Jekk iddikjarati | Jekk iddikjarati | Jekk iddikjarati |
| 2(h) | Ekotossiċità | Le | Le | Iva | Le | Le | Jekk fuq barra |

2(a) Rata tat-tifrix

*Nota 1:* Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal kisjiet trasparenti u semitrasparenti.

*Nota 2.* Għas-sistemi għall-għoti ta' lewn ħafif, dan il-kriterju japplika biss għall-bażi għall-għoti ta' lewn ħafif li jkun fiha l-aktar $TiO_2$. F'każijiet fejn il-bażi għall-għoti ta' lewn ħafif ma tkunx tista' tikseb dan ir-rekwiżit, il-kriterju għandu jiġi ssodisfat wara li l-bażi tingħata lewn ħafif biex jiġi prodott il-kulur standard RAL 9010.

*Nota 3.* Dan ir-rekwiżit japplika għaż-żebgħat bojod kollha. Għall-familji ta' prodotti taż-żebgħa disponibbli biss bl-isfumaturi prestabbiliti, ir-rata tat-tifrix għandha tapplika għall-kulur l-aktar ċar.

Ir-rati tat-tifrix għandhom jiġu kkalkolati filwaqt li tiġi żgurata qawwa opaċizzanti ta' mill-inqas 98 % skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti jew metodu ekwivalenti li jista' jiġi vvalidat kontrihom. Japplikaw il-limiti minimi tar-rata tat-tifrix li ġejjin:

— Il-kisjiet ta' rendiment ta' ġewwa għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 8 $m^2$ għal kull litru ta' prodott.

— Il-kisjiet ta' rendiment ta' barra għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 6 $m^2$ għal kull litru ta' prodott.

— Il-kisjiet ta' rendiment ikkummerċjalizzati għall-applikazzjoni fuq ġewwa kif ukoll fuq barra għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' rata' tat-tifrix ogħla ta mill-inqas 8 $m^2$ għal kull litru.

— Kwalunkwe primituri opaki użati fis-sistemi ta' kisi ta' rendiment għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 8 $m^2$ għal kull litru ta' prodott. Rata tat-tifrix aktar baxxa ta' 6 $m^2$ għal kull litru ta' prodott tapplika għal primituri opaki b'karatteristiċi speċifiċi ta' mblukkar, issiġillar, penetranti, leganti jew ta' adeżjoni speċjali.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-limiti rilevanti tar-rata tat-tifrix jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżit tar-rata tat-tifrix għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Id-dikjarazzjoni għandha tkun appoġġata minn riżultati tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti jew metodu ekwivalenti li jista' jiġi vvalidat kontrihom. Għandu jiġi indikat b'mod ċar liema riżultati tar-rata tat-tifrix jikkorrispondu għal liema familji ta' prodotti koperti mill-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.

2(b) Kontenut ta' pigment abjad

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għall-prodotti taż-żebgħa u l-kontenut ta' pigment abjad għandu jiġi kkalkolat bl-istess prodotti li għalihom ir-rata tat-tifrix titkejjel skont in-noti fil-kriterju 2(a). Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, it-terminu "pigment abjad" għandu jitqies li jirreferi biss għal pigmenti b'indiċi rifrattiv ogħla minn 1,8.

Il-kontenut ta' pigment abjad ma għandux jaqbeż:

— 36 g/$m^2$ għal marki tal-prestazzjoni kkummerċjalizzati għal użu fuq ġewwa biss.

— 38 g/$m^2$ għal marki tal-prestazzjoni kkummerċjalizzati għal użu fuq barra biss.

— 36 g/$m^2$ għal marki tal-prestazzjoni kkummerċjalizzati għal użu fuq ġewwa u għal użu fuq barra. Kwalunkwe prodott taż-żebgħa tal-Ekotikketta tal-UE li jiddikjara reżistenza għall-għorik umdu jrid jissodisfa r-rekwiżiti għall-klassi 1 jew għall-klassi 2 skont il-proċedura definita fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u s-sistemi ta' klassifikazzjoni u jikkonforma mal-limiti massimi rispettivi għall-kontenut ta' pigment abjad iddefinit fit-tabella ta' hawn taħt.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. F'każijiet ta' prodotti rilevanti, l-applikant għandu jiddikjara l-kontenut totali ta' pigmenti bojod b'indiċi rifrattiv ta' > 1,8 fil-prodott finali, b'bażi għall-għoti ta' lewn ħafif rilevanti jew b'formulazzjonijiet taż-żebgħa ta' bażi bajda li huma soġġetti għall-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE. Din l-informazzjoni għandha tingħata f'termini tal-isem kimiku u n-numru CAS tal-pigment abjad, l-indiċi rifrattiv iddikjarat tiegħu, il-konċentrazzjoni tiegħu fi g/l ta' prodott taż-żebgħa u d-densità taż-żebgħa, fi g/l.

2(c) Reżistenza għall-ilma

*Nota:* Dan ir-rekwiżit japplika għall-kisjiet ta' rendiment kollha. F'sistemi ta' kisi bi primitura jew b'żebgħa(t) ta' taħt, tista' tiġi ttestjata s-sistema ta' kisi kollha jew is-saff tal-irfinar biss.

Il-kisjiet ta' rendiment kollha għandu jkollhom reżistenza għall-ilma, kif iddeterminat mill-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, b'tali mod li wara 24 siegħa ta' esponiment u 16-il siegħa ta' rkupru, ma tiġi osservata l-ebda bidla fit-tleqqija fi kwalunkwe kisjiet trasparenti jew semitrasparenti u ma sseħħ l-ebda bidla fil-kulur fi kwalunkwe kisi opak.

L-ebda tibdil fit-tleqqija jew fil-kulur fil-kampjuni esposti ma għandu jitqies bħala klassifikazzjoni viżiva ta' 0 meta mkejjel għall-kwantità tad-difetti, għad-daqs tad-difetti u għall-intensità tal-bidliet skont is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

Barra minn hekk għall-kisjiet ta' impermeabbilizzazzjoni, għandha tintwera wkoll il-konformità ma' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni (EAD, European Assessment Document).

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżit għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

Għal kwalunkwe prodott applikabbli inkluż fl-applikazzjoni għal-liċenzja tiegħu, id-dikjarazzjoni tal-applikant għandha tkun appoġġata minn kopji tar-rapport(i) tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti li jkopru l-prodott jew il-familja ta' prodotti liċenzjati, inklużi r-riżultati rrapportati għall-bidla fit-tleqqija skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

Għall-kisjiet ta' impermeabbilizzazzjoni, l-applikant għandu jipprovdi wkoll ċertifikat ta' Approvazzjoni Teknika Ewropea (ETA, European Technical Approval) li jkun inħareġ minn Korp tal-Valutazzjoni Teknika approvat (pereżempju ċertifikat skont l-EAD meta l-prodott ikun kit għall-impermeabbilizzazzjoni tas-soqfa applikat bħala likwidu). F'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda EAD rilevanti li jista' jiġi segwit, l-applikant għandu jiddikjara dan u jipprovdi deskrizzjoni teknika tal-prodott, inkluża l-konformità ma' kwalunkwe standard Ewropew jew internazzjonali rilevanti u deskrizzjoni tal-użu maħsuba tal-prodott u kif dan għandu jintuża b'mod korrett.

2(d) Adeżjoni

*Nota:* Dan il-kriterju japplika għal primituri opaki jew għal żebgħat ta' taħt għall-kisjiet ta' rendiment. It-test tal-aderenza jista' jsir fuq kwalunkwe primitura jew żebgħa ta' taħt opaki waħedhom, jew fuq il-primitura/iż-żebgħa ta' taħt u l-kisja tal-irfinar flimkien, sakemm il-kombinazzjoni tkun opaka. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, iridu jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ta' kulur ċar jew bojod.

Il-primituri għall-użi esterni tal-bini għandhom jgħaddu mit-test tal-qligħ ("pull-off") tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti fejn is-saħħa ta' koeżjoni tas-substrat tkun inqas mis-saħħa ta' adeżjoni tal-primitura, inkella l-adeżjoni tal-primitura trid tkun ogħla mill-valur minimu ta' 1,5 MPa.

Il-primituri tal-art jew iż-żebgħat ta' taħt tal-art għandhom jagħtu punteġġ ta' 2 jew inqas fit-test għall-adeżjoni tal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe primitura tal-ġebel opaka, primitura leganti jew prodotti ta' żebgħa ta' taħt inklużi fl-applikazzjoni għal-liċenzja tagħhom, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, kif applikabbli.

2(e) Barxa

*Nota:* Dan il-kriterju japplika għal-kisjiet tal-art biss. F'każijiet ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, iridu jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ta' kulur ċar jew bojod.

Għandu jiġi osservat telf fil-piż ta' ≤ 70 mg meta l-kisjiet tal-art ikunu esposti għal 1 000 ċiklu ta' ttestjar b'tagħbija ta' 1 000 g u rota tas-CS10 skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit għall-prodotti tal-kisi tal-art inklużi fl-applikazzjoni għal-liċenzja tiegħu. Id-dikjarazzjoni għandha tkun appoġġata minn kopji tar-rapporti tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2(f) Esponimenti għall-kundizzjonijiet tat-temp

*Nota:* Dan il-kriterju japplika għall-kisjiet ta' rendiment ta' barra. Fil-każ ta' sfumaturi tal-kulur differenti fi ħdan familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġu ttestjati biss iż-żebgħa ta' bażi jew il-bażi(jiet) għall-għoti ta' lewn ħafif ċari jew bojod.

Il-kisjiet kollha ta' rendiment ta' barra għandhom ikunu esposti għal kundizzjonijiet tat-temp artifiċjali f'apparat li jinkludi lampi fluworexxenti tal-UV u l-kondensazzjoni jew raxx tal-ilma skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. Dawn għandhom ikunu esposti għall-kundizzjonijiet tat-test għal 1 000 siegħa b'kundizzjonijiet taċ-ċiklaġġ ta': UVA 4 h/60 °C + umdità 4 h/50 °C.

Alternattivament, il-kisjiet ta' rendiment ta' barra għal substrati tal-injam jistgħu jiġu esposti għall-kundizzjonijiet tat-temp għal 1 000 siegħa fl-apparat tal-effetti aċċellerati tat-temp QUV b'esponiment ċikliku b'radjazzjoni tal-UV(A) u sprejjar skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

Wara l-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp, ir-riti esposti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fit-Tabella 3 hawn taħt.

*Tabella 3*

**Ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti tal-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp għall-kisjiet ta' rendiment u prodotti relatati skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti**

| Proprjetà | Rekwiżit (wara l-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp) | Kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti koperti/mhux koperti |
|---|---|---|
| Tibdil fil-kulur | Tibdil fil-kulur, ΔE ≤ 4 | Mhux applikabbli għal primituri jew għal kisjiet intermedji f'sistemi ta' kisi ta' rendiment u lanqas għal sistemi ta' kisi ta' rendiment trasparenti jew semitrasparenti |
| Tnaqqis fit-tleqqija | tnaqqis ta' ≤ 30 % meta mqabbel mal-valur inizjali | Mhux applikabbli għall-kisjiet ta' rendiment b'valur ta' tleqqija inizjali ta' < 60 % f'angolu ta' inċidenza ta' 60° |
| Tfarfir tal-kulur | Punteġġ ta' ≤ 2 | Applikabbli biss għall-kisjiet tal-irfinar jew għas-sistema ta' kisi ta' rendiment sħiħ użata fuq substrati tal-ġebel, tal-injam u tal-metall ta' barra. |
| Tqaxxir | Densità tal-qxur: ≤ 2<br>Daqs tal-qoxra: ≤ 2 | |
| Tixqiq | Kwantità ta' xquq: ≤ 2<br>Daqs tax-xaqq: ≤ 3 | |
| Formazzjoni ta' bżieżaq | Densità tal-bżieżaq: ≤ 3<br>Daqs tal-bżieżaq: ≤ 3 | |

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe kisi ta' rendiment ta' barra inkluż fl-applikazzjoni għal-liċenzja tiegħu, l-applikant għandu jipprovdi kopji tar-rapporti tat-testijiet li jagħtu dettalji dwar il-metodu tat-test tal-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp użat (li jkun konformi mal-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) u jipprovdi r-riżultati tal-bidliet fil-proprjetajiet wara l-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp, kif applikabbli.

2(g) Reżistenza għall-korrużjoni

*Nota:* Dan il-kriterju japplika biss għall-kisjiet ta' rendiment kontra l-korrużjoni u l-prodotti relatati.

Il-primituri kontra l-korrużjoni jew is-sistemi ta' kisi għandhom jiġu esposti għal stress ta' korrużjoni simulat fuq is-substrati metalliċi u l-ambjenti tal-użu (pereżempju C2, C3, C4 jew C5 skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) li għalihom huwa rrakkomandat l-użu tagħhom. L-istress ta' korrużjoni applikat fl-ittestjar għandu jikkorrispondi għal-livell "għoli" għal kull kategorija, li huwa kif ġej:

*Tabella 4*

**Rekwiżiti għall-ittestjar tar-reżistenza għall-korrużjoni għall-primituri kontra l-korrużjoni u għas-sistemi ta' kisi ta' rendiment skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti**

| Kategorija tal-korrużività | Reġim ta' ttestjar 1 | | Reġim ta' ttestjar 2 |
|---|---|---|---|
| | Kondensazzjoni tal-ilma, sigħat | Sprej tal-melħ newtrali, sigħat | Anness B (test tat-tiqdim ċikliku, sigħat) |
| C2 (għolja) | 120 | - | - |
| C3 (għolja) | 240 | 480 | - |
| C4 (għolja) | 480 | 720 | - |
| C5 (għolja) | 720 | 1 440 | 1 680 |

Wara l-esponiment, is-superfiċi miksija għandhom jiġu eżaminati u jinstabu li jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

— Klassifikazzjoni ta' 3 jew aħjar (jiġifieri 0, 1 jew 2) għad-daqs tal-bżieżaq skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Klassifikazzjoni ta' 3 jew aħjar (jiġifieri 0, 1 jew 2) għall-kwantità ta' bżieżaq skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Klassifikazzjoni ta' Ri2 jew aħjar (jiġifieri Ri0 jew Ri1) għall-grad ta' sadid skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' konformità għandha tkun appoġġata minn kopji tar-rapporti tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

2(h) Ekotossiċità

Innota li dan il-kriterju japplika biss għal sistemi ta' kisi ta' rendiment kontra l-korrużjoni jew kontra l-ilma li huma kkummerċjalizzati għall-użu f'ambjenti ta' barra. Fil-każ ta' familja ta' prodotti, jeħtieġ li jiġi ttestjat biss il-prodott tal-agħar xenarju. Il-prodott tal-agħar xenarju għandu jintgħażel abbażi tal-kwantità totali stmata ta' ingredjenti kklassifikati H400 u H410/H411/H412 preżenti.

L-ekotossiċità għandha titkejjel billi tiġi ttestjata l-ekotossiċità tal-elwat li jinkiseb mill-kuntatt mal-ilma taż-żewġ pjanċi tal-ħġieġ li jkunu ġew miksija bis-sistema ta' kisi kompleta, inkluż kwalunkwe primitura, żebgħa ta' taħt, kisi intermedju u kisi tal-irfinar. Il-proċedura tat-test hija:

— Ħejji żewġ pjanċi tal-ħġieġ bis-superfiċi magħmula ħorox u applika l-kisi fuq il-pjanċi f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur. Kull pjanċa għandha tippreżenta erja tas-superfiċe miksija ta' bejn 250 u 500 $cm^2$. Kun ċert li s-saff tal-primitura ma jisporġux lil hinn mis-saff tal-irfinar.

— B'mod parallel, ħejji test fl-għama fejn il-pjanċi tal-ħġieġ magħmula ħorox ma jkunux miksija iżda jiġu ttrattati u mbagħad ittestjati b'mod identiku eżatt għall-proċedura tal-kisi.

— Ħalli l-kisi jitwebbes u jiġi kkundizzjonat minn qabel għal perjodu ta' 72 siegħa f'temperatura ta' 19 sa 25 °C u f'umdità relattiva ta' 40 sa 60 %.

— Neħħi l-kisi fuq il-pjanċi tal-ħġieġ (u l-kampjuni ta' kontroll fl-għama) skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti għal 24 siegħa (jekk il-primitura ma teħilx mas-superfiċe jew il-kisi jinqala' minn mas-superfiċe matul it-test tal-lissija, il-manifattur u l-istituzzjoni tal-ittestjar għandhom jaqblu fuq superfiċe oħra li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent minflok pjanċi tal-ħġieġ b'superfiċe magħmula ħarxa).

— Il-proporzjon tal-volum tal-ilma mal-erja tas-superfiċe miksija tal-kampjun tat-test għandu jkun bejn 25 u 30 l/m². Għandu jintuża reċipjent xieraq biex il-livell tal-ilma dejjem jista' jibqa' mill-inqas 20 mm 'il fuq mis-superfiċe ta' fuq tal-kampjun tat-test.

— Kejjel il-pH, il-konduttività u, b'mod fakultattiv, il-karbonju organiku maħlul qabel ma jinbdew it-testijiet tal-ekotossiċità, li huma definiti fit-Tabella 5 hawn taħt flimkien mar-rekwiżiti limiti tagħhom.

*Tabella 5*

**Ittestjar u rekwiżiti tal-ekotossiċità**

| Speċijiet tat-test | Punt ta' tmiem | Rekwiżit |
|---|---|---|
| Batterji luminexxenti (Vibrio fischeri) | Dawl | $G_L \leq 8$ |
| Algi (Raphidocanis subcapitata/Desmodesmus subspicatus) | Tkabbir | $G_A \leq 4$ |
| test tal-umu | Ġenotossiċità | $G_{EU} \leq 1,5$ |

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' konformità għandha tkun appoġġata minn kopji tar-rapporti tat-testijiet skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Kriterju 3. Kontenut ta' Komposti Organiċi Volatili u ta' Komposti Organiċi Semivolatili (KOV u KOSV)**

Il-kontenut massimu ta' Komposti Organiċi Volatili (KOV) u ta' Komposti Organiċi Semivolatili (KOSV) ma għandux jaqbeż il-limiti mogħtija fit-Tabella 6.

Il-kontenut ta' KOV u ta' KOSV għandu jiġi stabbilit għall-prodott li jkun lest għall-użu u għandu jinkludi kwalunkwe żieda rrakkomandata għal qabel l-użu bħal sustanzi kuluranti u/jew thinners.

*Tabella 6*

**Limiti tal-kontenut ta' KOV u ta' KOSV**

| Limiti tal-kontenut ta' KOV u ta' KOSV | | |
|---|---|---|
| Deskrizzjoni tal-prodott (u indikazzjoni tas-subkategorija tiegħu skont id-Direttiva 2004/42/KE) | Limiti tal-KOV (g/l ta' prodott lest għall-użu) | Limiti tal-KOSV (g/l ta' prodott lest għall-użu) |
| i. Il-prodotti tal-kisi ta' rendiment li jkun fihom pakkett wieħed imsemmija fl-Artikolu 2(1), inklużi l-kisjiet ta' impermeabbilizzazzjoni iżda esklużi l-kisjiet kontra l-korrużjoni | 65 | 45 (1) / 55 (2) |
| j. Il-prodotti tal-kisi ta' rendiment reattivi li jkun fihom diversi pakketti msemmija fl-Artikolu 2(1), inklużi l-kisjiet ta' impermeabbilizzazzjoni iżda esklużi l-kisjiet kontra l-korrużjoni | 65 | 45 |
| (parti minn i jew j) Prodotti tal-kisi u primituri kontra l-korrużjoni | 65 | 50 |

(1) il-limitu tal-KOSV japplika għaż-żebgħat u l-verniċi bojod ta' ġewwa
(2) il-limitu tal-KOSV japplika għaż-żebgħat u l-verniċi b'lewn ħafif ta' ġewwa/ta' barra
(3) "Kompost organiku volatili" (KOV) tfisser kwalunkwe kompost organiku li jkollu punt tat-togħlija inizjali ta' inqas minn jew daqs 250 °C imkejjel fi pressjoni standard ta' 101,3 kPa
(4) "Komposti organiċi semivolatili" (KOSV) tfisser kwalunkwe kompost organiku li jkollu punt tat-togħlija ogħla minn 250 °C u inqas minn 370 °C imkejjel fi pressjoni standard ta'101,3 kPa

Il-kontenut tal-KOV għandu jiġi ddeterminat jew b'kalkolu bbażat fuq l-ingredjenti u l-materja prima jew bl-użu tal-metodi mogħtija fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. Il-kontenut ta' KOSV għandu jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu mogħti fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. Fil-każ ta' prodotti użati kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa, għandhom jipprevalu l-valuri ta' limitu l-aktar stretti għall-KOSV għaż-żebgħa u l-verniċ ta' ġewwa.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità appoġġata mill-kalkoli tal-kontenut ta' KOV u tal-KOSV abbażi tal-ingredjenti u tal-materja prima użati fil-prodott lest għall-użu. Alternattivament, il-kontenut ta' KOV u KOSV tal-prodott lest għall-użu għandu jiġi kkomunikat permezz ta' rapport tat-test jew rapporti rappreżentattivi li jużaw il-metodi mogħtija fl-istandards u r-riżultati Ewropej jew internazzjonali rilevanti għandhom juru konformità mal-limiti rilevanti.

**Kriterju 4. Restrizzjoni ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi**

*Nota:* Dawn is-subkriterji japplikaw għall-formulazzjoni tal-prodott finali u għal kwalunkwe ingredjent fornut fih.

4.1. **Restrizzjonijiet ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs, Substance of Very High Concern)**

Il-formulazzjoni tal-prodott finali u kwalunkwe ingredjenti fornuti fih ma għandux ikun fihom sustanzi mdaħħla li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 li ġew identifikati skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 59 ta' dak ir-Regolament u inklużi fil-lista tal-kandidati għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna għall-awtorizzazzjoni.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ffirmata li l-formulazzjoni tal-prodott finali u kwalunkwe ingredjent fornut fih ma fihom l-ebda SVHC bħala sustanzi mdaħħla. Id-dikjarazzjoni tal-applikant għandha tkun appoġġata minn skedi tad-data tas-sikurezza tal-ingredjenti fornuti kollha li jintużaw biex jiġi prodott il-prodott finali u dikjarazzjonijiet mill-fornituri tas-sustanzi kimiċi.

Il-lista ta' sustanzi identifikati bħala SVHCs u inklużi fil-lista ta' kandidati f'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tista' tinstab hawn:

https://www.echa.europa.eu/candidate-list-table

Għandha ssir referenza għal-lista fid-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

Għal kwalunkwe livell ta' impuritajiet magħrufa identifikati bħala SVHCs fl-ingredjenti, għandhom jintużaw il-konċentrazzjoni tal-impurità u fattur ta' ritenzjoni preżunt ta' 100 %, biex tiġi stmata l-kwantità tal-impurità ta' SVHC li jifdal fil-formulazzjoni tal-prodott finali. L-impuritajiet li huma SVHCs ma jistgħux ikunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott taż-żebgħa jew tal-verniċ f'ammont ogħla minn 0,0100 % w/w jew fi kwalunkwe ingredjent individwali f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu 0,100 % w/w. Kwalunkwe devjazzjoni minn fattur ta' ritenzjoni ta' 100 % għal impurità ta' SVHC (pereżempju minħabba evaporazzjoni tas-solvent) jew fil-każ ta' modifika kimika, trid tkun appoġġata minn ġustifikazzjonijiet adegwati.

4.2. **Restrizzjonijiet ġenerali bbażati fuq klassifikazzjonijiet skont il-klassifikazzjonijiet speċifiċi ta' periklu ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.**

(a) Formulazzjoni tal-prodott finali

Il-formulazzjoni tal-prodott finali ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala karċinoġenika, mutaġenika, tossika għar-riproduzzjoni, tossika b'mod akut, periklu ta' aspirazzjoni, tossikant speċifiku ta' organi fil-mira, sensitizzatur respiratorju jew tal-ġilda, perikoluża għall-ambjent akkwatiku, perikoluża għas-saff tal-ożonu, li tfixkel is-sistema endokrinali, persistenti, bijoakkumulattiva u tossika (PBT, persistent, bioaccumulative and toxic) jew persistenti, mobbli u tossika (PMT, persistent, mobile and toxic) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u speċifikament fit-termini tad-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu fit-Tabella 7. L-unika eċċezzjoni permessa għal din ir-regola għandha tkun il-klassifikazzjoni H412 u H413, u biss jekk minħabba l-livelli ta' preservattivi b'rita niexfa fil-każ ta' żebgħat jew verniċi ta' barra.

(b) Sustanzi mdaħħla

Sakemm ma jkunx hemm deroga fit-Tabella 8, il-formulazzjoni tal-prodott finali ma għandu jkun fiha l-ebda sustanza mdaħħla f'konċentrazzjonijiet ta' 0,010 % skont il-piż jew ogħla tal-formulazzjoni tal-prodott finali li huma kklassifikati, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ma' kwalunkwe waħda mill-klassijiet u l-kategoriji ta' periklu, u l-kodiċijiet assoċjati tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu ddikjarati fit-Tabella 7.

*Tabella 7*

**Klassijiet, kategoriji, kodiċijiet u dikjarazzjonijiet assoċjati ta’ periklu ristretti**

| Karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR, Carcinogenic, mutagenic or toxic for reprodution) | |
|---|---|
| Kategoriji 1 A u 1B | Kategorija 2 |
| H340: Jista’ jikkawża difetti ġenetiċi | H341: Suspettat li jikkawża difetti ġenetiċi |
| H350: Jista’ jikkawża l-kanċer | H351: Suspettat li jikkawża l-kanċer |
| H350i: Jista’ jikkawża l-kanċer meta jittieħed bin-nifs | |
| H360: Jista’ jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360F: Jista’ jagħmel ħsara lill-fertilità | H361f: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità |
| H360D: Jista’ jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361d: Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360FD: Jista’ jagħmel ħsara lill-fertilità. Jista’ jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361fd: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360Fd: Jista’ jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf. | H362: Jista’ jagħmel ħsara lit-tfal imreddgħa |
| H360Df: Jista’ jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf. Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. | |
| Tossiċità akuta | |
| Kategoriji 1 u 2 | Kategorija 3 |
| H300: Fatali jekk jinbela’ | H301: Tossiku jekk jinbela’ |
| H310: Fatali jekk imiss mal-ġilda | H311: Tossiku jekk imiss mal-ġilda |
| H330: Fatali jekk jittieħed bin-nifs | H331: Tossiku jekk jittieħed bin-nifs |
| | EUH070: Tossiku meta jmiss mal-għajnejn |
| Periklu ta’ aspirazzjoni | |
| Kategorija 1 | |
| H304: Jista’ jkun fatali jekk jinbela’ u jidħol fil-pajpijiet tan-nifs | |
| Tossiċità speċifika għal organi ta’ mira | |
| Kategorija 1 | Kategorija 2 |
| H370: Jikkawża ħsara lill-organi | H371: Jista’ jikkawża ħsara lill-organi |
| H372: Jikkawża ħsara lill-organi minħabba esponiment fit-tul jew ripetut | H373: Jista’ jikkawża ħsara lill-organi minħabba esponiment fit-tul jew ripetut |
| Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda | |
| Kategoriji 1, 1 A u 1B | |
| H317: Jista’ jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda | |
| H334: Jista’ jikkawża sintomi ta’ allerġija jew ta’ ażma jew diffikultajiet biex jittieħed in-nifs jekk jinxtamm | |
| Perikoluż għall-ambjent akkwatiku | |
| Kategoriji 1 u 2 | Kategoriji 3 u 4 |
| H400: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi | H412: Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b’mod li jħalli effetti dejjiema |

| Karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR, Carcinogenic, mutagenic or toxic for reprodution) | |
|---|---|
| Kategoriji 1 A u 1B | Kategorija 2 |
| H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema | H413: Jista' jikkawża effetti dejjiema lill-organiżmi akkwatiċi |
| H411: Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema | |
| Perikoluż għas-saff tal-ożonu | |
| H420: Jagħmel ħsara lis-saħħa tal-pubbliku u lill- ambjent billi jeqred l-ożonu fl-atmosfera ta' fuq | |
| Interferent endokrinali (EDs, endocrine disruptor) għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent | |
| Kategorija 1 | Kategorija 2 |
| EUH380: Jista' jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fil-bnedmin | EUH381: Suspettati li jikkawżaw tfixkil fis-sistema endokrinali fil-bnedmin |
| EUH430: Jista' jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fl-ambjent | EUH431: Suspettat li jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fl-ambjent. |
| Persistenti, Bijoakkumulattiv u Tossiku (PBT, Persistent, Bioaccumulative and Toxic) | |
| PBT | Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB, very Persistent and very Bioaccumulative) |
| EUH440: Jakkumula fl-ambjent u f'organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin | EUH441: Jakkumula ħafna fl-ambjent u f'organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin |
| Persistenti, mobbli u tossiku (PMT, Persistent, Mobile and Toxic) | |
| PMT | Persistenza għolja u Mobbiltà għolja (vPvM, very Persistent and very Mobile) |
| EUH450: Jista' jikkawża kontaminazzjoni dejjiema u diffuża tar-riżorsi tal-ilma | EUH451: Jista' jikkawża kontaminazzjoni dejjiema u diffuża tar-riżorsi tal-ilma |

L-użu ta' sustanzi li jkunu mmodifikati kimikament matul il-proċess ta' produzzjoni, sabiex ma jibqa' japplika l-ebda periklu rilevanti li għalih is-sustanza tkun ġiet ikklassifikata taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandu jkun eżentat mir-rekwiżit ta' hawn fuq.

Dan il-kriterju ma għandux japplika għal sustanzi mdaħħla koperti mill punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jistabbilixxu kriterji għall-eżenzjoni ta' sustanzi fi ħdan l-Annessi IV u V ta' dak ir-Regolament mir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni, tal-utent downstream u tal-evalwazzjoni.

*Tabella 8*

**Derogi għar-restrizzjonijiet ta' sustanzi mdaħħla li huma kklassifikati b'wieħed jew aktar mill-perikli ristretti elenkati fit-Tabella 7 u li huma preżenti f'konċentrazzjonijiet ta' 0,010 % jew ogħla (skont il-piż) tal-formulazzjoni tal-prodott finali.**

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| Preservattivi u stabbilizzaturi tal-preservattivi | | |
| Nota dwar il-preservattivi: il-preservattivi kollha miżjuda mal-ingredjenti jridu jiġu ddikjarati mill-fornituri u l-preservattivi kollha miżjuda direttament mal-formulazzjoni tal-prodott finali iridu jiġu ddikjarati mill-produttur taż-żebgħa jew tal-verniċ. L-uniċi tipi ta' preservattivi permessi fl-ingredjenti u fil-prodott finali għandhom ikunu dawk li huma konformi mar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għall-prodotti finali li joriġinaw mill-Unjoni, huwa mfakkar li mhuwiex biżżejjed li s-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodott preservattiv jiġu approvati skont ir-Regolament | | |

<table>
<tr><th>Tip ta’ sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS</th><th>Kodiċi(jiet) ta’ periklu b’deroga</th><th>Kundizzjonijiet tad-deroga</th></tr>
<tr><td colspan="3">(UE) Nru 528/2012 għat-tip ta’ prodott 6 (PT6) (preservattiv fil-bott) jew għat-tip ta’ prodott 7 (PT7) (preservattiv b’rita niexfa), iżda l-prodott preservattiv irid jiġi awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-PT6 jew PT7 jew jitqiegħed fis-suq skont il-miżuri tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 89(2) ta’ dak ir-Regolament. Il-limiti totali kkombinati għall-preservattivi PT6 u PT7 għandhom japplikaw għal dawn il-kategoriji ta’ prodotti li ġejjin:<br>— Għall-prodotti ta’ ġewwa: sa 0,080 % skont il-piż ta’ PT6 fil-prodott finali.<br>— Għall-ilwien ħfief ikkuluriti użati f’sistemi għall-għoti ta’ lewn ħafif: sa 0,20 % skont il-piż ta’ PT6 fil-lewn ħafif ikkulurit.<br>— Għal prodotti ta’ ġewwa kkummerċjalizzati għall-użu f’żoni b’umdità għolja: sa 0,080 % skont il-piż ta’ PT6 u sa 0,10 % skont il-piż ta’ PT7 fil-prodott finali.<br>— Għall-prodotti ta’ barra: sa 0,080 % skont il-piż ta’ PT6 u sa 0,50 % skont il-piż ta’ PT7 fil-prodott finali.<br>Ħlief għall-ilwien ħfief ikkuluriti, ir-referenzi kollha għal konċentrazzjonijiet/limiti/livelli ta’ preservattivi fit-taqsima “preservattivi u stabbilizzaturi tal-preservattivi”, għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għas-sustanzi attivi preservattivi li jinsabu fil-formulazzjoni tal-prodott finali.<br>Kwalunkwe preservattiv li ma jistax ikun preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali f’konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-0,010 %, minħabba limiti ta’ konċentrazzjoni speċifiċi (SCLs, specific concentration limits) inqas minn 0,010 % li jikklassifikaw il-prodott finali b’periklu ristrett tas-CLP, ma jissemmewx fit-tabella tad-derogi hawn taħt minħabba li ma jistgħux jintużaw f’konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-0,010 % fl-ewwel lok, u għalhekk ma jeħtiġux deroga. Dan ma jimplikax li ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi mdaħħla fil-prodotti tal-Ekotikketta tal-UE fi kwalunkwe livell. Jekk ma jkunux esklużi b’mod espliċitu fis-subkriterju 4.3, tali preservattivi jistgħu jintużaw sakemm ikunu f’livelli taħt kwalunkwe SCLs li jwasslu għal klassifikazzjoni ristretta tas-CLP tal-formulazzjoni tal-prodott finali.</td></tr>
<tr><td>Preservattivi fil-bottijiet (PT6) f’ilwien ħfief ikkuluriti jew fil-prodott finali:</td><td>H301, H311, H317, H330, H331, H372, H373, H400, H410, H411, H412, H413</td><td>(*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>It-total tas-somma tal-preservattivi kollha fil-bottijiet ta’ PT6 (dawk derogati għall-użu ta’ aktar minn 0,010 % flimkien ma’ dawk li mhumiex derogati iżda użati fil-livelli ta’ < 0,010 %) irid ikun fil-limiti rilevanti definiti fin-nota ta’ hawn fuq.<br>Meta jintużaw preservattivi li huma donaturi tal-formaldeid, iridu jiġu rrispettati l-limiti rilevanti għall-formaldeid liberu fil-formulazzjoni tal-prodott finali stabbiliti fis-subkriterju 4.3(l).<br>Għandhom japplikaw limiti speċifiċi ta’ konċentrazzjoni (% ta’ skont il-piż fil-formulazzjoni finali tal-prodott) għas-sustanzi derogati elenkati hawn taħt:<br>— Bronopol (Nru CAS 52-51-7): sa 0,030 %.<br>— DBNPA (Nru CAS 10222-01-2): sa 0,030 %.<br>— Pirition tas-sodju (Nru CAS 3811-73-2): sa 0,030 %.<br>— BIT (Nru CAS 2634-33-5): sa 0,036 %.<br>— Total ikkombinat ta’ isotijażolinoni u ta’ rilaxxaturi ta’ isotijażolinoni (dawk derogati għall-użu ta’ aktar minn 0,010 % flimkien ma’ dawk li mhumiex derogati iżda użati fil-livelli ta’ < 0,010 %): sa 0,040 % fil-formulazzjonijiet tal-prodott finali.<br>— Diammina (Nru CAS 2372-82-9): sa 0,050 %.</td></tr>
<tr><td>Preservattivi b’rita niexfa (PT7):</td><td>H311, H317, H330, H331, H372, H373 H400, H410, H411, H412 u H413</td><td>(*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Japplika biss għal prodotti ta’ barra u ta’ ġewwa għall-użu f’żoni ta’ umdità għolja.<br>It-total tas-somma tal-preservattivi kollha b’rita niexfa ta’ PT7 (dawk derogati għall-użu ta’ aktar minn 0,010 % flimkien ma’ dawk li mhumiex derogati iżda użati fil-livelli ta’ < 0,010 %) irid ikun fil-limiti rilevanti ddefiniti fin-nota ta’ hawn fuq.</td></tr>
</table>

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| | | Fil-każ ta' forom ta' rilaxx bil-mod u inkapsulati ta' preservattivi b'rita niexfa, il-klassifikazzjoni speċifika tal-prodott finali, jew formulazzjonijiet ta' read-across, għandha tikkunsidra l-konċentrazzjoni assoluta tal-komponenti perikolużi (jiġifieri mingħajr il-kapsuli). Il-prodott finali jew il-formulazzjoni read-across ma tistax tiġi kklassifikata bi kwalunkwe wieħed mill-perikli elenkati fit-Tabella 7.<br>Kwalunkwe preservattiv b'rita niexfa kklassifikat bħala H400 jew H410 irid ikun mhux bijoakkumulattiv, muri billi jkollu koeffiċjent ta' ottanol/ilma (Log Kow) ta' ≤ 3,2 jew fattur ta' bijokonċentrazzjoni (BCF, bioconcentration factor) ta' ≤ 100. |
| Stabbilizzatur tal-preservattivi:<br>Ossidu taż-żingu (Nru CAS 1314-13-2) | H400, H410 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess li jintuża bħala stabbilizzatur tal-preservattivi, sa 0,040 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali, meta jintuża biex jiġu stabbilizzati, f'kombinazzjonijiet ta' preservattivi fil-bott jew b'rita niexfa li jeħtieġu 1,2-Benżisotijażol-3(2H)-on (BIT). |
| Aġenti li jnixxfu u għal kontra t-tqaxxir | | |
| Aġenti għal kontra t-tqaxxir | H317, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-aġent kontra t-tqaxxir ma għandhiex taqbeż iż-0,40 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Nixxiefa (sustanzi għat-tnixxif) | H301, H317, H373, H400†, H410†, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-kontenut tal-aġent nixxief ma għandhiex taqbeż iż-0,10 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali.<br>† Id-deroga għal H400 u għal H410 tapplika biss għall-komposti tal-aġent nixxief ibbażat fuq il-kobalt u tali komposti jistgħu jintużaw biss sa 0,050 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Pigmenti u addittivi tal-pigmenti | | |
| Trimetilolpropan (Nru CAS 77-99-6) | H361fd | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Biss meta jintuża bħala addittiv f'pigmenti fornuti u sa 0,50 % biss skont il-piż fil-pigment fornut. |
| Leganti u dispersjonijiet tal-polimeri | | |
| Leganti u aġenti ta' retikolazzjoni:<br>Diidrażotur tal-aċidu adipiku (Nru CAS 1071-93-8) | H317, H411 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż fl-ingredjent tal-legant jew tad-dispersjoni tal-polimeri u meta jintuża bħala promotur tal-adeżjoni jew bħala aġent ta' retikolazzjoni. |
| Monomeri li ma jkunux ġew soġġetti għal reazzjoni (fil-leganti) | H301, H304, H311, H317, H331, H334, H372, H400, H410, H411, H412 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>It-total tas-somma tal-konċentrazzjoni ta' monomeri li ma jkunux ġew soġġetti għal reazzjoni li jeħtieġu din id-deroga ma għandux jaqbeż il-0,050 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| Oħrajn, mixxellanji | | |
| Metanol (Nru CAS 67-56-1) | H301, H311, H331, H370 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss bħala prodott ta' reazzjoni residwu ta' sustanzi oħra fil-formulazzjoni tal-prodott. Il-konċentrazzjoni residwa permissibbli tiżdied bħala funzjoni tal-kontenut ta' leganti bil-mod li ġej:<br>— Kontenut ta' leganti ta' 10-20 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta' 0,020 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali.<br>— Kontenut ta' leganti ta' 20-40 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta' 0,030 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali.<br>— Kontenut ta' leganti ta' > 40 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta' 0,050 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Materja prima minerali, inklużi materjal għall-mili, aġenti kontra d-dendil u aġenti li jimmattjaw | H372, H373 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Japplika biss għall-materja prima minerali u għall-minerali ta' lewkofilliti li fihom b'mod naturali s-siliċju kristallin.<br>Permess biss f'kontenuti sa 1,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali għall-materjali tal-H372 jew sa 10 % għall-materjali tal-H373.<br>F'każijiet fejn il-materjal jiġi pprovdut f'forma ta' trab xott, l-applikant għandu juri li għandu sistemi fis-seħħ biex jimminimizza l-esponiment tal-ħaddiema għal trab xott fuq il-post tax-xogħol (pereżempju sistemi ta' dożaġġ magħluqa, żoni ta' dożaġġ ventilati u ta' taħlit u tagħmir protettiv personali). |
| Aġenti newtralizzanti | H301, H311, H331, H400, H410, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż fil-formulazzjonijiet tal-verniċ, u sa 0,50 % fil-prodotti l-oħrajn kollha. |
| Illuminanti ottiċi | H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 0,10 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Reżina tas-silikonu | H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 2,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Solventi | H304 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 2,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Aġenti tensjoattivi | H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż f'formulazzjonijiet ta' prodotti trasparenti, semitrasparenti, bojod jew ċari jew sa 3,0 % skont il-piż bil-kuluri l-oħrajn kollha. |
| Stabbilizzaturi tal-UV | H317, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Applikabbli biss għall-prodotti ta' barra u sa 0,60 % skont il-piż biss fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |

(*) Kundizzjoni tad-deroga orizzontali: l-ebda waħda mid-derogi ta' hawn fuq, individwalment jew flimkien, ma għandha tkun permessa jekk tirriżulta fil-klassifikazzjoni tal-formulazzjoni tal-prodott finali bi kwalunkwe wieħed mill-perikli definiti fit-Tabella 7, bl-eċċezzjoni notevoli ta' H412 u H413 għall-prodotti ta' barra minħabba l-preżenza ta' preservattivi b'rita niexfa.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ffirmata ta' konformità mas-subkriterju 4.2, inkluża l-konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni tad-deroga rilevanti, appoġġata minn dikjarazzjonijiet mill-fornituri u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra.

Għandha tiġi ppreżentata lista tas-sustanzi mdaħħla kollha b'wieħed jew aktar mill-perikli ristretti tas-CLP ikkalkulati li jkunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,010 % skont il-piż, flimkien man-numri CAS tagħhom, l-istatus tal-klassifikazzjoni tas-CLP (jiġifieri armonizzati, dħul konġunt jew awtoentrati biss), il-funzjoni rilevanti tas-sustanza mdaħħla (pereżempju preservattiv fil-bott, nixxief, pigment, aġenti newtralizzanti, aġenti tal-UV, aġenti tensjoattivi, stabbilizzatur tal-UV, eċċ.). Il-kalkoli għall-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi mdaħħla fil-formulazzjoni tal-prodott finali għandhom ikunu bbażati fuq:

— lista tal-ingredjenti, sustanzi kimiċi jew il-materja prima kollha użata biex issir il-formulazzjoni tal-prodott finali;

— l-iskrinjar ta' ingredjenti, sustanzi kimiċi jew materja prima għal dawk is-sustanzi mdaħħla u impuritajiet magħrufa bi kwalunkwe wieħed mill-perikli tas-CLP ristretti għall-Ekotikketta tal-UE;

— il-konċentrazzjonijiet ta' kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata u impurità magħrufa b'perikli tas-CLP ristretti għall-Ekotikketta tal-UE fl-ingredjenti, is-sustanzi kimiċi jew il-materja prima użati fil-format ipprovdut;

— il-piż ta' kull ingredjent, sustanza kimika jew materja prima miżjuda biex ikun magħmul piż magħruf tal-formulazzjoni tal-prodott finali.

L-impuritajiet magħrufa għandhom jiġu ttrattati bħala sustanzi mdaħħla biss jekk l-eżerċizzju ta' skrinjar jiżvela li l-kontenut tagħhom fil-formulazzjoni tal-prodott finali għandu jaqbeż 0,010 % skont il-piż jew il-kontenut tagħhom f'ingredjent għandu jaqbeż 0,100 % skont il-piż. L-impuritajiet magħrufa taħt dawn il-limiti ma għandhomx jingħaddu fil-kalkoli.

Kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata għandha tiġi preżunta awtomatikament li hija miżmuma 100 % fil-prodott finali. Għandhom jiġu pprovduti ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe devjazzjoni minn fattur ta' ritenzjoni ta' 100 % fl-ipproċessar (pereżempju evaporazzjoni tas-solvent) jew għal modifika kimika ta' sustanza mdaħħla skrinjata. Is-sustanzi magħrufa li jiġu rilaxxati jew li jiddegradaw mis-sustanzi mdaħħla jitqiesu bħala sustanzi mdaħħla u mhux impuritajiet.

Għal kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata miżmuma fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,010 % skont il-piż, iżda li huma eżentati mis-subkriterju 4.2 (ara l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006), dikjarazzjoni b'dan l-għan mill-applikant għandha tkun biżżejjed għal dawk is-sustanzi.

Peress li diversi prodotti jew prodotti potenzjali (pereżempju sfumaturi personalizzati minn sistema għall-għoti ta' lewn ħafif) li jużaw l-istess ingredjenti, sustanzi kimiċi jew materja prima jistgħu jkunu koperti minn liċenzja waħda tal-Ekotikketta tal-UE, jista' jkun aċċettabbli kalkolu tal-agħar xenarju għal kull sustanza mdaħħla skrinjata fi ħdan familja komuni ta' prodotti koperti mill-istess liċenzja.

Fir-rigward tal-informazzjoni mitluba mill-fornituri li tista' tkun kummerċjalment sensittiva, l-evidenza mill-fornituri tista' tiġi pprovduta wkoll direttament lill-korpi kompetenti mingħajr ma neċessarjament jiġu pprovduti ċerti dettalji lill-applikant.

### 4.3. **Restrizzjonijiet speċifiċi ta' sustanzi perikolużi għal sustanzi mdaħħla.**

Sakemm ma jkunx hemm deroga għalihom fis-subkriterju 4.2, is-sustanzi indikati hawn taħt ma għandhomx jiġu inklużi bħala sustanzi mdaħħla fil-formulazzjoni tal-prodott finali jew bħala sustanzi mdaħħla għall-ingredjenti użati biex issir il-formulazzjoni tal-prodott finali:

(a) Preservattivi jew nixxiefa kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni.

(b) Sustanzi kklassifikati bħala interferenza endokrinali tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 2 għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista kandidata msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, sustanzi identifikati bħala li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, minbarra d-DBNPA (Nru CAS 10222-01-2) fejn jintuża bħala preservattiv fil-bott.

(c) Sustanzi kklassifikati bħala Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi (PBT) jew b'Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB) għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista tal-kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet PBT jew vPvB għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin, sustanzi identifikati bħala li għandhom proprjetajiet PBT jew vPvB għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inklużi fil-bnedmin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(d) Sustanzi kklassifikati bħala sustanzi Persistenti, Mobbli u Tossiċi (PMT) jew Persistenti ħafna u Mobbli ħafna (vPvB) f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista tal-kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet PMT jew vPvM.

(e) Alkilfenoli, alkilfenoletossilati (APEOs, alkylphenol ethoxylates) u d-derivattivi tagħhom, kif imsemmija fl-entrata 43 tal-Anness XIV jew fl-entrata 46 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(f) Sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS, Perfluorinated and polyfluorinated compounds), kif definiti fl-Artikolu 4(42).

(g) Ftalati.

(h) Komposti tal-organotin.

(i) Sustanzi tal-fwieħa li huma pprojbiti jew ristretti fi prodotti kożmetiċi u elenkati fl-Annessi II jew III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

(j) Bisfenoli li ġew identifikati mill-ECHA fil-valutazzjoni tagħhom tal-2021 bl-isem "Assessment of Regulatory Needs report on Bisphenols" għal ġestjoni ulterjuri tar-riskju regolatorju tal-UE li huma magħrufa jew potenzjalment interferenti endokrinali għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, jew li jistgħu jiġu identifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni.

(k) Il-pigmenti użati ma għandhomx ikunu bbażati fuq il-Kadmju, iċ-Ċomb, il-Kromu (VI), il-Merkurju, l-Arseniku, is-Selenju, l-Antimonju jew il-Kobalt. L-impuritajiet li ġejjin minn kwalunkwe pigment użat ma għandhomx ikunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali fi kwantitajiet li jaqbżu 0,010 % skont il-piż (għal kull metall): Kadmju, Ċomb, Kromu (VI), Merkurju, Arseniku, Selenju, Antimonju u Kobalt. L-uniċi eċċezzjonijiet għall-użu tal-pigment u għal-limitu ta' 0,010 % għall-impuritajiet għandhom ikunu:

— Kobalt: minħabba l-użu ta' spinell blu tal-aluminat tal-kobalt (Nru CAS 1345-16-0) u pigmenti ta' spinell blu-aħdar tal-kromit tal-kobalt (Nru CAS 68187-11-1).

— Antimonju: minħabba l-użu ta' pigmenti bbażati fuq in-Nikil tal-Antimonju f'kannizzata tat-$TiO_2$ insolubbli.

(l) Il-formaldeid liberu ma għandux jiżdied intenzjonalment mal-formulazzjoni tal-prodott finali. Il-prodott finali għandu jiġi ttestjat sabiex jiġi stabbilit il-kontenut ta' formaldeid liberu fih. Għandhom jintgħażlu kampjuni tal-agħar xenarju għall-ittestjar għal kull familja ta' prodotti li abbażi tagħhom il-prodott huwa previst li jkollu l-ogħla ammont teoretiku ta' kontenut ta' formaldeid. Fil-kundizzjonijiet definiti hawn taħt, għandhom ikunu permessi l-limiti totali tas-somma li ġejjin ta' formaldeid liberu:

— Sa 0,0010 % skont il-piż permess meta jkunu meħtieġa l-bronopol jew preservattivi li huma donaturi tal-formaldeid bħala preservattiv fil-bott biex jiġi protett tip speċifiku ta' żebgħa jew verniċ

— Sa 0,010 % skont il-piż permess meta d-dispersjonijiet tal-polimeri (leganti) jipprovdu, permezz ta' livelli residwi ta' formaldeid, il-funzjoni ta' donaturi tal-formaldeid minflok preservattivi fil-bottijiet.

— Sa 0,010 % meta ż-żewġ kundizzjonijiet elenkati hawn fuq japplikaw fl-istess prodott.

(m) Mikropartikoli ta' polimeri sintetiċi (SPMs, Synthetic polymer microparticles, magħrufa b'mod komuni bħala mikroplastiks) kif definiti fl-entrata 78 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), ma għandhomx jintużaw għal finijiet mhux ta' formazzjoni ta' riti fi kwalunkwe formulazzjoni ta' prodott sakemm l-użu u l-iskop tagħhom ma jiġux iddikjarati b'mod espliċitu, flimkien ma' ġustifikazzjoni ta' għaliex l-użu tagħhom itejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodott taż-żebgħa jew tal-verniċ.

**Valutazzjoni u verifika:**

(a sa j) L-applikant għandu jiddikjara n-nuqqas ta' użu tas-sustanzi rilevanti indikati f'dan is-subkriterju, jiġifieri preservattivi CMR, nixxiefa CMR, interferenti endokrinali (minbarra DBNPA), sustanzi PBT u vPVB, sustanzi PMT u vPvM, alkilfenoli u APEOs, PFAS, ftalati, komposti tal-organotin, fwejjaħ u bisfenoli bħala sustanzi mdaħħla fil-formulazzjonijiet tagħhom, appoġġati minn dikjarazzjonijiet mill-fornituri tagħhom dwar in-nuqqas ta' użu tal-gruppi ta' sustanzi mhux perikolużi bħala sustanzi mdaħħla fl-ingredjenti fornuti u li jintużaw bħala formulazzjonijiet koperti mill-proċedura tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.

(k) Fil-każ tar-restrizzjonijiet tal-metall tqil mill-pigmenti, l-applikant jew il-fornitur tal-pigment għandu jipprovdi dikjarazzjoni li tiddikjara li la l-pigment innifsu u lanqas kwalunkwe sustanza mdaħħla li tista' tiġi inkorporata fil-prodott tal-pigment ma huma bbażati fuq il-metalli tqal elenkati. L-applikant jew il-fornitur tal-pigment għandu jipprovdi wkoll rapport tat-test bil-livelli ta' impuritajiet tal-metall tqil ta' kampjuni rappreżentattivi tal-pigment fornut. Imbagħad, l-applikant għandu juża dawn ir-riżultati, flimkien mal-% tal-pigment(i) użat(i) fil-prodott finali, biex jikkalkula l-konċentrazzjoni ta' metalli tqal mill-pigmenti li jifdal fil-prodott finali. Fil-każ ta' pigmenti eżentati, il-fornitur tal-pigment għandu jiddikjara liema pigment(i) għandu/għandhom l-eżenzjoni (jiġifieri spinell blu tal-aluminat tal-kobalt, spinell blu-aħdar tal-kromit tal-kobalt jew nikil tal-antimonju f'kannizzata tat-$TiO_2$ insolubbli).

(l) L-applikant għandu jiddikjara liema mill-prodotti tiegħu għandu jkollu l-ogħla kontenut teoretiku ta' formaldeid liberu f'kull familja ta' formulazzjoni ta' prodotti. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-għażla tal-formulatur taż-żebgħa li juża d-donaturi tal-formaldeid bħala preservattivi u dikjarazzjonijiet mill-fornituri fir-rigward tal-ammonti ta' donaturi tal-formaldeid użati biex jippreservaw l-ingredjenti fornuti (speċjalment l-leganti). Iż-żieda ta' dawn is-sustanzi (u ta' kwalunkwe ingredjent ieħor li jirrilaxxa l-formaldeid) mal-formulazzjonijiet tal-agħar xenarju ma għandhiex tirriżulta fil-kontenut ta' formaldeid liberu fil-prodott finali li jaqbeż il-limitu ta' konċentrazzjoni rilevanti, kif imkejjel bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

(m) L-applikant għandu jipprovdi jew dikjarazzjoni dwar in-nuqqas ta' użu ta' SPMs għal skopijiet li mhumiex ta' formazzjoni ta' rita jew dikjarazzjoni dwar l-użu tagħhom fil-formulazzjoni tal-prodott tagħhom. F'każijiet fejn jiġi ddikjarat l-użu ta' SPMs għal skopijiet mhux ta' formazzjoni ta' rita, it-tip, il-kwantità (% skont il-piż) u l-iskop għandhom jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni, flimkien ma' ġustifikazzjoni ta' kif l-użu ta' SPMs għal skopijiet mhux ta' formazzjoni ta' rita jtejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodott. Dawn il-ġustifikazzjonijiet normalment għandhom iqabblu l-prestazzjoni ambjentali tal-istess prodott bl-SPMs u mingħajrhom għal skopijiet mhux ta' formazzjoni ta' rita.

**Kriterju 5. Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili (KOV)**

*Nota:* applikabbli biss għall-kisjiet ta' rendiment ta' ġewwa u l-prodotti relatati.

L-emissjonijiet ta' KOV ma għandhomx jaqbżu l-limiti ddefiniti fit-tabella hawn taħt.

*Tabella 9*

**Limiti tal-emissjonijiet ta' KOV**

| Parametru | Riżultati tat-test ta' 3 ijiem | Riżultati tat-test ta' 28 ijiem |
|---|---|---|
| KOV totali (*) | ≤ 3 000 μg/$m^3$ | ≤ 300 μg/$m^3$ |
| Valur R (**) | mhux applikabbli | ≤ 1,0 |
| Formaldeid | mhux applikabbli | ≤ 10 μg/$m^3$ |
| Kwalunkwe KOV karċinoġeniku ieħor tal-kategorija 1 A jew 1B mhux kopert mill-valuri tal-LCI tal-UE (***) | ≤ 10 μg/$m^3$ għal kull sustanza | ≤ 1 μg/$m^3$ għal kull sustanza |

(*) Il-KOV totali għandu jitkejjel kif iddefinit fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u għandu jinkludi l-kwantifikazzjoni ta' kwalunkwe kompost mhux fil-mira

(**) Il-valur R, kif definit fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. Ir-riżultati għall-valur R kumulattiv għandhom jiġu arrotondati għal pożizzjoni deċimali waħda qabel ma tiġi determinata l-konformità jew qabel ma jiġi determinat in-nuqqas ta' konformità mal-limitu ta' 1,0.

(***) Ma japplikax għall-formaldeid, li huwa KOVĦ u huwa kopert minn limitu individwali speċifiku. Ma japplikax għal KOVĦ jew KOV karċinoġeniċi oħra li għandhom valur UE-LCI, peress li dawn huma diġà koperti mil-limitu tal-valur-R.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jissottometti kopja tar-rapport tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti għall-formulazzjoni tal-prodott tal-agħar xenarju f'kull waħda mill-familji rilevanti ta' prodotti li jkunu koperti mill-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE. Kwalunkwe bidla fil-formulazzjonijiet li toħloq kontenut ogħla tal-KOV fl-agħar xenarju għandha tiskatta r-rekwiżit li jiġi ppreżentat rapport aġġornat tat-test tal-emissjonijiet tal-KOV. Fejn rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni ċara tad-differenzi magħmula bejn il-familji tal-prodotti (pereżempju l-kimika tal-leganti, il-kategorija tal-prodott eċċ.), flimkien ma' ġustifikazzjoni tal-prodott tal-agħar xenarju f'kull familja tal-prodotti.

F'każijiet fejn sistema ta' kisi jkollha diversi saffi, is-sistema sħiħa għandha tiġi applikata għas-substrat tat-test skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur qabel l-ittestjar tal-emissjonijiet.

Għall-kalkolu tal-valur R, għandha ssir referenza għall-aktar sett reċenti ta' valuri miftiehma ta' Konċentrazzjoni l-Aktar Baxxa ta' Interess (LCI, Lowest Concentration of Interest) tal-UE disponibbli fil-ħin tal-ittestjar. Dawn il-valuri jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea (1).

Jekk il-konċentrazzjonijiet tal-arja fil-kompartiment ikunu jistgħu jintwerew li jikkonformaw mal-limiti ta' 28 jum qabel ma jitlesta l-perjodu ta' 28 jum iżda wara perjodu ta' mill-inqas 3 ijiem, dawk ir-riżultati jistgħu jiġu aċċettati bħala prova ta' konformità u t-test jista' jitwaqqaf f'dak il-punt.

(1) Ara https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/construction/eu-lci-subgroup/eu-lci-values_mt

**Kriterju 6. Tagħrif għall-konsumaturi**

6(a) L-informazzjoni li ġejja għandha tidher fuq l-imballaġġ jew għandha tkun mehmuża miegħu:

— Rakkomandazzjoni biex titnaqqas il-ħela tal-prodott tal-kisi billi jiġi stmat kemm ikun hemm bżonn ta' prodott tal-kisi qabel ix-xiri,

— Kif tirkupra prodott tal-kisi mhux użat biex jerġa' jintuża,

— Kif l-użu mill-ġdid tal-prodott tal-kisi jista' jimminimizza b'mod effettiv l-impatt ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti,

— Informazzjoni mitluba fis-subkriterju 6(b) jew spjegazzjoni ta' kif wieħed jista' jaċċessa tali informazzjoni.

6(b) L-informazzjoni li ġejja għandha tidher fuq l-imballaġġ jew tkun imwaħħla miegħu jew tkun disponibbli permezz ta' link tal-web jew kodiċi QR:

— Kif jiġi stmat l-ammont ta' prodott tal-kisi meħtieġ qabel ix-xiri sabiex titnaqqas il-ħela tal-prodott tal-kisi u ammont rakkomandat bħala linja gwida (pereżempju għal 1 $m^2$ ta' ħajt, huma meħtieġa X litri ta' prodott tal-kisi),

— Kundizzjonijiet xierqa tal-ħażna tal-prodott (qabel u wara l-ftuħ), inkluż, fejn xieraq, pariri dwar is-sikurezza,

— Miżuri ta' sikurezza għall-utent inkluż rakkomandazzjoni bażika dwar tagħmir protettiv personali li għandu jintlibes u miżuri addizzjonali li għandhom jittieħdu meta jintuża l-prodott u jekk applikabbli meta jintuża tagħmir tal-isprej,

— L-użu ta' tagħmir tat-tindif u l-immaniġġar xieraq tal-iskart tal-"prodott tal-kisi li jifdal" u l-imballaġġ (sabiex jiġi limitat it-tniġġis tal-ilma u tal-ħamrija). Pereżempju, test li jagħti parir li l-prodott mhux użat jeħtieġ immaniġġar speċjalizzat għal rimi sikur fl-ambjent u għalhekk ma għandux jintrema mal-iskart domestiku jew kummerċjali.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżit u jipprovdi lill-korp kompetenti bix-xogħol artistiku jew il-kampjuni tal-informazzjoni għall-utent u/jew link jew kodiċi QR għas-sit web tal-manifattur li jkun fiha dan it-tagħrif bħala parti mill-applikazzjoni. Għandu jingħata l-ammont ta' żebgħa rakkomandat bħala linja gwida.

**Kriterju 7. Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE**

It-tikketta fakultattiva b'kaxxa testwali għandu jkun fiha tlieta mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin, skont ir-rilevanza tagħhom:

— Kontenut minimizzat kemm jista' jkun ta' sustanzi perikolużi,

— Kontenut imnaqqas ta' komposti organiċi volatili (KOV): x g/l,

— Emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili mnaqqsa fl-arja ta' ġewwa (għall-prodotti ta' ġewwa),

— Prestazzjoni tajba għall-użu fuq ġewwa (għall-prodotti ta' ġewwa), jew

— Prestazzjoni tajba għall-użu fuq barra, (għall-prodotti ta' barra) jew

— Prestazzjoni tajba kemm għall-użu fuq ġewwa kif ukoll għall-użu fuq barra (għall-prodotti adatti għall-użu fuq ġewwa u fuq barra).

Il-linji gwida għall-użu tat-tikketta fakultattiva b'kaxxa testwali jistgħu jinstabu fil-"Linji Gwida għall-Użu tal-Logo tal-Ekotikketta") f'dan is-sit web:

http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo_guidelines.pdf

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi kampjun tat-tikketta tal-prodott jew tax-xogħol artistiku tal-imballaġġ fejn titqiegħed l-Ekotikketta tal-UE, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

*ANNESS III*

**Kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE liż-żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma**

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE jimmiraw l-aqwa żebgħat fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma fis-suq, f'termini ta' prestazzjoni ambjentali. Il-kriterji jiffokaw fuq l-impatti ambjentali ewlenin assoċjati maċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn il-prodotti u jippromwovu aspetti tal-ekonomija ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-valutazzjoni u l-verifika**

Sabiex prodott speċifiku jingħata Ekotikketta tal-UE, il-prodott għandu jikkonforma ma' kull rekwiżit. L-applikant għandu jipprovdi konferma bil-miktub li tiddikjara li l-kriterji kollha huma ssodisfati.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u tal-verifika huma indikati f'kull kriterju.

Meta l-applikant ikun meħtieġ li jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżijiet, rapporti tat-testijiet, jew evidenza oħra biex juri konformità mal-kriterji, dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur/fornituri tagħhom, kif xieraq.

Il-korpi kompetenti għandhom jirrikonoxxu preferenzjalment l-attestazzjonijiet li jinħarġu mill-korpi akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni, u l-verifiki minn korpi li huma akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi.

Meta xieraq, jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar minbarra dawk indikati għal kull kriterju jekk il-korp kompetenti li jivvaluta l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazzjoni ta' sostenn u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti jew spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw il-konformità ma' dawn il-kriterji.

Tibdiliet fil-fornituri u fis-siti tal-produzzjoni li jappartjenu għall-prodotti li tkun ingħatatilhom l-Ekotikketta tal-UE għandhom jiġu nnotifikati lill-korpi kompetenti, flimkien ma' informazzjoni ta' sostenn li tippermetti l-verifika tal-konformità kontinwa mal-kriterji.

Bħala prerekwiżit, il-prodott għandu jissodisfa kull rekwiżit legali rispettiv tal-pajjiż jew tal-pajjiżi fejn il-prodott ikun maħsub li jitqiegħed fis-suq. L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dan ir-rekwiżit.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta flimkien mal-applikazzjoni għall-Ekotikketta tal-UE:

(a) Lista tal-prodotti individwali kollha taż-żebgħa u tal-verniċ koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE, miġbura f'familji ta' prodotti u li tindika kwalunkwe karatteristika rilevanti tal-prodott li taffettwa liema rekwiżiti speċifiċi mill-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE japplikaw. Familja ta' prodotti se jkollha l-istess formulazzjoni bażi u subkategorija tal-prodott, iżda tista' tvarja f'termini ta' sfumatura/jew format ta' imballaġġ.

(b) Deskrizzjoni tal-formulazzjoni(jiet) tal-prodott, b'kompożizzjoni f'% tal-ingredjenti użati u l-funzjoni speċifika ta' kull ingredjent (l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tista' tkun soġġetta għal ftehim ta' nondivulgazzjoni bejn l-applikant u l-korp kompetenti jew, f'xi każijiet, direttament bejn il-fornitur u l-korp kompetenti). Il-funzjonijiet tal-ingredjenti għandhom ikunu jew: aċċelleratur; addittiv; aġent kontra l-imblukkar; aġent kontra r-ragħwa; aġent kontra s-sedimentazzjoni; aġent kontra t-tqaxxir; legant; aġent koalexxenti; kulurant; pigment; aġent ta' retikolazzjoni; aġent li jwebbes; dilwent; aġent dispersiv; nixxief; materjal għall-mili; preservattiv b'rita niexfa; preservattiv fil-bott; aġent li jimmattja; aġent newtralizzanti; illuminant ottiku; plastifikant; dispersjoni tal-polimeri; stabbilizzatur tal-preservattivi; reżina; ritardant; modifikatur reoloġiku; reżina tas-silikonu; solvent; aġent tensjoattiv; stabbilizzatur tal-UV; ilma; aġent ripellent tal-ilma jew, f'każ li ma japplika l-ebda wieħed minn dawn, "oħrajn".

(c) Skedi tad-data ta' sikurezza għall-ingredjenti użati fil-formulazzjonijiet taż-żebgħat u tal-verniċi.

(d) Kwalunkwe informazzjoni oħra assoċjata mal-produzzjoni ta' ingredjenti u materjali li hija meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għandha tiġi pprovduta mill-fornituri jew mill-produtturi ta' dawk l-ingredjenti u l-materjali.

(e) Sabiex jiġi ddeterminat in-numru ta' prodotti fi ħdan kwalunkwe familja partikolari ta' prodotti, deskrizzjoni tal-format(i) tal-imballaġġ użat(i), il-volum(i) tal-prodott miżmum(a) u l-materjal(i) tal-imballaġġ użat(i) għal kull wieħed mill-prodotti taż-żebgħa u tal-verniċ koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

(f) Sabiex titnaqqas il-kwantità ta' ttestjar u dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċeduri ta' valutazzjoni u ta' verifika, diversi kriterji jiddikjaraw b'mod espliċitu li l-konformità ta' familja sħiħa ta' prodotti tista' tiġi preżunta jekk il-prodott tal-agħar xenarju jista' jintwera li jikkonforma. Kull darba li tiġi sottomessa d-data għal prodott tal-agħar xenarju, din għandha tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni tar-raġuni għaliex dan il-prodott partikolari jirrappreżenta l-agħar xenarju fi ħdan il-familja tiegħu ta' prodotti għall-proprjetà li tkun qed tiġi ttestjata.

**Kriterju 1. Produzzjoni tad-diossidu tat-titanju**

Jekk il-prodott finali jkun fih aktar minn 3,0 % w/w ta' pigment tad-diossidu tat-titanju ($TiO_2$), l-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma mill-produzzjoni ta' kwalunkwe pigment tad-diossidu tat-titanju użat għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti elenkati hawn taħt għall-proċessi tal-produzzjoni rispettivi:

*Tabella 1*

**Rekwiżiti għall-produzzjoni tad-Diossidu tat-Titanju**

| Parametru u metodu analitiku | Proċess tas-sulfat | Proċess tal-klorur |
|---|---|---|
| L-emissjonijiet ta' trab fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 0,40 kg/t pigment tat-$TiO_2$ | ≤ 0,66 kg/t pigment tat-$TiO_2$ |
| Emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 4,5 kg/t pigment tat-$TiO_2$ | mhux applikabbli |
| Emissjonijiet ta' HCI fl-arja ([1]) (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | mhux applikabbli | ≤ 0,70 kg/t pigment tat-$TiO_2$ |
| Emissjonijiet ta' $SO_4^{2-}$ fl-ilma (imkejla bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | ≤ 300 kg $SO_4^{2-}$/t pigment tat-$TiO_2$ | mhux applikabbli |
| Emissjonijiet ta' $Cl^-$ fl-ilma (imkejla bl-użu tal-metodu tal-bilanċ tal-massa jew bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti) | mhux applikabbli | ≤ 103 kg $Cl^-$/t pigment tat-TiO ([2])[(2)]<br>≤ 179 kg $Cl^-$/t pigment tat-$TiO_2$ ([3])<br>≤ 329 kg $Cl^-$/t pigment tat-$TiO_2$[( ]([4])[)] |
| Ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab | Għandu jintwera | Għandu jintwera |

([1]) Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' trab fl-arja mill-proċess tal-klorur jitqiesu bħala: stadji tal-maċinazzjoni, tal-klorinazzjoni, tal-ossidazzjoni u tal-mikronizzazzjoni. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' HCl fl-arja mill-proċess tal-klorur jitqiesu bħala: klorinazzjoni, purifikatur tal-aċidu minn proċessi ta' separazzjoni tas-solidi u ta' trattament tal-klorur tal-metall. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' trab fl-arja mill-proċess tas-sulfat jitqiesu bħala: stadji tal-maċinazzjoni, tad-diġestjoni, tal-kalċinazzjoni u tal-mikronizzazzjoni. Is-sorsi punt għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ fl-arja mill-proċess tas-sulfat jitqiesu bħala: proċessi ta' diġestjoni u ta' kalċinazzjoni.

([2]) Meta l-mineral użat ikun > 95 % kontenut ta' $TiO_2$.

([3]) Meta l-mineral użat ikun 90-95 % kontenut ta' $TiO_2$.

([4]) Meta l-mineral użat ikun < 90 % kontenut ta' $TiO_2$.

L-emissjonijiet fl-arja għandhom jingħaddu mis-sors(i) punt rilevanti ddikjarat(i) fil-punt (1) ta' hawn fuq fejn l-emissjonijiet jistgħu jiġu mmonitorjati kontinwament jew perjodikament minn punt ta' kampjunar fiss wara kwalunkwe sistema/i ta' tnaqqis tal-gass tal-egżost.

L-emissjonijiet fl-ilma għandhom jitqiesu bħala sulfat jew klorur preżenti fi kwalunkwe effluwent tal-ilma mormi ttrattat li jintrema fi kwalunkwe xmara, lag, ilma tranżizzjonali, ilma kostali jew ilma tal-baħar.

Il-limitu rilevanti għall-emissjonijiet tal-klorur fl-ilma għandu jkun ibbażat fuq il-% tal-medja ponderata tal-kontenut ta' $TiO_2$ tal-mineral(i) użat(i) matul il-perjodu tal-kalkolu.

Ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab għandu, bħala minimu, jinkludi l-aspetti li ġejjin:

— Valutazzjoni tar-riskju għall-post tax-xogħol li tidentifika l-oqsma ewlenin kollha tal-emissjoni potenzjali tat-trab u l-esponiment tal-ħaddiema għat-trab.

— Il-ħtieġa li jkun hemm fis-seħħ programm ta' monitoraġġ tal-iġjene okkupazzjonali fuq il-post tax-xogħol.

— L-għoti ta' taħriġ xieraq lill-impjegati dwar prattika tajba għall-kontroll tat-trab.

— Il-forniment ta' tagħmir protettiv personali adegwat lill-impjegati u lill-viżitaturi.

**Valutazzjoni u verifika**

L-applikant għandu jiddikjara l-kontenut ta' $TiO_2$ użat f'kull waħda mill-formulazzjonijiet tal-prodott soġġetta għall-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE. Għal kwalunkwe prodott b'kontenut ta' pigment ta' $TiO_2$ ta' aktar minn 3,0 % w/w, l-applikant għandu jiddikjara wkoll il-fornitur jew il-fornituri tat-$TiO_2$ użat f'dawk il-prodotti.

Id-dikjarazzjoni tal-applikant għandha tkun appoġġata minn dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ tagħhom (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk differenti) li jiddikjaraw:

— It-tip ta' proċess tal-produzzjoni tat-$TiO_2$ użat (klorur jew sulfat).

— Il-firxa tal-kontenut ta' $TiO_2$ applikabbli tal-mineral medju ponderat fil-każ tal-proċess tal-klorur.

— Data medja annwali dwar l-emissjonijiet tat-trab fl-arja, $SO_2$ fl-arja, u $SO_4^{2-}$ fl-ilma għal $TiO_2$ prodott permezz tal-proċess tas-sulfat. Alternattivament, id-data medja dwar l-emissjonijiet tat-trab fl-arja, HCl fl-arja, u $Cl^-$ fl-ilma għal $TiO_2$ prodott permezz tal-proċess tal-klorur.

— Id-dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk ikunu differenti) għandhom jinkludu l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti użati biex jitkejlu l-parametri rilevanti elenkati fit-Tabella 1.

— Il-miżuri fis-seħħ biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol b'kontenut baxx ta' trab.

Id-dikjarazzjoni mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ (jew mill-produttur(i) tat-$TiO_2$, jekk differenti) għandha tinkludi kalkolu bażiku dwar kif inkisbu l-emissjonijiet medji annwali. Jekk il-produzzjoni tal-pigment tat-$TiO_2$ fornut ma tkunx kontinwa, jistgħu jiġu aċċettati kalkoli tad-data dwar l-emissjonijiet li jkopru perjodu iqsar minn 12-il xahar. F'każijiet ta' monitoraġġ kontinwu, il-konċentrazzjonijiet medji annwali tal-emissjonijiet għandhom jiġu derivati minn konċentrazzjonijiet medji ta' kuljum. Għal emissjonijiet immonitorjati perjodikament, iridu jittieħdu mill-inqas 3 kampjuni biex jinkisbu r-riżultati medji. Kwalunkwe kampjunar perjodiku jrid jittieħed matul perjodi ta' operazzjoni stabbli li huma rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet normali tal-pjanti għall-produzzjoni tal-pigmenti tat-$TiO_2$ użati fil-prodotti taż-żebgħa tal-Ekotikketta tal-UE.

Il-kalkoli tal-emissjonijiet għandhom ikunu meħtieġa biss li jiġu sottomessi fid-data tal-applikazzjoni għall-Ekotikketta tal-UE. Jekk tingħata l-Ekotikketta tal-UE, l-applikant jista' sempliċement jitlob dikjarazzjonijiet aġġornati kull sena mill-fornitur(i) tat-$TiO_2$ tiegħu tal-konformità kontinwata mal-limiti tal-emissjonijiet.

Għall-emissjonijiet fl-arja, il-konċentrazzjonijiet għandhom jiġu espressi f'unitajiet ta' $mg/Nm^3$ u mmultiplikati b'rata speċifika tal-fluss tal-arja tal-emissjonijiet f'unitajiet ta' $Nm^3$/tunnellata ta' produzzjoni ta' pigment tat-$TiO_2$ għall-istess perjodu ta' żmien li fih tkun inġabret id-data. Jekk ikun hemm aktar minn sistema waħda ta' tnaqqis tal-gass tal-egżost għal sorsi punt ta' emissjonijiet ewlenin fl-arja, emissjonijiet mill-arja nadifa minn kull sistema ta' tnaqqis għandhom jingħaddu u jiżdiedu.

Għal emissjonijiet fl-ilma, għandu jintuża kejl dirett jew approċċ ta' bilanċ tal-massa. L-approċċ tal-bilanċ tal-massa għandu jkun ibbażat fuq il-bilanċ bejn l-inputs ta' sulfat/klorur mhux ipproċessat u l-outputs ta' sulfat/klorur fi prodotti sekondarji, fl-emissjonijiet fl-arja u fl-iskart solidu li jintrema fil-landfills jew li jiġi inċinerat. Id-differenza fil-mases tal-inputs u tal-outputs għandha titqies bħala l-massa tas-sulfat/klorur li tiġi emessa fl-ilma matul il-perjodu tal-kalkolu u għandha tiġi diviża bil-kwantità stmata ta' pigment tat-$TiO_2$ prodott matul l-istess perjodu biex jiġu kkalkolati l-emissjonijiet speċifiċi fl-ilma f'unitajiet ta' kg ta' pigment tas-sulfat jew tal-klorur/t $TiO_2$.

Bl-approċċ ta' kejl dirett għall-emissjonijiet fl-ilma, il-konċentrazzjonijiet imkejla f'unitajiet ta' $g/m^3$ għandhom jiġu mmultiplikati b'rata tal-fluss speċifika tal-effluwent tal-ilma mormi ttrattat f'unitajiet ta' $m^3$/tunnellata ta' produzzjoni tal-pigment tat-$TiO_2$ għall-istess perjodu ta' żmien li fih tkun inġabret id-data tas-sulfat/klorur.

**Kriterju 2. Rekwiżiti tal-effiċjenza fl-użu**

Sabiex tintwera l-effiċjenza fl-użu taż-żebgħat fi sprej aerosol għandhom jitwettqu t-testijiet u r-rekwiżiti li ġejjin:

2(a) Rata tat-tifrix

*Nota 1:* Dan ir-rekwiżit ma japplika għall-ebda prodott aerosol li huwa maħsub biex japplika kisjiet trasparenti jew semitrasparenti.

*Nota 2:* Jekk jintużaw sistemi għall-għoti ta' lewn ħafif biex isiru sfumaturi differenti taż-żebgħa f'aerosol, jeħtieġ li tiġi ttestjata biss il-bażi għall-għoti ta' lewn ħafif li jkun fiha l-aktar $TiO_2$. F'każijiet fejn din il-bażi għall-għoti ta' lewn ħafif ma tkunx tista' tikseb dan ir-rekwiżit, il-kriterju għandu jiġi ssodisfat wara li jingħata lewn ħafif lill-bażi biex jiġi prodott il-kulur standard RAL 9010.

*Nota 3:* Dan ir-rekwiżit japplika għaż-żebgħat fi sprej aerosol bojod. Għall-familji taż-żebgħat fi sprej aerosol disponibbli biss bl-isfumaturi prestabbiliti, ir-rata tat-tifrix għandha tapplika għall-aktar kulur ċar.

Iż-żebgħat fi sprej aerosol għandu jkollhom rata tat-tifrix ta' mill-inqas 2,0 $m^2$ għal kull litru filwaqt li jiżguraw qawwa opaċizzanti ta' mill-inqas 98 % skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. L-unità tal-volum fil-kalkolu tar-rata tat-tifrix għandha tirreferi għall-volum iddikjarat tal-bott tal-isprej lest għall-użu.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-limiti tar-rata tat-tifrix jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżit tar-rata tat-tifrix għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Id-dikjarazzjoni għandha tkun appoġġata minn riżultati tat-testijiet skont il-metodu fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. F'każijiet fejn riżultat ikopri diversi prodotti, għandu jiġi indikat b'mod ċar liema riżultati jikkorrispondu għal liema prodotti koperti mill-applikazzjoni għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.

2(b) Effiċjenza fl-isprejjar

Iż-żebgħat fi sprej aerosol għandu jkollhom effiċjenza fl-isprejjar ta' mill-inqas 97 %, meqjusa bħala l-frazzjoni tal-prodott fil-bott tal-isprej lest għall-użu li jiġi sprejjat mill-bott.

Il-metodu ta' ttestjar għandu jikkonsisti f'kalkolu tal-kontenut totali tal-prodott li jinsab fil-bott tal-isprej lest għall-użu li jkun għadu ma ġiex imħaddem. Qabel it-test, il-bott tal-isprej lest għall-użu għandu jintiżen. Matul it-test, il-kontenut tal-bott għandu jiġi skarikat kontinwament fuq superfiċe miżuna b'rata stabbli sabiex tiġi mmonitorjata r-rata ta' skarika. Wara t-test, l-bott tal-isprej għandu jerġa' jintiżen biex jiġi ddeterminat il-kontenut totali tal-prodott skarikat. L-effiċjenza fir-rata tal-isprejjar għandha tiġi kkalkolata bħala

$$Efficiency\ in\ spraying\ (\%) = \frac{total\ weight\ of\ product\ discharged\ during\ test(g)}{total\ weight\ of\ product\ in\ can\ at\ beginning\ of\ test\ (g)} x100\%$$

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test li juri l-kalkolu tal-effiċjenza fir-rata ta' sprejjar. Ir-rapport għandu jinkludi l-piż tal-bott tal-isprej aerosol inizjali, plott tar-rata ta' skarika kontra l-ħin u l-piż tal-bott tal-isprej fi tmiem it-test. Il-piż totali tal-prodott skarikat għandu jitqies bħala d-differenza bejn il-piż inizjali u l-piż finali tal-bott.

2(c) Aderenza

*Nota 1:* Dan ir-rekwiżit ma japplika għall-ebda prodott aerosol li huwa maħsub biex japplika kisjiet trasparenti jew semitrasparenti.

Iż-żebgħat fi sprej aerosol għandhom jiksbu punteġġ ta' aderenza ta' 2 jew inqas fit-test għall-adeżjoni fi standards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit rilevanti jew ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tar-rekwiżiti għal kull wieħed mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Id-dikjarazzjoni għandha tkun appoġġata minn riżultati tat-testijiet skont il-metodu fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti, kif applikabbli.

2(d) Reżistenza għall-korrużjoni

Iż-żebgħa fi sprej aerosol, meta tiġi applikata fuq pannelli tal-azzar ibblastjati b'rita niexfa ta' ħxuna ta' mill-inqas 60 µm, għandha tiżgura reżistenza għall-korrużjoni adegwata wara li tiġi soġġetta għal test bl-isprej tal-melħ ta' durata ta' 240 siegħa skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

Wara l-esponiment, il-kisi għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

— Klassifikazzjoni ta' 3 jew aħjar (jiġifieri 0, 1 jew 2) għad-daqs tal-bżieżaq skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Klassifikazzjoni ta' 3 jew aħjar (jiġifieri 0, 1 jew 2) għall-kwantità ta' bżieżaq skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Klassifikazzjoni ta' Ri2 jew aħjar (jiġifieri Ri0 jew Ri1) għall-grad ta' sadid skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Riżultat ta' delaminazzjoni ta' 4 mm jew inqas skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

— Punteġġ tal-aderenza ta' 2 jew inqas skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità appoġġata mir-riżultati tat-test skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti għat-test tal-isprej tal-melħ, għas-sadid, għall-bżieżaq, għad-delaminazzjoni u għall-adeżjoni

2(e) Esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp

Iż-żebgħa fi sprej aerosol, meta tiġi applikata fuq pannelli tal-azzar ibblastjati b'rita niexfa ta' ħxuna ta' mill-inqas 60 µm, għandha tiżgura reżistenza adegwata għall-kundizzjonijiet tat-temp wara li tkun soġġetta għal 500 siegħa ta' ċikli ta' kundizzjonijiet tat-temp skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

Wara l-esponiment, il-kisi għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti:

— Bidla fil-kulur ta' $\Delta E \leq 4$.

— Tnaqqis fit-tleqqija ta' ≤ 30 %.

— Grad ta' tqaxxir ta' ≤ 2 f'termini ta' densità tal-qxur u ta' ≤ 2 f'termini ta' daqs tal-qxur.

— Grad ta' tlugħ ta' bżieżaq ta' ≤ 3 f'termini ta' densità tal-bżieżaq u ta' ≤ 3 f'termini ta' daqs tal-bżieżaq.

— Grad ta' tixqiq ta' ≤ 2 f'termini ta' daqs tax-xaqq.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità appoġġata mir-riżultati tat-testijiet tas-substrati miksija qabel u wara l-esponiment għall-kundizzjonijiet tat-temp skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti: għad-devjazzjoni tal-kulur; għad-devjazzjoni fil-livell tat-tleqqija; għall-grad ta' tqaxxir; għall-grad ta' tixqiq, u għall-grad ta' tlugħ ta' bżieżaq.

**Kriterju 3. Kontenut ta' Komposti Organiċi Volatili u ta' Komposti Organiċi Semivolatili (KOV, KOSV)**

Il-kontenut massimu ta' KOV permess fiż-żebgħat fi sprej aerosol ma għandux jaqbeż il-limiti definiti fit-Tabella 2. Il-kontenut ta' KOV għandu jiġi ddeterminat separatament għal kull komponent u mbagħad jingħadd flimkien.

Il-kontenut ta' KOV għall-komponent taż-żebgħa likwida għandu l-ewwel jiġi ddeterminat jew b'kalkolu bbażat fuq l-ingredjenti u l-materja prima jew bl-użu tal-metodi mogħtija fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti. Imbagħad, il-kontenut ta' KOV għall-komponent taż-żebgħa (f'żebgħa likwida g/l) għandu jiġi kkonvertit f'unitajiet ta' g/l ta' prodott lest għall-użu billi jiġi mmultiplikat bil-proporzjon tal-volum taż-żebgħa fi sprej aerosol, iddefinit hekk:

$$\textit{Aerosol spray paint volume ratio} = \frac{X\ \textit{Litres of liquid paint}}{Y\ \textit{Litres of declared aerosol spray can volume}}$$

Sakemm ma jintweriex mod ieħor, il-propellant, kemm jekk ikun sustanza jew taħlita individwali, għandu jiġi preżunt li huwa 100 % KOV. L-ammont ta' KOV fi propellant fil-prodott lest għall-użu għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' kontenut iddikjarat ta' propellant (f'unitajiet ta' volum g ta' propellant/l ta' volum tal-bott aerosol). Il-massa ta' propellant miżjuda għal kull litru ta' aerosol għandha tiġi kkalkolata mill-manifattur.

*Tabella 2*

**Limitu tal-kontenut ta' KOV**

| Limitu tal-kontenut ta' KOV [1] | | |
|---|---|---|
| Komponent taż-żebgħa likwida | Propellant | Prodotti finali |
| Limiti tal-KOV (espressi f'termini ta' g/l ta' aerosol) | | |
| 60 g/l | 290 g/l | 350 g/l |

[1] "Kompost organiku volatili" (KOV) tfisser kwalunkwe kompost organiku li jkollu punt tat-togħlija inizjali ta' inqas minn jew daqs 250 °C imkejjel fi pressjoni standard ta' 101,3 kPa

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità appoġġata minn kalkoli tal-kontenut ta' KOV.

Għall-komponent taż-żebgħa likwida, id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tkun appoġġata minn kalkoli tal-kontenut ta' KOV abbażi tal-ingredjenti u l-materja prima użati fil-komponent taż-żebgħa likwida. Inkella, il-kontenut ta' KOV tal-komponent taż-żebgħa likwida għandu jiġi kkomunikat permezz ta' rapport tat-test rappreżentattiv jew rapporti li jużaw il-metodi mogħtija fl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti u r-riżultati, meta jiġu kkoreġuti għall-proporzjon tal-volum ta' żebgħa fi sprej aerosol b'bażi ta' ilma, għandhom juru konformità mal-limitu.

Għall-komponent tal-propellant, l-applikant għandu jiddikjara l-propellant(i) użat(i) u għandu jipprovdi d-dettalji tal-kalkolu.

**Kriterju 4. Restrizzjoni ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi**

*Nota:* Dawn is-subkriterji japplikaw għall-formulazzjoni tal-prodott finali u għal kwalunkwe ingredjent fornut fih.

**4.1. Restrizzjonijiet ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs, Substance of Very High Concern)**

Il-formulazzjoni tal-prodott finali u kwalunkwe ingredjent fornut fih ma għandux ikun fiha sustanzi mdaħħla li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 li jkunu ġew identifikati skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 59 ta' dak ir-Regolament u inklużi fil-lista tal-kandidati għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna għall-awtorizzazzjoni.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ffirmata li l-formulazzjoni tal-prodott finali u kwalunkwe ingredjent fornut fih ma jkun fihom l-ebda SVHC bħala sustanzi mdaħħla. Id-dikjarazzjoni għandha tkun appoġġata minn skedi tad-data tas-sikurezza tal-ingredjenti fornuti kollha li jintużaw biex jiġi prodott il-prodott finali u dikjarazzjonijiet mill-fornituri tas-sustanzi kimiċi.

Il-lista ta' sustanzi identifikati bħala SVHCs u inklużi fil-lista ta' kandidati f'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tista' tinstab hawn:

https://www.echa.europa.eu/candidate-list-table

Ghandha ssir referenza għal-lista fid-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

Għal kwalunkwe livell ta' impuritajiet magħrufa identifikati bħala SVHCs fl-ingredjenti, għandhom jintużaw il-konċentrazzjoni tal-impurità u fattur ta' ritenzjoni preżunt ta' 100 %, biex tiġi stmata l-kwantità tal-impurità ta' SVHC li jifdal fil-formulazzjoni tal-prodott finali. L-impuritajiet li huma SVHCs ma jistgħux ikunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott taż-żebgħa jew tal-verniċ f'ammont ogħla minn 0,0100 % w/w jew fi kwalunkwe ingredjent individwali f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu 0,100 % w/w. Kwalunkwe devjazzjoni minn fattur ta' ritenzjoni ta' 100 % għal impurità ta' SVHC (pereżempju minħabba evaporazzjoni tas-solvent) jew fil-każ ta' modifika kimika, trid tkun appoġġata minn ġustifikazzjonijiet adegwati.

### 4.2. Restrizzjonijiet ġenerali bbażati fuq klassifikazzjonijiet skont klassifikazzjonijiet speċifiċi ta' periklu ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(a) Formulazzjoni tal-prodott finali

Il-formulazzjoni tal-prodott finali ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala karċinoġenika, mutaġenika, tossika għar-riproduzzjoni, tossika b'mod akut, perikoluża jekk tittieħed man-nifs, tossikant speċifiku ta' organi fil-mira, sensitizzatur respiratorju jew tal-ġilda, perikoluża għall-ambjent akkwatiku, perikoluża għas-saff tal-ożonu, li tfixkel is-sistema endokrinali, persistenti, bijoakkumulattiva u tossika (PBT, persistent, bioaccumulative and toxic) jew persistenti, mobbli u tossika (PMT, persistent, mobile and toxic) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u speċifikament fit-termini tad-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu fit-Tabella 3. L-unika eċċezzjoni permessa għal din ir-regola għandha tkun il-klassifikazzjoni H412 u H413, u biss jekk minħabba l-livelli ta' preservattivi b'rita niexfa fil-każ ta' żebgħat jew verniċi ta' barra.

(b) Sustanzi mdaħħla

Sakemm ma jkunx hemm deroga fit-Tabella 4, il-formulazzjoni tal-prodott finali ma għandu jkun fiha l-ebda sustanza mdaħħla f'konċentrazzjonijiet ta' 0,010 % skont il-piż jew ogħla tal-formulazzjoni tal-prodott finali li huma kklassifikati, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fi kwalunkwe waħda mill-klassijiet u kategoriji ta' periklu, u kodiċijiet assoċjati tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu ddikjarati fit-Tabella 3.

*Tabella 3*

**Klassijiet ta' periklu, kategoriji u kodiċijiet assoċjati tad-dikjarazzjoni ta' periklu ristretti**

| Karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR, Carcinogenic, mutagenic or toxic for reprodution) | |
|---|---|
| Kategoriji 1 A u 1B | Kategorija 2 |
| H340: Jista' jikkawża difetti ġenetiċi | H341: Suspettat li jikkawża difetti ġenetiċi |
| H350: Jista' jikkawża l-kanċer | H351: Suspettat li jikkawża l-kanċer |
| H350i: Jista' jikkawża l-kanċer meta jittieħed bin-nifs | |
| H360: Jista' jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360F: Jista' jagħmel ħsara lill-fertilità | H361f: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità |
| H360D: Jista' jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361d: Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360FD: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. Jista' jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf | H361fd: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf |
| H360Fd: Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf. | H362: Jista' jagħmel ħsara lit-tfal imreddgħa |
| H360Df: Jista' jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf. Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. | |
| Tossiċità akuta | |
| Kategoriji 1 u 2 | Kategorija 3 |
| H300: Fatali jekk jinbela' | H301: Tossiku jekk jinbela' |
| H310: Fatali jekk imiss mal-ġilda | H311: Tossiku jekk imiss mal-ġilda |

| | |
|---|---|
| Karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR, Carcinogenic, mutagenic or toxic for reprodution) | |
| Kategoriji 1 A u 1B | Kategorija 2 |
| H330: Fatali jekk jittieħed bin-nifs | H331: Tossiku jekk jittieħed bin-nifs |
| | EUH070: Tossiku meta jmiss mal-għajnejn |
| Periklu jekk jittieħed man-nifs | |
| Kategorija 1 | |
| H304: Jista' jkun fatali jekk jinbela' u jidħol fil-pajpijiet tan-nifs | |
| Tossiċità speċifika għal organi ta' mira | |
| Kategorija 1 | Kategorija 2 |
| H370: Jikkawża ħsara lill-organi | H371: Jista' jikkawża ħsara lill-organi |
| H372: Jikkawża ħsara lill-organi minħabba esponiment fit-tul jew ripetut | H373: Jista' jikkawża ħsara lill-organi minħabba esponiment fit-tul jew ripetut |
| Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda | |
| Kategoriji 1, 1 A u 1B | |
| H317: Jista' jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda | |
| H334: Jista' jikkawża sintomi ta' allerġija jew ta' ażma jew diffikultajiet biex jittieħed in-nifs jekk jinxtamm | |
| Perikoluż għall-ambjent akkwatiku | |
| Kategoriji 1 u 2 | Kategoriji 3 u 4 |
| H400: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi | H412: Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema |
| H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema | H413: Jista' jikkawża effetti dejjiema lill-organiżmi akkwatiċi |
| H411: Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema | |
| Perikoluż għas-saff tal-ożonu | |
| H420: Jagħmel ħsara lis-saħħa tal-pubbliku u lill- ambjent billi jeqred l-ożonu fl-atmosfera ta' fuq | |
| Interferent endokrinali (EDs, endocrine disruptor) għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent | |
| Kategorija 1 | Kategorija 2 |
| EUH380: Jista' jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fil-bnedmin | EUH381: Suspettati li jikkawżaw tfixkil fis-sistema endokrinali fil-bnedmin |
| EUH430: Jista' jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fl-ambjent | EUH431: Suspettat li jikkawża tfixkil fis-sistema endokrinali fl-ambjent. |
| Persistenti, Bijoakkumulattiv u Tossiku (PBT, Persistent, Bioaccumulative and Toxic) | |
| PBT | Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB, very Persistent and very Bioaccumulative) |
| EUH440: Jakkumula fl-ambjent u f'organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin | EUH441: Jakkumula ħafna fl-ambjent u f'organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin |
| Persistenti, mobbli u tossiku (PMT, Persistent, Mobile and Toxic) | |
| PMT | Persistenza għolja u Mobbiltà għolja (vPvM, very Persistent and very Mobile) |
| EUH450: Jista' jikkawża kontaminazzjoni dejjiema u diffuża tar-riżorsi tal-ilma | EUH451: Jista' jikkawża kontaminazzjoni diffuża u fit-tul tar-riżorsi tal-ilma |

L-użu ta' sustanzi jew ta' taħlitiet li jkunu mmodifikati kimikament matul il-proċess ta' produzzjoni, sabiex ma jibqa' japplika l-ebda periklu rilevanti li għalih is-sustanza jew it-taħlita tkun ġiet ikklassifikata taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandu jkun eżentat mir-rekwiżit ta' hawn fuq.

Dan il-kriterju ma għandux japplika għas-sustanzi mdaħħla koperti mill punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jistabbilixxu kriterji għall-eżenzjoni ta' sustanzi fi ħdan l-Annessi IV u V ta' dak ir-Regolament mir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni, tal-utent downstream u tal-evalwazzjoni.

*Tabella 4*

**Derogi għar-restrizzjonijiet ta' sustanzi mdaħħla li huma kklassifikati b'wieħed jew aktar mill-perikli ristretti elenkati fit-Tabella 3 u li huma preżenti f'konċentrazzjonijiet ta' 0,010 % jew ogħla (skont il-piż) tal-formulazzjoni tal-prodott finali**

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| Preservattivi u stabbilizzaturi tal-preservattivi | | |

Nota dwar il-preservattivi: il-preservattivi kollha: miżjuda mal-ingredjenti jridu jiġu ddikjarati mill-fornituri u l-preservattivi kollha miżjuda direttament mal-formulazzjoni tal-prodott finali iridu jiġu ddikjarati mill-produttur taż-żebgħa jew tal-verniċ. L-uniċi tipi ta' preservattivi permessi fl-ingredjenti u fil-prodott finali għandhom ikunu dawk li huma konformi mar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għall-prodotti finali li joriġinaw mill-Unjoni, huwa mfakkar li mhuwiex biżżejjed li s-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodott preservattiv jiġu approvati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tip ta' prodott 6 (PT6) (preservattiv fil-bott) jew għat-tip ta' prodott 7 (PT7) (preservattiv b'rita niexfa), iżda l-prodott preservattiv irid jiġi awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-PT6 jew PT7 jew jitqiegħed fis-suq skont il-miżuri tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 89(2) ta' dak ir-Regolament. Il-limiti totali kkombinati għall-preservattivi PT6 u PT7 għandhom japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' prodotti li ġejjin:

— Għall-prodotti ta' ġewwa: sa 0,080 % skont il-piż ta' PT6 fil-prodott finali.
— Għall-ilwien ħfief ikkuluriti użati f'sistemi għall-għoti ta' lewn ħafif: sa 0,20 % skont il-piż ta' PT6 fil-lewn ħafif ikkulurit.
— Għall-prodotti ta' ġewwa kkummerċjalizzati għall-użu f'żoni b'umdità għolja: sa 0,080 % skont il-piż ta' PT6 u sa 0,10 % skont il-piż ta' PT7 fil-prodott finali.
— Għall-prodotti ta' barra: sa 0,080 % skont il-piż ta' PT6 u sa 0,50 % skont il-piż ta' PT7 fil-prodott finali.

Ħlief għall-ilwien ħfief ikkuluriti, ir-referenzi kollha għal konċentrazzjonijiet/limiti/livelli ta' preservattivi fit-taqsima "preservattivi u stabbilizzaturi tal-preservattivi", għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għas-sustanzi attivi preservattivi li jinsabu fil-formulazzjoni tal-prodott finali.

Kwalunkwe preservattiv li ma jistax ikun preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-0,010 %, minħabba limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi (SCLs, specific concentration limits) inqas minn 0,010 % li jikklassifikaw il-prodott finali b'periklu ristrett tas-CLP, ma jissemmewx fit-tabella tad-derogi hawn taħt minħabba li ma jistgħux jintużaw f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-0,010 % fl-ewwel lok, u għalhekk ma jeħtiġux deroga. Dan ma jimplikax li ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi mdaħħla fil-prodotti tal-Ekotikketta tal-UE fi kwalunkwe livell. Jekk ma jkunux esklużi b'mod espliċitu fis-subkriterju 4.3, tali preservattivi jistgħu jintużaw sakemm ikunu f'livelli taħt kwalunkwe SCLs li jwasslu għal klassifikazzjoni ristretta tas-CLP tal-formulazzjoni tal-prodott finali.

| | | |
|---|---|---|
| Preservattivi fil-bott (PT6) fl-ilwien ħfief ikkuluriti jew fil-prodott finali: | H301, H311, H317, H330, H331, H372, H373, H400, H410, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>It-total tas-somma tal-preservattivi kollha fil-bottijiet ta' PT6 (dawk derogati għall-użu ta' aktar minn 0,010 % u dawk li mhumiex derogati iżda permessi fil-livelli ta' < 0,010 %) irid ikun fil-limiti rilevanti definiti fin-nota ta' hawn fuq.<br>Meta jintużaw preservattivi li huma donaturi tal-formaldeid, iridu jiġu rrispettati l-limiti rilevanti għall-formaldeid liberu fil-prodott finali stabbiliti fis-subkriterju 4.3(l). |

| Tip ta’ sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta’ periklu b’deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| | | Għandhom japplikaw limiti speċifiċi ta’ konċentrazzjoni (% skont il-piż fil-prodott finali) għas-sustanzi derogati elenkati hawn taħt:<br>— Bronopol (Nru CAS 52-51-7): sa 0,030 %.<br>— DBNPA (Nru CAS 10222-01-2): sa 0,030 %<br>— Pirition tas-sodju (Nru CAS 3811-73-2): sa 0,030 %.<br>— BIT (Nru CAS 2634-33-5): sa 0,036 %.<br>— Total ikkombinat ta’ isotijażolinoni u rilaxxaturi ta’ isotijażolinoni (dawk derogati għall-użu ta’ aktar minn 0,010 % u dawk li mhumiex derogati iżda permessi fil-livelli ta’ < 0,010 %): sa 0,040 % fil-formulazzjonijiet tal-prodott finali.<br>— Diammina (Nru CAS 2372-82-9): sa 0,050 %. |
| Preservattivi b’rita niexfa (PT7): | H311, H317, H330, H331, H372, H373 H400, H410, H411, H412 u H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Japplika biss għal prodotti ta’ barra u ta’ ġewwa għall-użu f’żoni ta’ umdità għolja.<br>It-total tas-somma tal-preservattivi kollha b’rita niexfa ta’ PT7 (dawk derogati għall-użu ta’ aktar minn 0,010 % u dawk li mhumiex derogati iżda permessi fil-livelli ta’ < 0,010 %) irid ikun fil-limiti rilevanti definiti fin-nota ta’ hawn fuq.<br>Fil-każ ta’ forom ta’ rilaxx bil-mod u inkapsulati ta’ preservattivi b’rita niexfa, il-klassifikazzjoni speċifika tal-prodott finali, jew formulazzjonijiet ta’ read-across, għandha tikkunsidra l-konċentrazzjoni assoluta tal-komponenti perikolużi (jiġifieri mingħajr il-kapsuli). Il-prodott finali jew il-formulazzjoni read-across ma tistax tiġi kklassifikata bi kwalunkwe wieħed mill-perikli elenkati fit-Tabella 3.<br>Kwalunkwe preservattiv b’rita niexfa kklassifikat bħala H400 jew H410 irid ikun mhux bijoakkumulattiv, muri billi jkollu koeffiċjent ottanol/ilma (Log Kow) ta’ ≤ 3,2 jew fattur ta’ bijokonċentrazzjoni (BCF, bioconcentration factor) ta’ ≤ 100. |
| Stabbilizzatur tal-preservattivi:<br>Ossidu taż-żingu (Nru CAS 1314-13-2) | H400, H410 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Permess li jintuża bħala stabbilizzatur tal-preservattivi, sa 0,040 % skont il-piż tal-prodott finali, meta jintuża biex jiġu stabbilizzati, f’kombinazzjonijiet ta’ preservattivi fil-bott jew b’rita niexfa li jeħtieġu 1,2-Benżisotijażol-3(2H)-on (BIT). |
| Aġenti li jnixxfu u għal kontra t-tqaxxir | | |
| Aġenti għal kontra t-tqaxxir | H317, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-kontenut ta’ aġent kontra t-tqaxxir ma għandhiex taqbeż il-0,40 % skont il-piż fil-prodott finali. |
| Nixxiefa (sustanzi għat-tnixxif) | H301, H317, H373, H400†, H410†, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-kontenut tan-nixxief ma għandhiex taqbeż iż-0,10 % skont il-piż fil-prodott finali.<br>† Id-deroga għal H400, H410 u H411 tapplika biss għall-komposti tan-nixxief ibbażat fuq il-kobalt u tali komposti jistgħu jintużaw biss sa 0,050 % skont il-piż fil-prodott finali. |
| Pigmenti u addittivi tal-pigmenti | | |
| Pigmenti/addittivi kontra l-korrużjoni | H400, H410 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 0,050 % skont il-piż fil-prodott finali u biss għat-tri-żingu bis(ortofosfat (Nru CAS 7779-90-0). |

| Tip ta’ sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta’ periklu b’deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| Trimetilolpropan | H361fd | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Biss meta jintuża bħala addittiv f’pigmenti fornuti u sa 0,50 % biss skont il-piż fil-pigment fornut. |
| Leganti u dispersjonijiet tal-polimeri | | |
| Leganti u aġenti ta’ retikolazzjoni:<br>Diidrażid tal-aċidu adipiku (Nru CAS 1071-93-8) | H317, H411 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż fl-ingredjent tal-legant jew tad-dispersjoni tal-polimeri u meta jintuża bħala promotur tal-adeżjoni jew bħala aġent ta’ retikolazzjoni. |
| Monomeri li ma jkunux ġew soġġetti għal reazzjoni (fil-leganti) | H301, H304, H311, H317, H331, H334, H372, H400, H410, H411, H412 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Is-somma totali tal-konċentrazzjoni ta’ monomeri li ma jkunux ġew soġġetti għal reazzjoni li jeħtieġu din id-deroga ma għandhiex taqbeż il-0,050 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Oħrajn, mixxellanji | | |
| Metanol (Nru CAS 67-56-1) | H301, H311, H331, H370 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Permess biss bħala prodott residwu ta’ reazzjoni ta’ sustanzi oħra fil-formulazzjoni tal-prodott. Il-konċentrazzjoni residwa permissibbli tiżdied bħala funzjoni tal-kontenut ta’ leganti bil-mod li ġej:<br>— Kontenut ta’ legant ta’ 10-20 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta’ 0,020 % skont il-piż fil-prodott finali.<br>— Kontenut ta’ legant ta’ 20-40 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta’ 0,030 % skont il-piż fil-prodott finali.<br>— Kontenut ta’ legant ta’ > 40 %: il-metanol residwu permissibbli huwa ta’ 0,050 % skont il-piż fil-prodott finali. |
| Materja prima minerali, inklużi materjal għall-mili, aġenti kontra d-dendil u aġenti li jimmattjaw | H372, H373 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Japplika biss għall-materja prima minerali u għall-minerali ta’ lewkofilliti li fihom b’mod naturali s-siliċju kristallin.<br>Permess biss fil-kontenut sa 1,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali għall-materjali tal-H372 jew sa 10 % għall-materjali tal-H373.<br>F’każijiet fejn il-materjal jiġi pprovdut f’forma ta’ trab xott, l-applikant għandu juri li għandu sistemi fis-seħħ biex jimminimizzaw l-esponiment tal-ħaddiema għal trab xott fuq il-post tax-xogħol (pereżempju sistemi ta’ dożaġġ magħluqa, żoni ta’ dożaġġ ventilati u ta’ taħlit u tagħmir protettiv personali). |
| Aġenti newtralizzanti | H301, H311, H331, H400, H410, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż fil-formulazzjonijiet tal-verniċ, u sa 0,50 % fil-prodotti l-oħra kollha. |
| Illuminanti ottiċi | H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 0,10 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Reżina tas-siliċju | H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f’qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 2,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |

| Tip ta' sustanza, isem tas-sustanza u numru CAS | Kodiċi(jiet) ta' periklu b'deroga | Kundizzjonijiet tad-deroga |
|---|---|---|
| Solventi | H304 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 2,0 % skont il-piż fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |
| Aġenti tensjoattivi | H304, H400, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Permess biss sa 1,0 % skont il-piż f'formulazzjonijiet ta' prodotti trasparenti, semitrasparenti, bojod jew ċari jew sa 3,0 % skont il-piż bil-kuluri l-oħra kollha |
| Stabbilizzaturi tal-UV | H317, H411, H412, H413 | (*)Ara l-kundizzjoni tad-deroga orizzontali f'qiegħ it-tabella<br>Applikabbli biss għall-prodotti ta' barra u sa 0,60 % skont il-piż biss fil-formulazzjoni tal-prodott finali. |

(*) Kundizzjoni tad-deroga orizzontali: l-ebda waħda mid-derogi ta' hawn fuq, individwalment jew flimkien, ma għandha tkun permessa jekk tirriżulta fil-klassifikazzjoni tal-formulazzjoni tal-prodott finali bi kwalunkwe wieħed mill-perikli definiti fit-Tabella 3, bl-eċċezzjoni notevoli ta' H412 u H413 għall-prodotti ta' barra minħabba l-preżenza ta' preservattivi b'rita niexfa.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ffirmata ta' konformità mas-subkriterju 4.2, inkluża l-konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni tad-deroga rilevanti, appoġġata minn dikjarazzjonijiet mill-fornituri u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra.

Għandha tiġi ppreżentata lista tas-sustanzi mdaħħla kollha b'wieħed jew aktar mill-perikli ristretti tas-CLP ikkalkulati li jkunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,010 % skont il-piż, flimkien man-numri CAS tagħhom, l-istatus tal-klassifikazzjoni tas-CLP (jiġifieri armonizzati, dħul konġunt jew awtoentrati biss) il-funzjoni rilevanti tas-sustanza mdaħħla (pereżempju preservattiv fil-bott, nixxief, pigment, aġenti newtralizzanti, aġenti tal-UV, aġenti tensjoattivi, stabbilizzatur tal-UV, eċċ.). Il-kalkoli għall-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi mdaħħla fil-prodott finali għandhom ikunu bbażati fuq:

— lista tal-ingredjenti, tas-sustanzi kimiċi jew tal-materja prima kollha użata biex issir il-formulazzjoni tal-prodott finali,

— l-iskrinjar ta' ingredjenti, ta' sustanzi kimiċi jew ta' materja prima għal dawk is-sustanzi mdaħħla u impuritajiet magħrufa bi kwalunkwe wieħed mill-perikli tas-CLP ristretti għall-Ekotikketta tal-UE,

— il-konċentrazzjonijiet ta' kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata u ta' kwalunkwe impurità magħrufa b'perikli tas-CLP ristretti għall-Ekotikketta tal-UE fl-ingredjenti, fis-sustanzi kimiċi jew fil-materja prima użati fil-format ipprovdut.

— il-piż ta' kull wieħed mill-ingredjenti, sustanzi kimiċi jew materja prima miżjuda biex ikun magħmul piż magħruf tal-formulazzjoni tal-prodott finali.

L-impuritajiet magħrufa għandhom jiġu ttrattati bħala sustanzi mdaħħla biss jekk l-eżerċizzju ta' skrinjar jiżvela li l-kontenut tagħhom fil-formulazzjoni tal-prodott finali għandu jaqbeż 0,010 % skont il-piż jew il-kontenut tagħhom f'ingredjent għandu jaqbeż 0,100 % skont il-piż. L-impuritajiet magħrufa taħt dawn il-limiti ma għandhomx jingħaddu fil-kalkoli.

Kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata għandha tiġi preżunta awtomatikament li hija 100 % miżmuma fil-prodott finali. Għandhom jiġu pprovduti ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe devjazzjoni minn fattur ta' ritenzjoni ta' 100 % matul l-ipproċessar (pereżempju evaporazzjoni tas-solvent) jew għal modifika kimika ta' sustanza mdaħħla skrinjata. Is-sustanzi magħrufa li jiġu rilaxxati jew li jiddegradaw mis-sustanzi mdaħħla jitqiesu bħala sustanzi mdaħħla u mhux impuritajiet.

Għal kwalunkwe sustanza mdaħħla skrinjata miżmuma fil-formulazzjoni tal-prodott finali f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,010 % skont il-piż, iżda li huma eżentati mis-subkriterju 4.2 (ara l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006), dikjarazzjoni b'dan l-effett mill-applikant għandha tkun biżżejjed għal dawk is-sustanzi.

Peress li diversi prodotti jew prodotti potenzjali (pereżempju sfumaturi personalizzati minn sistema għall-għoti ta' lewn ħafif) li jużaw l-istess ingredjenti, sustanzi kimiċi jew materja prima jistgħu jkunu koperti minn liċenzja waħda tal-Ekotikketta tal-UE, jista' jkun aċċettabbli kalkolu tal-agħar xenarju għal kull sustanza mdaħħla skrinjata fi ħdan familja komuni ta' prodotti koperti mill-istess liċenzja.

Fir-rigward tal-informazzjoni mitluba mill-fornituri li tista' tkun kummerċjalment sensittiva, l-evidenza mill-fornituri tista' tiġi pprovduta wkoll direttament lill-korpi kompetenti mingħajr ma neċessarjament tipprovdi ċerti dettalji lill-applikant.

### 4.3. **Restrizzjonijiet speċifiċi ta' sustanzi perikolużi għal sustanzi mdaħħla.**

Sakemm ma jkunx hemm deroga fis-subkriterju 4.2, is-sustanzi indikati hawn taħt ma għandhomx jiġu inklużi bħala sustanzi mdaħħla fil-formulazzjoni tal-prodott finali jew bħala sustanzi mdaħħla fl-ingredjenti użati biex issir il-formulazzjoni tal-prodott finali:

(a) Preservattivi jew nixxiefa kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni.

(b) Sustanzi kklassifikati bħala interferenza endokrinali tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 2 għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista kandidata msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, sustanzi identifikati bħala li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, minbarra d-DBNPA (Nru CAS 10222-01-2) fejn jintuża bħala preservattiv fil-bott.

(c) Sustanzi kklassifikati bħala Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi (PBT) jew b'Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB) għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista tal-kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet PBT jew vPvB għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inkluż fil-bnedmin, sustanzi identifikati bħala li għandhom proprjetajiet PBT jew vPvB għall-ambjent u għall-organiżmi ħajjin inklużi fil-bnedmin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(d) Sustanzi kklassifikati bħala sustanzi Persistenti, Mobbli u Tossiċi (PMT) jew Persistenti ħafna u Mobbli ħafna (vPvB) f'konformità mar-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008, sustanzi inklużi fil-lista tal-kandidati msemmija fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 bħala li għandhom proprjetajiet PMT jew vPvM.

(e) Alkilfenoli, alkilfenoletossilati (APEOs, alkylphenol ethoxylates) u d-derivattivi tagħhom, kif imsemmija fl-entrata 43 tal-Anness XIV jew fl-entrata 46 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(f) Sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS, Perfluorinated and polyfluorinated compounds), kif definiti fl-Artikolu 4(42).

(g) Ftalati.

(h) Komposti tal-organotin.

(i) Sustanzi tal-fwieħa li huma pprojbiti jew ristretti fi prodotti kożmetiċi u elenkati fl-Annessi II jew III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

(j) Bisfenoli li ġew identifikati mill-ECHA fil-valutazzjoni tagħhom tal-2021 bl-isem "Assessment of Regulatory Needs report on Bisphenols" għal ġestjoni ulterjuri tar-riskju regolatorju tal-UE li huma magħrufa jew potenzjalment interferenti endokrinali għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, jew li jistgħu jiġu identifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni.

(k) Il-pigmenti użati ma għandhomx ikunu bbażati fuq il-Kadmju, iċ-Ċomb, il-Kromu (VI), il-Merkurju, l-Arseniku, is-Selenju, l-Antimonju jew il-Kobalt. L-impuritajiet li ġejjin minn kwalunkwe pigment użat ma għandhomx ikunu preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali fi kwantitajiet li jaqbżu 0,010 % skont il-piż (għal kull metall): Kadmju, Ċomb, Kromu (VI), Merkurju, Arseniku, Selenju, Antimonju u Kobalt. L-uniċi eċċezzjonijiet għall-użu tal-pigment u l-limitu ta' 0,010 % għall-impuritajiet għandhom ikunu:

— Kobalt: minħabba l-użu ta' Spinell blu tal-aluminat tal-kobalt (Nru CAS 1345-16-0) u pigmenti tal-ispinell blu-aħdar tal-kromit tal-kobalt (Nru CAS 68187-11-1).

— Antimonju: minħabba l-użu ta' pigmenti bbażati fuq in-Nikil tal-Antimonju f'kannizzata tat-$TiO_2$ insolubbli.

(l) Il-formaldeid liberu ma għandux jiżdied intenzjonalment mal-formulazzjoni tal-prodott finali. Il-prodott finali għandu jiġi ttestjat sabiex jiġi stabbilit il-kontenut ta’ formaldeid liberu fih. Għandhom jintgħażlu kampjuni tal-agħar xenarju għall-ittestjar għal kull familja ta’ prodotti li abbażi tagħhom il-prodott huwa previst li jkollu l-ogħla ammont teoretiku ta’ kontenut ta’ formaldeid. Fil-kundizzjonijiet definiti hawn taħt, għandhom ikunu permessi l-limiti totali tas-somma li ġejjin ta’ formaldeid liberu:

— Sa 0,0010 % skont il-piż permess meta jkunu meħtieġa l-bronopol jew preservattivi li huma donaturi tal-formaldeid bħala preservattiv fil-bott biex jiġi protett tip speċifiku ta’ żebgħa jew verniċ

— Sa 0,010 % skont il-piż permess meta d-dispersjonijiet tal-polimeri (leganti) jipprovdu, permezz ta’ livelli residwi ta’ formaldeid, il-funzjoni ta’ donaturi tal-formaldeid minflok preservattivi fil-bottijiet.

— Sa 0,010 % meta ż-żewġ kundizzjonijiet elenkati hawn fuq japplikaw fl-istess prodott.

(m) Mikropartikoli ta’ polimeri sintetiċi (SPMs, Synthetic polymer microparticles, magħrufa b’mod komuni bħala mikroplastiks) kif definiti fl-entrata 78 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), ma għandhomx jintużaw għal finijiet mhux ta’ formazzjoni ta’ riti fi kwalunkwe formulazzjoni ta’ prodott sakemm l-użu u l-iskop tagħhom ma jiġux iddikjarati b’mod espliċitu, flimkien ma’ ġustifikazzjoni għaliex l-użu tagħhom itejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodott taż-żebgħa jew tal-verniċ.

(n) In-nanoforma ta’ $TiO_2$, kif definit fl-Artikolu 4(52), ma għandhiex tintuża bħala ingredjent għal xi skop fi prodotti aerosol.

**Valutazzjoni u verifika:**

(a sa j) L-applikant għandu jiddikjara n-nuqqas ta’ użu tas-sustanzi rilevanti indikati f’dan is-subkriterju, jiġifieri preservattivi CMR, nixxiefa CMR, interferenti endokrinali (minbarra DBNPA), sustanzi PBT u vPVB, sustanzi PMT u vPvM, alkilfenoli u APEOs, PFAS, ftalati, komposti tal-organotin, fwejjaħ u bisfenoli bħala sustanzi mdaħħla fil-formulazzjonijiet tagħhom, appoġġati minn dikjarazzjonijiet mill-fornituri tagħhom dwar in-nuqqas ta’ użu tal-gruppi ta’ sustanzi mhux perikolużi bħala sustanzi mdaħħla fl-ingredjenti fornuti u li jintużaw bħala formulazzjonijiet koperti mill-proċedura tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.

(k) Fil-każ tar-restrizzjonijiet tal-metall tqil mill-pigmenti, l-applikant jew il-fornitur tal-pigment għandu jipprovdi dikjarazzjoni li tiddikjara li la l-pigment innifsu u lanqas kwalunkwe sustanza mdaħħla li tista’ tiġi inkorporata fil-prodott tal-pigment ma huma bbażati fuq il-metalli tqal elenkati. L-applikant jew il-fornitur tal-pigment għandu jipprovdi wkoll rapport tat-test bil-livelli ta’ impuritajiet tal-metall tqil ta’ kampjuni rappreżentattivi tal-pigment fornut. Imbagħad, l-applikant għandu juża dawn ir-riżultati, flimkien mal-% tal-pigment(i) użat(i) fil-prodott finali, biex jikkalkula l-konċentrazzjoni ta’ metalli tqal mill-pigmenti li jifdal fil-prodott finali. Fil-każ ta’ pigmenti eżentati, il-fornitur tal-pigment għandu jiddikjara liema pigment(i) għandu/għandhom l-eżenzjoni (jiġifieri spinell blu tal-aluminat tal-kobalt, spinell blu-aħdar tal-kromit tal-kobalt jew nikil tal-antimonju f’kannizzata tat-$TiO_2$ insolubbli).

(l) L-applikant għandu jiddikjara liema mill-prodotti tiegħu għandu jkollu l-ogħla kontenut teoretiku ħieles ta’ formaldeid f’kull familja ta’ formulazzjoni ta’ prodotti. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-għażla tal-formulatur taż-żebgħa li juża d-donaturi tal-formaldeid bħala preservattivi u dikjarazzjonijiet mill-fornituri fir-rigward tal-ammonti ta’ donaturi tal-formaldeid użati biex jippreservaw l-ingredjenti fornuti (speċjalment il-leganti). Iż-żieda ta’ dawn is-sustanzi (u ta’ kwalunkwe ingredjent ieħor li jirrilaxxa l-formaldeid) mal-formulazzjonijiet tal-agħar xenarju ma għandhiex tirriżulta fil-kontenut ta’ formaldeid liberu fil-prodott finali li jaqbeż il-limitu ta’ konċentrazzjoni rilevanti, kif imkejjel bl-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

(m) L-applikant għandu jipprovdi jew dikjarazzjoni dwar in-nuqqas ta’ użu ta’ SPMs għal skopijiet li mhumiex ta’ formazzjoni ta’ rita jew dikjarazzjoni dwar l-użu tagħhom fil-formulazzjoni tal-prodott. F’każijiet fejn jiġi ddikjarat l-użu ta’ SPMs għal skopijiet li mhumiex ta’ formazzjoni ta’ rita, it-tip, il-kwantità (% piż skont il-piż) u l-iskop għandhom jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni, flimkien ma’ ġustifikazzjoni ta’ kif l-użu ta’ SPMs għal skopijiet li mhumiex ta’ formazzjoni ta’ rita itejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodott. Dawn il-ġustifikazzjonijiet normalment għandhom iqabblu l-prestazzjoni ambjentali tal-istess prodott ma’ SPMs u mingħajrhom għal skopijiet li mhumiex ta’ formazzjoni ta’ rita.

(n) L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqas ta’ użu tal-pigmenti nanoformi ta’ $TiO_2$, appoġġata minn dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tal-pigment tagħhom.

**Kriterju 5. Tagħrif għall-konsumaturi**

5(a) L-informazzjoni li ġejja għandha tidher fuq l-imballaġġ jew għandha tkun mehmuża miegħu:

— Rakkomandazzjoni biex titnaqqas il-ħela taż-żebgħa billi jiġi stmat kemm hemm bżonn ta' żebgħa qabel ix-xiri,

— Kif tistma l-ammont ta' żebgħa meħtieġa qabel ma tixtri sabiex timminimizza l-ħela taż-żebgħa u ammont rakkomandat bħala linja gwida (pereżempju għal 1 $m^2$ ta' ħajt, hemm bżonn X litri ta' żebgħa),

— Miżuri ta' sikurezza għall-utent inkluż rakkomandazzjoni bażika dwar tagħmir protettiv personali li għandu jintlibes u miżuri addizzjonali li għandhom jittieħdu meta jintuża l-prodott,

— Rakkomandazzjoni biex il-prodott jintuża fuq barra jew f'ambjent ventilat,

— Informazzjoni mitluba fis-subkriterju 5(b) jew spjegazzjoni ta' kif wieħed jista' jaċċessa din l-informazzjoni.

5(b) L-informazzjoni li ġejja għandha tidher fuq l-imballaġġ jew għandha tkun imwaħħla miegħu jew tkun disponibbli permezz ta' weblink jew kodiċi QR:

— Kundizzjonijiet xierqa tal-ħażna tal-prodott (qabel u wara l-ftuħ), inkluż, fejn xieraq, pariri dwar is-sikurezza,

— Ġestjoni xierqa tal-iskart taż-"żebgħa li jifdal" u l-imballaġġ (sabiex jiġi limitat it-tniġġis tal-ilma u tal-ħamrija). Pereżempju, test li jagħti parir li ż-żebgħa mhux użata teħtieġ immaniġġar speċjalizzat għal rimi sikur fl-ambjent u għalhekk ma għandhiex tintrema mal-iskart domestiku jew kummerċjali.

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżit u jipprovdi lill-korp kompetenti bix-xogħol artistiku jew bil-kampjuni tal-informazzjoni għall-utent u/jew link jew kodiċi QR għas-sit web tal-manifattur li jkun fiha dan it-tagħrif bħala parti mill-applikazzjoni. Għandu jingħata l-ammont ta' żebgħa rakkomandat bħala linja gwida.

**Kriterju 6. Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE**

It-tikketta fakultattiva b'kaxxa testwali għandu jkun fiha tlieta mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin, skont ir-rilevanza tagħhom:

— Kontenut minimizzat kemm jista' jkun ta' sustanzi perikolużi,

— Kontenut imnaqqas ta' komposti organiċi volatili (KOV): x g/l,

— Prestazzjoni tajba għall-użu fuq ġewwa (għal prodotti ta' ġewwa), jew

— Prestazzjoni tajba għall-użu fuq barra, (għal prodotti ta' barra) jew

— Prestazzjoni tajba kemm għall-użu fuq ġewwa kif ukoll fuq barra (għal prodotti adatti għall-użu fuq ġewwa u fuq barra).

Il-linji gwida għall-użu tat-tikketta fakultattiva b'kaxxa testwali jistgħu jinstabu fil-"Linji Gwida għall-Użu tal-Logo tal-Ekotikketta" f'dan is-sit web:

http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo_guidelines.pdf

**Valutazzjoni u verifika:**

L-applikant għandu jipprovdi kampjun tat-tikketta tal-prodott jew tax-xogħol artistiku tal-imballaġġ fejn titqiegħed l-Ekotikketta tal-UE, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.